# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Ġunju-Lulju 2009 ✱ LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 64 SENA ✱ Nru. 909



## L-iskop "veru" tal-Festi... Qed nilħquh jew nitilfuh?

# Żomm Tifkira tas-SENA PAWLINA

## Skont ta' 25% fuq il-prezz ta' dawn il-kotba






*Studju dettaljat ta' Mons. Lawrenz Sciberras. "Xogħol tassew prestiġjuż". €7*

*Xogħol ta' Kevin J. Hanlon dwar l-Ittri ta' San Pawl, Ragħaj li għadu jiggwida l-insara. €4*







*Ktieb klassiku tal-Biblista famuż Mons. Ronald Knox fuq it-tagħlim teoloġiku ta' San Pawl. €5*




*L-Ewwel Ittra lill-Korintin, rigal ta' l-Isqof lill-Għawdxin. Kopji extra b'donazzjoni libera.*




*Ktejjeb ideali għall-kbar u għaż-żgħar, b'qari ħafif, kollu kulur fuq il-ħajja ta' San Pawl. €2*

*Żewġ kotba għat-tfal, wieħed ta' attivitajiet u ieħor għat-tpinġija. €2 u €1.50*







SENA PAWLINA 2008 - 2009

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 909*
*Ġunju-Lulju 2009*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
Osservazzjonijiet • 20
Speċjali Sena Pawlina (12) • 22
Kotba Ġodda • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**SUPPLIMENT FOTOGRAFIKU**
Solidarjetà Nisranija (1) • 28
Snajja Qodma (21) • 30
Mil-Lenti tat-Telekamera (1) • 32
Għaqda Poeti Maltin • 34
Wirt Għawdex • 35
Passiġġata Biblika (47) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (16) • 40
Għawdex 300 sena ilu (174) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (10) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (10) • 44
Irqaqat mill-Imgħoddi • 46
Essej • 47
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Għawdex max-Xhur • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Lynda Caton Roseblade, Dun Ġwann Sultana, Wirt Għawdex, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Aspetti ta' Festa Għawdxija. Ħajr lil Noel Borg u Michael Mizzi.*
**Suppliment:** *B'ħajr lil Ted Attard.*




# *Is-Saċerdot ma' Ġenbna*

*Is-sejħa għas-saċerdozju fiha l-misteru. Fiha l-misteru għax il-Mulej isejjaħ, mhux lil min f'għajnejna jidher li jixraqlu, iżda lil min jidhirlu Hu u jogħġob Lilu. Kull sejħa hi misterjuża wkoll fl-impuls intern, fil-qalba ta' qalb il-bniedem u fit-tweġiba partikolari u personalizzata li kull imsejjaħ jagħti.*

*Fid-dinja li qed ngħixu fiha, l-aċċettazzjoni tas-sejħa hija wkoll miraklu. Il-kultura madwarna għamlet id-divertiment u l-pjaċir l-ogħla u l-oħla għan tal-ħajja, u l-għan aħħari tagħha; hi kultura li tinnamrana mad-divertiment u mal-pjaċir tant li saħansitra naslu biex immutu għalihom. Min jilqa' s-sejħa għall-vokazzjoni saċerdotali jkun lest li jinjora dan kollu; mhux jinjorah passivament, imma bħal Ulisse, il-protagonist ta' Omeru, isodd widnejh, jgħatti għajnejh u jintrabat ma' l-arblu tad-dgħajsa sabiex ma jinġibidx mill-għanja tas-sireni.*

*Iżda għall-imsejjaħ, id-dgħajsa hija d-dgħajsa ta' Pietru, u l-arblu tad-dgħajsa hu s-Salib ta' Kristu. Għaliex is-saċerdozju jeżiġi l-għoti tal-ħajja, jekk mhux f'mument qasir u erojku bħal ta' Massimiljanu Kolbe, fil-qadi fit-tul u bla heda, moħbi u bla fanfara, tal-pastorali kontinwa bħal dik ta' Giovanni Maria Vianney. Hu qadi li jherri kieku mhux għax l-Ispirtu ta' Kristu jsostni biex l-għotja tingħata bil-ferħ u bl-imħabba.*

*Is-saċerdot huwa medjatur bejn Alla u l-poplu tiegħu. Aħna li nemmnu, din id-dinjità mhux dejjem nagħrfuha u nistmawha kif suppost. Forsi għaliex għandna s-saċerdot ma' ġenbna u s-servizz tiegħu ta' medjazzjoni bejna u Alla qatt ma jiġi nieqes. Drajna, għalhekk, lis-saċerdot neħduh "for granted". Sant Wistin isejħilha "dinjità venerabbli" u jgħid li "f'idejn is-saċerdot l-Iben t'Alla jinkarna mill-ġdid bħalma qabel inkarna fil-ġuf ta' Marija." Ħadd mill-membri kollha tal-Knisja, fid-diversi ministeri tagħha, ma jista' jinjora jew jittratta din id-dinjità b'indifferenza – la min iġorrha u lanqas min jistenniha f'dawk li għandhom iġorruha. It-traskuraġni għad-dettall fl-imġiba lejha tbaxxiha aktar milli tbaxxi kwalunkwe karriera, professjoni jew vokazzjoni oħra. Il-ħidma tas-saċerdot hija l-medjazzjoni għall-qdusija – azzjoni b'impenn għall-perfezzjoni, iżda li tabilħaqq teżiġi saqajn fl-art u ħsieb fis-sema. Madankollu, hu stess mhux perfett.*

*Is-saqajn fl-art huma meħtieġa għas-servizz lill-aħwa, iżda bħal kull par saqajn oħra li jterrqu fis-soċjetà, tiegħu wkoll jistgħu jinbarmu minn xi pass żbaljat. Meta jiġri hekk, ukoll jekk it-twissija xierqa għandha ssir u ssir f'waqtha, min tabilħaqq jemmen m'għandux jeħda fi kritika spjetata, mingħajr ħniena jew mogħdrija. L-atteġġament ta' min jemmen fid-dinjità tas-saċerdozju għandu jkollu, ftit jew wisq, minn dak li jesprimi San Franġisk t'Assisi : "Li kieku kelli l-għerf ta' Salamun, u kont niltaqa' ma' saċerdoti ta' min jitħassarhom, ma kontx nipprietka kontra r-rieda tagħhom fil-parroċċi tagħhom... Imqar jekk huma kellhom jippersegwitawni, xorta waħda kont nirrikorri għandhom".*

*Kull nisrani, li jixraqlu l-isem, ikun jixtieq li jirrikorri għand is-saċerdot fil-punt tal-mewt. Imma s-saċerdot jaqdina ħajjitna kollha.*

*Din is-sena ddedikata lis-saċerdozju mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI għandha sservi ta' mument qawwi ta' riflessjoni dwar kemm iħobbna Alla f'tant saċerdoti li jservuna!*

**Joseph W. Psaila**






***Anthony George Caruana ordnat Djaknu ġewwa Ruma***

Nhar il-Ħadd 26 t'April, Anthony George Caruana ġie ordnat Djaknu mill-Arċisqof ta' Glasgow Mons. Joseph Mario Conti ġewwa l-i*Scotts College* f'Ruma. Anthony huwa żagħżugħ mix-Xagħra li huwa inkardinat mad-Djoċesi ta' St Andrews, f'Edinburgh fl-Iskozja, u li għal dawn l-aħħar snin kien jistudja bħala seminarist fil-kulleġġ li l-Knisja Skoċċiża għandha ġewwa Ruma. L-



ordinazzjoni bdiet fil-11.00am, u għaliha, minbarra l-familjari ta' Anthony, kienu preżenti wkoll għadd ta' saċerdoti u d-djakni Għawdxin, fosthom l-Arċipriet tax-Xagħra Mons. Carm Refalo.

***Id-Djoċesi ta' Għawdex tiċċelebra 'Jum il-Papa'***

Nhar il-Ħadd 26 t'April 2009, fil-Katidral t'Għawdex sar pontifikal li tmexxa min-Nunzju Appostoliku għal Malta, l-Isqof Mons. Tommaso Caputo S.J. sabiex jitfakkar 'Jum il-Papa' u hekk il-Knisja f'Għawdex titlob flimkien għar-Ragħaj tagħha. Man-Nunzju ikkonċelebraw ukoll Mons. Isqof Mario Grech, l-Isqof Emeritus Mons. Nikol Ġ Cauchi, flimkien ma' għadd ta' saċerdoti Għawdxin. Fost il-ġemgħa miġbura kien hemm bosta reliġjużi kif ukoll membri ta' kunsilli parrokkjali tal-parroċċi. Fl-omelija li għamel, Mons. Caputo stqarr li l-quddiesa li kien qed jiċċelebra kellha tifsira qawwija għaliex din turi x-xewqa tal-Knisja Għawdxija li tkun f'għaqda sħiħa mal-Papa u li tilqa' t-tagħlim tiegħu.



***Velja b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi***

Fi żmien il-Għid, il-Knisja tiddedika Ħadd speċjali sabiex fih isir talb għal iktar vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Dan jissejjaħ il-'Jum Dinji ta' talb għall-vokazzjonijiet', li s-sena ħabat il-Ħadd 3 ta' Mejju. Bi tħejjija għal dan il-jum, is-Seminarju t'Għawdex organizza velja djoċesana ta' talb għall-vokazzjonijiet, li saret nhar il-Ħamis 30 t'April ġewwa l-parroċċa tal-Munxar. Din il-velja kienet immexxija mill-Isqof Mario Grech flimkien mar-rettur tas-seminarju Dun Daniel Xerri u l-kappillan tal-Munxar Dun Tonio Galea. F'din il-velja kien hemm qari mill-Kelma t'Alla, talb speċjali għall-vokazzjonijiet, inqraw siltiet mill-messaġġ tal-Papa għal dan il-Jum, u omelija qasira mill-Isqof marbuta ma' din it-tema. Din il-velja intemmet b'talb quddiem Ġesù Sagramentat u bil-barka sagramentali. Sehem speċjali tawh is-seminaristi, l-istudenti tal-pre-seminarju, kif ukoll l-istudenti li jattendu fil-gruppi tal-vokazzjonijiet.

***Ifakkru l-ewwel sena ta' ħidma***

Ix-*Xagħra Scout Group*, il-Ħadd 17 ta' Mejju 17, filgħodu, fakkru egħluq l-ewwel sena mir-riattivazzjoni tiegħu. Dan sar bħala parti mill-festi ċentinarji marbuta ma' San Ġwann Bosco patrun taż-żgħażagħ. Iċ-ċerimonja bdiet b'parata miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ sal-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, fejn l-Arċipriet u *Chaplain* tal-grupp Mons. Carmelo Refalo mexxa quddiesa konċelebrata ta' Radd il-Ħajr flimkien ma' Fr. Jesmond Gauci.

L-Arċipriet wara li għamel l-omelija dwar il-Vanġelu tal-ġurnata, introduċa tlett *leaders* tal-grupp, Josmar Azzopardi (Akela),Daniela Sultana (Raksha) u Loraine Borg (Chil), li lkoll taw tifsira mill-esperjenza tagħhom tal-wegħda tal-i*Scouts*, jiġifieri, kif fil-kuntest tal-Vanġelu



*Ix-Xagħra Scout Group fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina*

li nqara dakinhar, qed jaqdu dmirhom lejn Alla, lejn Art Twelidhom u li jgħinu lil ħaddieħor f'kull ħin.

Qabel il-Kredu, il-Grupp *Scout Leader* Vincent Vella mexxa ukoll iċ-ċerimonja tat-tiġdid tal-wegħda ta' lealtà lil 75 membru preżenti. Imbagħad waqt l-offertorju ttella' u tpoġġa bukkett fjuri bojod quddiem l-istatwa ta' Marija Bambina bħala ringrazzjament ta' dan l-ewwel Anniversarju.

***Festa tal-Madonna ta' Pompej***

Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna Ta' Pompej, iffestiġġjata fis-Santwarju iddedikat lilha, fir-Rabat, Għawdex, Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, irreċita s-Supplika tal-Madonna Ta' Pompej u mexxa konċelebrazzjoni flimkien ma' ċerimonja tat-tberik u t-tqassim tal-ward tal-Madonna lil dawk preżenti. Wara Mons. Isqof Cauchi ltaqa' mal-Komunità tas-Sorijiet Dumnikani, fil-kunvent tagħhom.

L-omeliji tat-tridu tal-festa saru mill-Kanonku Ġorġ Bezzina, mir-Rabat, Għawdex, ex-kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana, waqt li l-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci, mexxa t-translazzjoni u l-quddiesa konċelebrata ta' lejliet il-festa.

Il-mużika ta' lejliet il-festa kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel Grech, waqt li dik ta' nhar il-festa kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Colin Attard.



*Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, f'ritratt tal-okkażjoni mal-Komunita' Dumnikana, fil-Kunvent tagħhom, fir-Rabat, Għawdex, hekk kif spiċċat il-funzjoni ta' nhar il-festa*

*Id-Direzzjoni tar-Rivista*
*"Il-Ħajja f'Għawdex"*
*tagħti l-isbaħ xewqat lil*
*Mons. Isqof Mario Grech*
*fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.*

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**

Gozo Truck Transport

Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

MARIO
DISPENSING OPTICIANS

**57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.**
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

**BOGI AUTO LTD**

- **Spare Parts**
- **Batteries**
- **Accessories**

**J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo**
**Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073**

## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# L-Evanġelizzazzjoni bħala s-servizz tal-Knisja lill-Bniedem

*Omelija ta' Mons. Isqof, Velja ta' Pentekoste - Quddiesa tal-Vġili, Pjazza tal-Vitorja, Xagħra - Is-Sibt, 30 ta' Mejju 2009*



*Il-bniedem tal-lum għandu ħafna mistoqsijiet*

Min huwa l-bniedem? Il-kittieb Edmond Jabes jgħid li l-bniedem tal-lum jismu "domanda", għaliex huwa kontinwament qiegħed jistaqsi u jfittex. Ħajtu hija damma ta' mistoqsijiet, waħda wara l-oħra. Sakemm il-bniedem ma jsibx risposta u ma jiltaqax mal-verità, la ħa jsib mistrieħ u lanqas ħa jkun ħieles. Fin-nuqqas ta' twegiba bis-sens, il-bniedem jibqa jitfixkel l-identità tiegħu.

Nitlobkom biex illejla b'kuraġġ titfgħu l-ħarsa tagħkom fuq is-soċjetà tagħna u taraw jekk din id-deskrizzjoni tapplikax għal ġensna. Forsi ma nindunawx bid-domandi li qed jagħmel il-ġar tagħna, imma żgur li nindunaw li dak ta' ħdejna għadu ma sabx is-serħan u għadu mhux ħieles.

Il-bniedem tal-lum jismu "domanda" u qed jagħmel mistoqsijiet serji ħafna. Huwa qed jistaqsi dwaru nnifsu: Aħna min aħna? Min huwa l-bniedem? Qiegħed jistaqsi min hi l-familja u x'inhi l-familja. Qed jistaqsi dwar kif għanda tkun l-imġieba tiegħu, u allura qed jagħmel domandi dwar l-etika u l-morali. Il-bniedem qiegħed jagħmel mistoqsijiet mill-aktar profondi dwar Alla u jistaqsi dwar il-ħajja tal-Ispirtu. Għandu domandi dwar il-Knisja u n-nies tal-Knisja!

Għeżież tiegħi, din hija r-realtà atwali, mhux biss tagħna personalment imma wkoll tal-komunità tagħna u tas-soċjetà tagħna.

Quddiem din ir-realtà nħoss li kemm jien, bħala Ragħaj spiritwali, u kemm intom bħala membri fil-Knisja, għandna responsabiltà li ngħinu. Quddiem Alla u quddiem il-bnedmin, il-Knisja għandha piż fuq spallejha għaliex suppost li għandha u qed toffri risposta għal ċerti domandi.

Imma l-fatt li llum il-bniedem għadu jagħmel dawn il-mistoqsijiet, jista' jfisser li t-tifsira u t-tweġibiet li tajna sal-lum jew għadhom ma nftehmux – għadhom ma waslux u ma messewx il-moħħ u l-qalb tal-bniedem; jew forsi tajna risposti li ma jagħmlux sens biżżejjed. Jista' jkun ukoll li fostna hemm min ta tweġibiet qarrieqa u żbaljati! Huwa għalhekk li l-bniedem għadu ma sabx is-serħan u għadu skjav u m'għandux il-libertà.

*Il-Knisja tilqa' biex toffri l-verità rivelata*

F'dan il-lejl qaddis, il-Knisja ssejjaħ lill-Ispirtu s-Santu biex, kif qal Kristu, ifakkarna f'dak kollu li għaddielna l-Mulej Ġesù. L-Ispirtu s-Santu joffrielna dan it-teżor tal-vertià mhux biex inżommuh għalina, imma biex aħna llum nagħtu dan is-servizz: li noffru lis-soċjetà tagħna u lil ħutna dawk it-tweġibiet għal dawn id-domandi eżistenzjali li qed itaqqlu l-qalb tal-bniedem. Jekk il-bniedem ma jsibx risposta għalihom (mingħand il-Knisja), ser ikompli jfittixhom bnadi oħra! Huwa fatt li hemm għalliema u għejun oħra ta' informazzjoni li mhumiex għalliema u għejun li jwasslulu s-sewwa. Dawn mhux biss ma jagħtuhx serħan u ħelsien imma jkomplu jgħarrquh.

L-Ispirtu s-Santu lill-Knisja jagħtiha d-dawl u jgħinha ħalli tapprofondixxi iktar dak il-patrimonju evanġeliku li ħallielna Kristu. Kif Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli, hekk ukoll illejla Ġesù qed jibagħtu fuqna u fuq il-Knisja u qed jgħidilna: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu u morru xandru l-Bxara t-Tajba".

*Evanġelizzazzjoni*

L-Evanġelizzazzjoni mhijiex xi aspett jew parti mill-missjoni tal-Knisja, imma hija l-istess missjoni tagħha. Gwaj jekk il-Knisja ma tkunx Knisja li tevanġelizza. Bil-vanġelu f'idejha, il-Knisja tgħin lill-bniedem isib risposta għal dawk id-domandi li hemm fil-qalb. It-tweġibiet li għandha toffri l-Knisja jimbuttaw lill-bniedem mhux tant biex jikseb aktar għarfien, imma ħalli jiltaqa' ma' Kristu, u hekk isseħħ dik il-laqgħa mal-Iben ta' Alla.

Kif jikteb il-Papa Pawlu VI fl-*Evangelium Nuntiandi*, min għandu f'idejh l-Evanġelju awtentiku jikseb qawwa biex jibdel il-kriterji ta' ġudizzju, il-valuri determinanti, il-linja tal-ħsieb u l-mudelli tal-ħajja. Jekk, minkejja li nippriedkaw jew nisimgħu l-Evanġelju, ma jkunx hemm din il-bidla, allura bir-raġun wieħed għandu jissuspetta kemm huwa awtentiku l-Evanġelju li hu jħaddan!

Min jiltaqa' ma' Kristu għandu tweġiba ta' x'inhu l-bniedem u ta' x'inhi dik is-soċjetà bażika li fiha jitwieled u jikber u jsir jaf lilu nnifsu: il-familja. Meta l-bniedem jiltaqa' ma' Kristu jsir jaf x'inhuma dawk ir-regoli etiċi u morali li qegħdin hemm mhux għax xi ħadd imponihom fuqu, imma huma miktuba fil-qalb umana u joffru direzzjoni biex il-bniedem ikun bniedem. Min tassew jiltaqa' ma' Kristu ma jistax jibqa' barra mill-Knisja vera, u jagħraf jgħix is-sejħa tiegħu fi ħdanha.

Hemm bżonn li f'din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni ngħinu lil ħutna jiskopru l-wiċċ veru ta' Alla: Alla mhux xi għadu tal-bniedem imma huwa l-ħallieq; huwa kollu tjubija u jrid jakkumpanja lil kull bniedem biex iwasslu għall-għarfien sħiħ tas-sewwa u hekk jissodisfa dawk id-domandi li hemm fil-qalb tiegħu.

*L-esperjenza tal-Missjoni Djoċesana*

Għall-grazzja ta' Alla matul din is-sena pastorali l-Ispirtu s-Santu ħadem fina b'mod iktar qawwi fil-Missjoni Djoċesana li llejla qegħdin nikkonkludu. Matul ix-xhur li għaddew, rajna diversi waqtiet fejn stajna nintebħu kemm din hija l-Knisja ta' Alla fostna u li l-Ispirtu s-Santu għadu jqajjem dak il-għadam li ra Eżekjel (ara Eżek 37) u jlibbsu bil-muskolatura u bil-laħam. Rajna ħafna fostkom il-lajċi li wiegħbu b'ġenerożità għas-sejħa li għamlilkom il-Mulej, saħħaħtu l-muskolatura tagħkom, ħriġtu dduru mat-toroq ta' gżiritna u għamiltu dawk iż-żjajjar fil-familja biex għentu lil tant nies jibdew jiskopru l-fatt li fil-Knisja hemm tweġiba għal dik id-domanda li għandhom fil-fond ta' qalbhom!

Jien nista' ngħidilkom li minn dak li qaluli sħabi l-kappillani l-Missjoni Djoċesana ma ġietx għalxejn! Konsegwenza taż-żjajjar tagħkom il-laj'i fil-familji, il-kappillani raw li fiż-żmien tar-Randan kotru dawk li marru għall-Eżerċizzi biex jisimgħu x'inhu jgħid Alla lill-bniedem llum! Qaluli li raw differenza fil-parteċipazzjoni għall-quddies tal-Ħadd. Ma ninsewx li wieħed mill-għanijiet tal-Missjoni Djoċesana kien li niskopru u napprezzaw l-Ewkaristija tal-Ħadd. Qaluli u għadhom jgħiduli – għaliex għadhom deħlin ir-rapporti tat-tberik tal-Għid – li raw f'ħafna familji sinjali li jixhdu ħajja ta' mħabba u entużjażmu għal Kristu.

Ta' dan kollu jien irrid inrodd ħajr lil Alla l-Imbierek u lilkom, ħuti fis-saċerdozju, reliġjużi u lajċi. Jekk f'din il-Missjoni tqaddisna aħna, diġà għamilna xi ħaġa kbira; jekk dewwaqna ftit mill-ħlewwa u l-benna ta' Alla biex il-bniedem jersaq għandu ħalli jiskopri r-risposta għal dawk id-domandi li hemm fil-qalb tiegħu, għamilna xogħol qaddis u Alla biss jaf x'ġid ħareġ jew jista' joħroġ.

*Mill-Missjoni Djoċesana għal missjoni kontinwa ta' evanġelizzazzjoni*

Il-ħidma tal-evanġelizzazzjoni hija waħda permanenti! Proprju fil-fażi tat-tberik tal-Għid, il-kappillani għamlu diversi proposti dwar x'forma ta' evanġelizzazzjoni u ta' katekeżi sejra tipproponi l-komunità parrokkjali lill-aħwa – dejjem bil-għan li ngħinu lill-bniedem isib it-tweġiba għall-mistoqsijiet fundamentali tal-ħajja. Mhux biżżejjed li l-Knisja tagħmel il-proposta, imma jeħtieġ li jkun hemm min jilqa' din il-proposta u dan l-impenn. Għalhekk illejla nappellalkom biex twasslu dan il-messaġġ u biex tagħrfu tapprezzaw dawk il-waqtiet ta' evangelizzazzjoni u ta' katekeżi possibilment fuq bażi permanenti. Ħeġġu oħrajn ħalli b'dan il-mod prattiku aħna nippruvaw nagħtu dan il-qadi.

B'dan il-mod aħna jirnexxielna, b'differenza minn dawk in-nies ta' Babel li bnew belt mingħajr Alla – bil-konsegwenzi kollha li ġġib magħha għażla bħal din, – aħna jirnexxielna nikkontribwixxu biex il-belt ta' Alla – li diġà qegħda fostna – tidher iktar bħala dik li tħaddan fiha lil kull persuna, b'tali mod li l-ħajja tagħna lkoll tkun ta' glorja għal Alla u ta' qadi għal ħutna l-bnedmin.

*Kummentarju (1)*

# *Festi li 'suppost' jagħtu ġieħ lill-Qaddisin u jagħmlu unur lilna...*





*kitba ta'* **EUCHAR MIZZI**

**Intqal ħafna fuq il-Festi Titulari ta' pajjiżna matul is-snin. U dan ingħad minn kull sezzjoni tal-poplu tagħna. Tkellmet il-Knisja lokali permezz tal-membri tagħha kemm dawk fil-Ġerarkija kif ukoll il-lajċi mpenjati. Tkellmet l-Amministrazzjoni tal-Pajjiż – membri tal-Gvern u anke tal-Oppożizzjoni. Tkellmu d-dilettanti tal-festi – nies involuti fil-logħob tan-nar, nies fil-Kumitati tal-Baned, u parruċċani oħra li b'xi mod jew ieħor ikunu nvoluti fil-preparamenti u ovvjament fl-eżekuzzjoni tagħhom. Tkellmu wkoll dawk opposti għalihom, bħal per eżempju l-għaqdiet tal-morda, u nies oħrajn li huma min-natural tagħhom xettiċi, anzi ngħid ċar u tond li huma espressament kontra l-festi. Kulħadd qal dak li ħass li għandu jgħid, favur jew kontra.**

### *Seminar*

Fl-14 ta' Frar li għadda l-Kulleġġ tal-Kappillani ta' Malta organizza seminar dwar il-festi esterni. Huwa importanti ħafna li wieħed jagħtih daqqa t'għajn, almenu għar-rapport li deher fil-"Ġens" tat-28 ta' Frar 2009. Kien seminar informattiv u interessanti ħafna. Fih, apparti l-istess Kappillani, interviena wkoll il-Pro Vigarju Mons. Anton Gouder kif ukoll l-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona. L-Arċisqof stieden lill-organizzaturi tal-festi biex l-imħabba li għandhom lejn il-parroċċa u lejn il-patrun tkun tista' tesprimi ruħha wkoll matul is-sena, bħal ngħidu aħna fil-quddiesa tal-Ħadd, billi jkun hemm ħafna iktar li jgħinu biex din il-liturġija tkun kif jixraq, u biex imbagħad tilħaq



il-qofol tagħha fil-mument li tiġi ċċelebrata l-festa tal-post fejn ikunu jgħixu. Hawn saret riferenza għad-diversi dokumenti li l-Knisja ħarġet matul is-snin fuq is-suġġett.. Identifikat sitt prinċipji li fuqhom għandha tiġi mmexxija l-festa. Elenkat il-kollaboraturi (*stake holders*) li jinvolvu ruħhom fihom. Finalment issemmew l-azzjonijiet li għandna nieħdu flimkien u saru r-ringrazzjamenti u fl-istess ħin l-appelli lill-Pulizija, Każini tal-Baned u Kmamar tan-Nar.... Meta se jsir seminar bħal dan fid-djoċesi tagħna?

### *Il-President ta' Malta*

Dan l-aħħar tkellem ukoll il-Kap tal-Istat Malti, l-Eċċellenza Tiegħu, Dr. George Abela, President ta' Malta, waqt diskors li kien qed jagħmel fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Publiju fil-Furjana Malta. Il-President George Abela għamel '*statement*' ċar, onest, sinċier u anke iebes. Huwa qal li ma jixtieqx li jattendi għall-Festi Parrokkjali f'dawk il-bliet jew irħula li fihom normalment ikun hemm il-firda jew piki. Huwa kompla jgħid li l-festi għandhom jibdew isiru b'sens ċiviku, bl-iskop ewlieni tagħhom ikun wieħed li joħloq l-unità u l-ferħ. Il-President Abela kompla jgħid li fil-jiem li ġejjin huwa ser ikollu laqgħat mal-Assoċjazzjoni tal-Baned, dilettanti tan-nar, il-pulizija u l-Kulleġġ tal-Kappillani sabiex jiddiskuti kif il-festi fl-irħula jistgħu jimmeljoraw. Fil-fatt, Dr. Abela attenda laqgħat kemm mal-Kappillani f'Malta u anke f'Għawdex fejn kompla jisħaq u jelabora dwar il-validità ta' dan il-punt imqajjem minnu, fejn talabhom biex ilkoll niġbdu ħabel wieħed.

### *Xi Mistoqsijiet...*

Fil-verità, il-festi tagħna li huma festi reliġjużi, qegħdin verament jirriflettu u joħorġu fid-deher l-aspett reliġjuż mistenni minnhom? Il-poplu tagħna qiegħed jipprepara ruħu u jipparteċipa kif mistenni, fl-attivitajiet u funzjonijiet reliġjużi li jiġu organizzati matul il-ġimgħa tal-festa tal-lokalità? Il-parruċċani tal-festa, qegħdin jiffesteġġjaw il-festa, bi qrara, tqarbina u xi atti ta' karità lil dawk fil-bżonn matul il-jiem tal-festa? Qegħdin inkunu ta' eżempju Kristjan għal dawk fosthom it-turisti li jiġu jaraw jew igawdu l-festa tal-Qaddis tagħna? Il-Qaddisin li għalihom qed norganizzaw dawn il-festi b'imħabba, sagrifiċċju u mpenn kristjan, qed nagħtuhom ġieħ u qima li tixirqilhom kif mistenni f'dawn il-jiem? Wara li tgħaddi l-festa, il-

komunità nisranija tat-tali belt jew raħal qed iħossuhom spiritwalment xi ftit aħjar milli kienu qabel il-festa? Finalment, il-festi tagħna qed jilħqu l-iskop li għalihom qed ikunu organizzati, ċioe' li bihom tingħata glorja u adorazzjoni lil Alla l-Imbierek li minnu ġej, u li fiH u biH iżomm kull ma hu maħluq?

Dawn huma mistoqsijiet li wieħed irid iwieġeb sabiex jara jekk verament aħniex korretti fil-mod li qed niċċelebraw il-festi tagħna. Jekk ir-risposta bbażata fuq is-sinċerità u formazzjoni nisranija awtentika hija waħda pożittiva, allura għandna għax inkunu ferħanin u mberkin aħna. Jekk min-naħa l-oħra, jirriżulta li dan il-għan mhux talli mhux jintlaħaq, iżda talli qed iħalli effett kuntrarju għal dan, jiġifieri wieħed anti – kristjan u profan, allura hawn irridu nieqfu u niflu bir-reqqa x'qed nagħmlu fil-verità u mmedjatament nippruvaw nirranġaw u nikkoreġu dak li mhux pożittiv, dak li minflok inissel l-għaqda u l-ferħ nisrani, qed inissel il-firda u l-iskandlu fost il-poplu tagħna u madwarna.

***Xi Stonaturi...***

Niġu issa għar-realtà tal-festi tagħna. Jekk irridu nkunu onesti u korretti qatt ma nistgħu niġġeneralizzaw. Però jekk nirreferu għall-funzjonijiet interni li jinżammu fil-knejjes tagħna, naħseb li l-parti l-kbira tagħhom jekk mhux kollha, huma funzjonijiet tajbin, pożittivi, sbieħ u li jħallu l-ġid spiritwali, kulturali u anke soċjali. Veru li għadek issib minn juża l-ambone biex iwieġeb lil xi ħadd li ma jaqsamx l-istess ideat tiegħu, jew forsi tant jintrikeb mill-parrokkjaliżmu li l-aġir tiegħu jista' flok iferrex il-paċi, jiżra' xi ftit pika barra minn lokha li ma tagħmilx ġid. Dan għandna nagħmlu ħilitna sabiex neliminawh minn qabel. L-istess, riferenzi lejn parroċċi oħrajn ġirien, jew m'humiex, li b'xi mod joħolqu firda jew diżgwid għandhom jibqgħu barra mill-aġenda tal-festi nsara tagħna. Dwar dan, il-kleru jrid joqgħod attent ħafna u jikkontrolla l-emozzjonijiet u anke l-provokazzjonijiet li kultant jitfaċċaw. Ma ninsewx li dellhom huwa aktar tqil, minkejja l-fraġilità umana tagħhom.

***Xi Eżaġerazzjonijiet....***

F'pajjiżna, il-festi tagħna huma attrazzjonijiet turistiċi mill-aqwa. Dan l-aktar li jiġi osservat waqt l-attivitajiet festivi esterni li jsiru matul il-jiem tal-festa. Anke hawn, l-irħula tagħna jiġu mżejna b'armar verament artistiku u ta' attrazzjoni mill-aqwa. Dan fih innifsu ma fih xejn ħażin. Però nafu wkoll li fuq il-festi esterni qed jintefqu eluf kbar ta' Ewro li, ngħiduha kif inhi, ikun hemm eżaġerazzjonijiet ftit jew wisq. Dan l-aktar li jseħħ huwa fl-ispiża tal-logħob tan-nar jew fin-numru kbir ta' baned li jiġu mistiedna. Ngħiduha kif inhi, kemm in-nar kif ukoll il-baned huma element essenzjali li jikkostitwixxi festa kif nafuha aħna. Però ma nistgħux ma nsemmux l-isparar eżaġerat ta' murtali tal-bomba, jew agħar minn hekk tal-ġelatina, li m'hemmx dubju li jaffettwa ħażin ħafna lill-morda tagħna, lix-xjuħ u anke lit-tfal ċkejknin. Anke ċerti ħinijiet tal-mistrieħ għandhom ikunu meħlusa minn dan l-inkonvenjent. Hawn hemm bżonn tal-moderazzjoni li hija



l-kejl mhux biss tan-nisrani iżda ta' kull ċittadin onest, responsabbli u serju.

***Xi Abbużi Ġodda....***

L-istess ngħidu għall-marċijiet. Mużika sabiħa, ferreħija u li tagħmel festa mill-aqwa. Imma hemm għalfejn niskru b'tali mod li ma nibqgħux responsabbli ta' għemilna? Hemm għalfejn ninżgħu qisna fuq il-plajja ħdejn il-baħar? Dan jgħodd kemm għall-irġiel u kemm għan-nisa. Aqbeż u ddeverti b'mod meqjus, ċivili u divertenti. Anke x'ngħidu u x'inkantaw irridu nikkontrollaw. Xejn offensiv, xejn abbużiv u xejn insulenti. Nifirħu mela le, nifirħu bil-festa tagħna, bir-raħal tagħna, bil-Qaddis/a tagħna. Fuq kollox il-ferħ tagħna għandu jferraħ anke lil dawk li jogħġobhom jiġu jifirħu magħna u mhux jiddieħku u jitkażaw bina.

Xi ħaġa oħra li ddaħħlet dan l-aħħar u qed toħloq skuntentizza u anke kultant tbatija huma l-famużi '*Discos*' fil-jiem tal-festa, l-aktar wara li jispiċċaw il-marċijiet wara nofsillejl. M'hemmx għalfejn ngħid li x'uħud minnhom idumu jdamdmu sa' tard ħafna bil-lejl. Dawn huma affarijiet inaċċettabli u miċħuda anke mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, u l-awtoritajiet ċivili għandhom iżommu dawn l-affarijiet milli jsiru.

Il-poplu tagħna huwa magħruf għall-ospitalità, l-okkoljenza, il-ħbiberija u għall-ġenerożità tiegħu. Ejjew inkomplu nżommu dawn il-kwalitajiet sbieħ li huma nnutati u apprezzati ħafna mill-barranin. Il-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-ħajja tagħna huma prinċipji sodi msejsa fuq il-morali nisranija. Prinċipji li writna minn għand missirijietna u li aħna għandna nkunu kburin bihom. Ejjew ma nkasbrux it-tradizzjonijiet sbieħ b'imġieba pagana.

**Ejjew nuru bil-fatti li aħna nsara awtentiċi u mhux ta' konvenjenza. Jiddependi minna jekk il-festi 'nsara', kif suppost li huma, jinbidlux f'bakkanalja li tpaxxi aktar lix-xitan milli lil Alla u lill-qaddisin.**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Il-Ministeru għal Għawdex iniedi skema għar-Restawr ta' Rdieden tar-Riħ*

Il-Ministeru għal Għawdex nieda skema għar-restawr ta' rdieden tar-riħ, li għandha l-għan li tivvaluta tradizzjoni prattika ta' l-applikazzjoni ta' l-użu ta' l-enerġija rinovabbli. L-iskema ta' għajnuna għar-restawr ta' rdieden tar-riħ hija ntiża li tissussidja r-restawr ta' dan it-tip ta' rdieden li jinsabu f'għelieqi ġewwa Għawdex, filwaqt li tippromoviha bħala miżura sostenibbli tradizzjonali li għadha valida ankè llum. Din l-iskema ġiet imnedija wkoll bħala inizjattiva fil-kuntest tal-viżjoni eko-Għawdex.




Waqt konferenza ta' l-aħbarijiet li saret fil-limiti tal-Wied ta' Marsalforn, il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono tat aktar dettalji dwar din l-iskema li ser tkun finanzjata mill-Ministeru għal Għawdex u kkoordinata mid-Dipartiment għal Proġetti u Żvilupp fi ħdan l-istess Ministeru. L-applikanti eliġibbli għal din l-iskema għandhom ikunu residenti Għawdxin li huma jew sidien ta' proprjetà li hija użata għal skopijiet agrikoli jew agro-turistiċi, inkella bdiewa rreġistrati li għandhom art agrikola li hija rreġistrata taħt l-IACS, u li fiha hemm installati dawn it-tip ta' rdieden. L-applikanti li jiġu aċċettati taħt din l-iskema ser ikunu ntitolati biex jirċievu għajnuna finanzjarja li tkopri 75% ta' l-ispejjeż marbuta ma' xiri ta' tagħmir u xogħol konness mar-restawr jew tiswija li jwassal biex is-sistema relatata terġa' tiġi funzjonabbli. L-għotjiet għal kull applikazzjoni tlaħħaq massimu ta' 1000 Ewro għal kull sistema.



'L-użu ta' l-irdieden tar-riħ huwa wieħed mill-prattiċi tradizzjonali sostenibbli li għadhom validi fiż-żminijiet ta' llum. F'Għawdex huma wkoll valur miżjud marbut mal-konservazzjoni ta' l-ambjent rurali tal-gżira.' Dan qalitu l-Ministru Giovanna Debono waqt it-tnedija ta' din l-iskema. Hija żiedet tgħid li l-Ministeru għal Għawdex huwa mpenjat fit-tfassil ta' l-istrateġija li ser tagħti direzzjoni biex titwettaq il-viżjoni tal-Gvern li jagħmel minn Għawdex gżira ekoloġika. Saħqet li l-viżjoni Eko-Għawdex għandha l-għan li tikseb miri għolja ta' żvilupp sostenibbli għall-gżira filwaqt li tassigura li l-wirt tagħha jkun protett. Il-Ministru Debono qalet li l-użu mill-ġdid ta' rdieden tar-riħ għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija f'postijiet agrikoli, hija inizjattiva li timxi f'din id-direzzjoni.

Aktar informazzjoni dwar din l-iskema tista' tinkiseb minn fuq is-sit elettroniku www.eco-gozo.com jew mill-Ministeru għal Għawdex fuq 22100210 jew 22100261. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 19 ta' Ġunju 2009.

## *L-Azzjoni Kattolika t'Għawdex trodd ħajr*

L-Azzjoni Kattolika organizzat ċelebrazzjoni lill-Isqof Nikol Cauchi fl-okkażjoni tat-80 sena tiegħu. L-idea ntlaqgħet tajjeb. Is-sala tad-Dar Ċentrali kienet mimlija sew u kulħadd ipparteċipa bi sħiħ, anki bl-għajnuna tal-Grupp tal-Kitarri mmexxi minn Bernardette Vella u l-*powerpointpresentation* imħejjija minn Christabelle Formosa. Il-programm ta' qrib sagħtejn kien imżewwaq b'żewġ poeżiji, waħda ta' Ġanninu Cremona (li anki pprepara *feature* li matulu



*Uħud mill-membri tal-Azzjoni Kattolika preżenti għaċ-ċelebrazzjoni f'egħluq snin Mons Isqof Cauchi*

membri li jirrappreżentaw id-diversi Friegħi tkellmu dwar l-esperjenza tagħhom fl-Għaqda u dwar ħidmet Mons Cauchi) u oħra mill-Kavallier Joe M. Attard.

Il-President Manuel Saliba ppreżenta lill-Isqof Mario Grech ċekk bħala l-ewwel kontribuzzjoni tal-Azzjoni Kattolika lill-Fundazzjoni li għadha kemm twaqqfet mid-djoċesi biex, waqt li żżomm ħajja t-tifkira tal-Isqof Cauchi, tippromwovi d-djalogu bejn il-fidi u l-kultura. Wara l-quddiesa konċelebrata miż-żewġ Isqfijiet u tmien Assistenti Ekkleżjastiċi oħra, iċ-ċkejkna Marika Formosa qrat lil Mons. Cauchi bukkett spiritwali f'isem il-membri kollha u Manuel Saliba tah *frame* tal-fidda biex ipoġġi ritratt ta' tifkira. Fl-Omelija, l-Isqof Emeritus enfasizza l-bżonn li nħobbu u niddefendu 'l-Knisja u li nfittxu nieħdu formazzjoni.



*Il-President tal-Azzjoni Kattolika, Manuel Saliba jidher jippreżenta* frame *tal-fidda lil Mons. Isqof Cauchi*

## *Is-Sorijiet Franġiskani jiċċelebraw il-festa tal-Patruna tagħhom*



*Mons. Isqof Mario Grech flimkien mal-Komunità tas-Sorijiet Franġiskani, hekk kif spiċċat il-funzjoni fil-knisja*

Is-Sorijiet Franġiskani nhar il-Ħadd, 3 ta' Mejju, filgħodu, ċċelebraw il-festa tal-Patruna tal-Knisja tal-Casa Madre, kif ukoll tal-Provinċja Maltija, is-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù.

L-Eċċellenza tiegħu, Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, iċċelebra quddiesa fil-knisja tas-Sorijiet fi Triq Palma, ir-Rabat, Għawdex, flimkien ma' Dun Karm Scicluna u Dun Ġwann Mercieca. Il-knisja kienet imżejna mill-isbaħ għal din l-okkażjoni bl-istatwa titulari tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Ġesù, fuq l-altar maġġur, kienet qisha qed tbierek il-pubbliku preżenti, fosthom numru sabiħ ta' sorijiet, tfajliet, u lajċi oħra li jiffrekwentaw din il-knisja żgħira imma ħelwa.

Billi l-Knisja Universali kienet qed tfakkar il-Jum Dinji tal-Vokazzjonijiet, kien xieraq li l-Isqof jgħaqqad dawn iż-żewġ okkażjonijiet flimkien. Fl-omelija, l-Isqof saħaq fuq l-importanza li wieħed jersaq lejn Marija biex tagħtih il-qawwa meħtieġa biex jgħix il-vokazzjoni tiegħu bil-fedeltà, u b'hekk ikun xhieda ħajja fid-dinja tal-lum.

## *Isir it-tberik tal-kampnar u l-qanpiena tal-Kapuċċini*



Nhar il-Ħadd, 19 ta' April, festa tal-Ħniena Divina, saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-kampnar u l-qanpiena tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fir-Rabat, Għawdex. Kemm il-kampnar li kellu jinħatt u jinbena mill-ġdid kif ukoll il-qanpiena li kellha ħsarat kbar ma setgħux jintużaw biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom qabel ma kienu restawrati mill-ġdid minħabba l-periklu li setgħu jiġġarrfu. Iċ-ċerimonja tat-tberik tmexxiet mill-Gwardjan Patri Karm Dimech fil-preżenza tal-abbatini tal-kunvent u xi membri tal-komunità lokali. Ta' min jgħid li din iċ-ċerimonja kellha ssir f'Ħadd il-Għid, imma dakinhar it-temp ikrah ma ppermettiex li dan isir. Għalhekk, din iċ-ċerimonja kellha titħalla għal data oħra.

*Waqt iċ-ċerimonja tat-tberik tal-kampnar u l-qanpiena tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja*

## *Wirja tat-Teżori Grafiċi ta' Għawdex mill-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta*















Dawn huma x'uħud mid-dokumenti li kienu esibiti. Il-firxa ta' dokumenti kienet tkopri l-perijodu ta' żmien mis-seklu ħmistax sal-lum u kien fiha seba' taqsimiet : Dokumenti dwar Amministrazzjoni, Dokumenti Ekkleżjastiċi, Storja, Arkeoloġija, Fortifikazzjonijiet, Letteratura u Ħajja ta' Kuljum. Il-wirja saret bil-koperazzjoni bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, fis-Sala ta' l-Esibizzjonijiet tal-Ministeru mit-23 t'April sal-24 ta' Mejju.

## *Inizjattivi favur l-ambjent f'Għawdex għall-Jum Dinji ta' l-Ambjent*

Il-Ministeru għal Għawdex, se jinvesti f'aktar panelli fotovoltaiċi permezz tas-somma ta' 7,700ewro li ġew iffrankati mill-kont ta' l-elettriku ta' l-istess Ministeru bl-użu ta' sistema ta' panelli li kienet ġiet stallata f'dan il-Ministeru fl-2007. Il-Ministeru għal Għawdex huwa wkoll impenjat li jixtri żewġ karozzi elettriċi. Dawn huma żewġ inizjattivi oħra favur il-ħarsien ta' l-ambjent u t-twettiq tal-viżjoni Eko-Għawdex.



Dan tħabbar mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, waqt konferenza ta' l-aħbarijiet li saret viċin is-sistema ta' panelli fotovoltaiċi fuq il-bejt tal-Ministeru għal Għawdex, bħala parti mill-attivitajiet li qed jiġu organizzati mill-istess Ministeru fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ta' l-Ambjent, li se jitfakkar nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju 2009. Din is-sistema ta' panelli fotovoltaiċi li kienet ġiet ikkummissjonata f'Jannar ta' l-2007, għandha kapaċità ta' 10 Kilowatts u hi l-ikbar sistema tat-tip tagħha fis-servizz pubbliku fil-gżejjer Maltin.

Il-Ministru Giovanna Debono qalet li matul iż-żmien li ilha taħdem, din is-sistema pproduċiet 41,800 kWh ta' elettriku, ekwivalenti għal 5% ta' l-enerġija kkunsmata mill-binja tal-Ministeru għal Għawdex u ċ-Ċentru Amministrattiv. Hija żiedet tgħid li dan ifisser tfaddil ta' 7,700ewro mill-kont ta' l-elettriku tal-Ministeru.

Dan huwa ekwivalenti għal tnaqqis f'emissjonijiet ta' 36.5 tunnellata ta' Dijossidu tal-Karbonju (*Carbone Dioxide)* fl-arja, li hu ekwivalenti għall-emissjonijiet ta' karozza misjuqa għal madwar 200,000 kilometru, jew konsum medju ta' 7 familji ta' 4 persuni f'kull dar (28 persuna). Il-pubbliku jista' jara kif qed taħdem din is-sistema permezz ta' *link* fuq is-sit elettroniku www.eco-gozo.com. L-informazzjoni fuq dan is-sit hija aġġornata kontinwament.

Matul din il-konferenza tħabbar ukoll li proprjament fil-Jum Dinji ta' l-Ambjent, se jsir l-aħħar eżerċizzju ta' konsultazzjoni b'rabta ma' l-istrateġija Eko-Għawdex, fejn se tiġi ddedikata siegħa għal din il-viżjoni fi klassijiet fl-iskejjel primarji madwar Għawdex. Matul din is-siegħa fil-klassijiet ta' tfal li għandhom bejn it-8 u l-10 snin, se ssir diskussjoni kif ukoll eżerċizzju ta' kreattività fejn it-tfal se jpinġu dak li jaħsbu huma dwar Eko-Għawdex. L-istrateġija ta' din il-viżjoni hi mistennija li tiġi ppubblikata fil-ġimgħat li ġejjin.

## *Xagħra Scout Group jirċievu fondi mill-UE għall-proġett "Youth in Action"*

Ġimgħat ta' ħidma iebsa ntemmu bl-ittra ta' aċċettazzjoni għal XSG li applikaw għall-fondi għall-proġett E-S.C.OUT taħt '*Action 1.1: Youth Exchanges*' fil-programm tal-'*Youth in Action*' tal-Unjoni Ewropea.

E-S.C.OUT, fil-qosor għal *European - Sports. Culture. Outdoors* huwa kamp ta' tmint ijiem li se jinżamm ġewwa Għawdex bejn is-16 u t-23 ta' Awwissu. Dan jiġbor fih attivitajiet li jirriflettu l-prioritajiet tal-programm; l-aktar iċ-ċittadinanza Ewropea, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, u d-diversità fil-kultura li ser jiġu milħuqa permezz ta' sports u djalogu interkulturali.

Tnejn u għoxrin parteċipant flimkien ma' tmien *leaders* minn Malta, il-Portugall, l-Irlanda u t-Turkija sejrin jgħixu flimkien u jesperjenzaw avventura, ħbiberija ġdida u attivitajiet ġodda, ġo wieħed mill-aktar postijiet li huwa simbolu tas-sajf Malti, ir-Ramla l-Ħamra ġewwa x-Xagħra Għawdex.



*Daniela Sultana (fin-nofs) flimkien ma' Josmar Azzopardi (lemin) u Mark Formosa (xellug) jinfurmaw lil Cub Scouts, nhar is-Sibt 30 ta' Mejju, dwar il-proġett li ser isir f'Awwissu u ser ikun finanzjat minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea.u li għalih, flimkien magħhom, ser jattendu żgħażagħ mill-Portugall, l-Irlanda, u t-Turkija.*

Il-proġett huwa mmexxi totalment minn żgħażagħ taħt l-eta' ta' wieħed u għoxrin sena li jiffurmaw parti mill-*Venture Unit* u *Rover Crew* tax-*Xagħra Scout Group*. Mhux dawn iż-żgħażagħ biss, imma l-grupp kollu, mill-iżgħar *beaver* sal-ikbar *leader* huma entużjasti li jaraw dan il-proġett jirnexxi u jkun ta' suċċess.

## *Xogħol ta' Konservazzjoni u Restawr fil-Bażilika tax-Xagħra*



F'dan iż-żmien il-parroċċa tax-Xagħra tinsab għaddejja minn ħidma ta' konservazzjoni u restawr tal-kappella ddedikata lil San Mawrizju. Ix-xogħol jinvolvi żebgħa, induratura bid-deheb, stallazzjoni ta' twieqi *stained-glass* u restawr tal-pittura. Ix-xogħol qed isir minn nies lokali taħt is-superviżjoni tar-restawratur, Manwel Zammit, u r-restawr tal-pittura mill-istess Zammit.

Il-pittura nkluż il-kwadru tal-artal hija xogħol tal-artist Virginio Monti u saret fl-1930.

*Manwel Zammit waqt ix-xogħol ta' restawrazzjoni fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina*

# *"Lejlet Lapsi" f'Għawdex, 22-24 ta' Mejju... Jispikkaw il-ħiliet tal-Għawdxin*



*L-E.T. il-President Abela akkumpanjat mill-Ministru Giovanna Debono u diversi Ambaxxaturi jaslu fil-Pjazza tal-Katidral, fejn l-Isbandieratori jagħtu spettaklu mill-aqwa.*



*Anette's Mystic Dancers, wirja li saret fil-Kumpless tal-Liceo Ninu Cremona, fir-Rabat, Għawdex.*



*Il-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, taħt id-direzzjoni tad-Direttur Mużikali tagħha l-Kaptan John Ivan Borg u t-*Trumpet Major Warrant Officer *Joseph Muscat tat ukoll sehemha sabiex dawn il-festi setgħu jirnexxu.*



*"Iż-Żjara tal-Granmastru Alof de Wignacourt f'Għawdex"... atturi Għawdxin jiffiguraw b'ilbies ta' żmien il-Kavallieri b'diversi personaġġi għolja fl-istorja tal-Ordni ta' San Ġwann.*



*L-*entourage *fit-Telgħa tal-Belt, riesaq lejn iċ-Ċittadella.*



*Daqqaqa u għannejja Għawdxin.*

## *Musical "The Glint of Gold"*

*The Glint of Gold, musical* li ttella' mill-istudenti tal-Kulleġġ Għawdxi, Skola Primarja tar-Rabat, Għawdex, għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni li saret il-Ġimgħa 22 ta' Mejju. Direzzjoni ta' George Mizzi, għalliem tad-drama u ta' Mariella Spiteri, għalliema tal-mużika. Għenu ħafna kemm l-għalliema u dawk kollha li jaħdmu f'din l-iskola kif ukoll il-ġenituri.

Saru żewġ rappreżentazzjonijiet oħra ta' dan il-*musical* għall-pubbliku nhar is-Sibt 23 ta' Mejju, bħala parti mill-attivitajiet ta' *Notte Gozitana*.



## *Wirja tar-Rebbiegħa*



Il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Agrikola, Industrijali u Kulturali ta' Għawdex organizza Wirja ta' Fjuri u Pjanti bejn il-Ġimgħa 8 ta' Mejju u l-Ħadd 10 ta' Mejju, fl-entratura taċ-Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat Għawdex.

Din is-sena wkoll, waqt din il-wirja, ttellgħet wirja speċjali bi pjanti Maltin, bil-parteċipazzjoni tal-*Hands on Farming*. Ġew ippremjati wkoll l-aħjar tliet skejjel li għamlu suċċess bit-tkabbir ta' pjanti li ngħatawlhom waqt il-programm tal-*Hands on Farming* li jiġi organizzat matul is-sena.

## *Saċerdot Ġdid, bin Emigranti fil-Kanada*



Fid-9 ta' Mejju li għadda, fil-Katidral ta' St. Michael's f'Toronto, il-Kanada, ġie ordnat saċerdot flimkien ma' sitt kandidati oħra, żagħżugħ ta' nisel Għawdxi, bin l-emigranti Pawlu Portelli min-Nadur u martu Doris mill-Mellieħa. Fr. Frank Portelli ta' 33 sena, imwieled Toronto, it-tielet fost seba' t'aħwa, trabba mal-komunità ta' emigranti Maltin u Għawdxin f'Junction Area (Dundas Street) qrib il-knisja ta' San Pawl Nawfragu, fejn iċċelebra wkoll l-Ewwel Quddiesa tiegħu l-għada ta' l-Ordinazzjoni tiegħu (10 ta' Mejju). Minn qalbna nifirħulu u nawgurawlu fil-ħidma pastorali tiegħu bħala Viċiparku fil-Parroċċa ta' San Luqa, f'Tornhill, fin-nord ta' Toronto.




**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE
TravelServices
LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: **21561212/3** Valletta: **21235772** or **info@jpetravel.net**

**RIFLESSI** — *Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard*

# "Sala Pawlina"



Dawn il-ġranet mort għamilt żjara lis-'Sala Pawlina' fi ħdan il-*Media Centre* ta' Triq Fortunato Mizzi, Victoria, fejn tmur xħin tmur, għandek issib lil Dun Anton Sultana mdawwar b'ħafna kotba; hu kittieb assidwu sa minn żgħożitu. Sena oħra jagħlaq 50 sena jaħdem fil-ġurnaliżmu kattoliku fi gżiritna, sa minn meta kien Seminarista.

Intant, naħseb ħafna jistaqsu dwar din is-sala; fejn tinsab eżattament u x'inhija l-funzjoni tagħha. Qabel xejn irridu ngħidu li kieku ma kienx għall-istinkar u l-inizjattiva tal-istess Dun Anton u tas-Superjur tal-Museum Bennie Mercieca, Assistent Direttur u Amministratur rispettivament tal-*Lumen Christi Media Centre*, li ħadmu fuqha matul ix-xhur u l-ġimgħat li għaddew, kieku din is-sala għadha waħda żmattata u mwarrba. Din is-sala spazjuża u mdawla sewwa ħafna, tinsab fuq in-naħa ta' fuq ta' wara tal-kumpless kollu u kien xieraq tissemma għal San Pawl, tifkira tas-Sena Pawlina; ħasra li sakemm qed niktbu, din is-sala għadha ma ġietx inawgurata u mbierka. Hu xinhu, din is-sala joqogħdilha ħafna dan l-isem. Wara kollox San Pawl kien l-ewwel ġurnalist li xandrilna l-Aħbar it-Tajba dwar Ġesù Kristu f'pajjiżna fis-Sena 60 W.K.

X'inhu l-iskop ta' sala bħal din? Meta tkellimt ma' Dun Anton, sirt naf li din is-Sala Pawlina se tkun taqdi żewġ skopijiet: hija sala/arkivju biex taqdi l-ħtiġijiet fil-formazzjoni ġurnalistika tal-Knisja f'Għawdex b'*lectures* jew seminars fuq il-ġurnaliżmu; hija wkoll arkivju għal studju u riċerka tal-ġurnaliżmu kattoliku f'pajjiżna fl-aħħar mitt sena. Hawnhekk allura jistgħu jmorru dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-istorja u l-interess tal-ġurnaliżmu kattoliku u jixtiequ jiktbu xi teżi dwar dan is-suġġett. Mhux biss, imma s-sala hija armata b'għadd ta' mwejjed puliti u siġġijiet fejn jistgħu jingħataw konferenzi, taħdidiet u x'naf jien. Jien u ndur mas-sala, stajt nilmaħ imqiegħda f'ċerta ordni u mħabba, xi ġurnali tal-Knisja li llum spiċċaw u posthom ħaditu xi gazzetta oħra. Jien niftakarni għal snin sħaħ nieħu ħsieb il-Paġna t'Għawdex tal-ġurnal *"Il-Ħajja"* fi żmien Charles Buttiġieġ li issa wkoll irtira. Stajt nilmaħ hawn u nqalleb diversi ħarġiet ta' din il-gazzetta. Ma' ġenbha lmaħt ukoll il-ġurnal ta' qablu *"Il-Ħaddiem"* li llum spiċċa wkoll. Wieħed jista' jara wkoll ħarġiet antiki tal-ġurnal *"Għawdex"*, *"The Student"*, kif ukoll ħafna rivisti oħra. Bla dubju fis-Sala Pawlina nsibu wkoll kopji tal-*"Ġens"* u tal-*"Leħen is-Sewwa"*. Jekk ma niżbaljax rajt ukoll xi ftit kopji tal-ġurnal *"Il-Qawmien"* u ta' *"The Maltese Observer"*, u diversi pubblikazzjonijiet parrokkjali.

Fejn jidħol l-interess fil-formazzjoni u informazzjoni fil-ġurnaliżmu kattoliku, il-futur jien narah wieħed imċajpar. Sa issa kellna lil Dun Anton Sultana li naħseb għal dawn l-aħħar 14-il sena kien il-mutur wara l-kompilazzjoni sħiħa tar-rivista *"Il-Ħajja f'Għawdex"* u t-tmexxija tal-*Lumen Christi Publications*, iżda Dun Anton mhux etern u jien ġie li nisimgħu jgemgem dwar saħħtu. Lis-seminaristi tagħna kemm qed inħajruhom biex xi ħadd minnhom jaqbad din il-linja biex il-Knisja f'Għawdex ikollha lil xi ħadd espert fil-*media*, li hija tant importanti fi żminijietna, u għada pitgħada jieħu '*over*' flok Dun Anton?!

Agħmlu bħali u aslu wasla sal-*Media Centre* f'tarf Triq Fortunato Mizzi u araw b'għajnejkom din is-sala sabiħa li nittama li fi żmien qasir kliem imnaqqax fl-irħam ikun juri isimha u l-iskop li għalih saret. Prosit ta' din l-inizjattiva u jalla jsir użu tajjeb minnha għall-ġid tal-Knisja f'Għawdex.





## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Speċjali għal Għawdex... dan għandna bżonn!***
"Fi kliem il-Prim Ministru... skema partikolari għal Għawdex kienet dik li toffri l-paga ta' 52 ġimgħa għal min iħarreġ miegħu xi ħaddiema f'Għawdex stess."

*Rapport,* **In-Nazzjon**, *28 ta' Mejju 2009*

***Impjant għat-trasferiment tal-iskart f'Tal-Kus***
"Il-MEPA approvat dan il-proġett kważi b'mod unanimu... L-applikazzjoni min-naħa tal-*Wasteserv* kienet titlob biex isir l-iżvilupp ta' faċilità li tirċievi, tipproċessa u taħżen b'mod temporanju – sakemm dan jiġi trasferit lejn Malta – l-iskart mhux perikoluż iġġenerat mill-popolazzjoni kollha t'Għawdex."

**Mario Zammit**, *maltarightnow.com, 21 ta' Mejju 2009*

***Li kien cruiseliner bit-turisti, mod ieħor!***
"Hemm suspetti serji li t-33 immigrant illegali li nhar l-Erbgħa spiċċaw f'Għawdex twasslu fil-gżira Għawdxija minn membri tas-sigurtà Taljana. Huwa mifhum li l-immigranti, 32 raġel u mara, kienu abbord dgħajsa żgħira fi triqthom lejn l-Italja, meta kienu interċettati minn lanċa tal-qawwiet tas-sigurtà Taljana. Skont tagħrif mhux konfermat li wasal għand *KullĦadd,* l-immigranti kienu eskortati lejn Għawdex fejn kienu mġiegħla joqorbu lejn l-art. Eventwalment, l-immigranti niżlu fil-bajja tax-Xwejni, qrib il-Qbajjar."

*Rapport,* **KullĦadd**, *17 ta' Mejju 2009*

***Ċifri Għawdxin għall-*breakfast**
*"Labour leader Joseph Muscat told a business breakfast... In Gozo there is no one in the public sector who has research and development as his main task. And in the last 11 years only two Gozitans have had letters patent issued to them. At the ITS in Qala there is only one lecturer, and there is only one course, under the Extended Skills Training Scheme. In Malta the ITS has 17 full-time courses at four levels leading to a Higher Diploma. At the Gozo MCAST they have 11 courses in 11 subjects, at Malta MCAST they have 91 courses in 64 subjects."*

*Rapport,* **The Malta Independent**, *28th May 2009*

***U aktar ċifri Għawdxin!***
"Permezz tal-għajnuna mill-fondi tal-Unjoni Ewropea permezz tal-iskema *Employment Aid Scheme,* f'Għawdex inħolqu aktar minn 260 impieg ġdid ma' 94 impriża differenti. L-iskema tgħin billi tħallas parti mill-paga u parti mill-bolla tas-sigurtà soċjali ta' min ikun impjegat u b'kollox l-ispiża laħqet -280,000 ewro. Il-Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista Lawrence Gonzi ħabbar dan ilbieraħ waqt djalogu taħt it-tinda fi Pjazza San Franġisk, fir-Rabat."

**Charles Muscat**, *In-Nazzjon, 21 ta' Mejju 2009*

***Gżira – Reġjun***
*"The Labour Party believed Gozo should be the country's economic motor, and leader Joseph Muscat said he would continue working for it to be considered an island region."*




*Rapport,* **The Times**, *28th May 2009*

**Malta Enterprise** ***f'Għawdex : Aħna jew m'aħniex?***
"Ir-rappreżentanza tal-*Malta Enterprise* f'Għawdex hija biss uffiċċju b'segretarja ġo fih u kull min imur jistaqsi xi ħaġa trid issir komunikazzjoni ma' Malta biex jintalab tagħrif aġġornat. Hemm imprendituri li ilhom is-snin li applikaw biex ikollhom post fiż-żona industrijali imma l-applikazzjonijiet għadhom pendenti."

**Justyne Caruana**, *L-Orizzont, 21 ta' Mejju 2009*

***Il-ħsejjes parti mill-Eko-Għawdex?***
*"In the beginning of May this year, I spent some wonderful days of vacation on Gozo. Throughout the three nights in Marsalforn, around May 1, I spent a lot of money as a tourist but not to enjoy my vacation at all. I and many other tourists were bothered by the constant noise emanating from cars and motorbikes, cruising along the boardwalk."*

**Michael Hug**, *The Times, 28th May 2009*

***Mħassba u mgħaddba!***
*"There was real anger expressed at the conference (Vision for the Development of the Island Region of Gozo) organized by the Gozo Business Chamber at the Grand Hotel in Mgarr. More than anger, there was worry on what was first stated by Mr Joe Grech (president of the Chamber) and repeated by most participants; was the need for Gozo to have its own self-running bodies, whether it is the Gozo Tourism Authority, a Gozo Statistics Office, a Gozo Enterprise, etc. Out there, mentioned in whispers, the leaders of the Gozo business community speak of one word : autonomy."*

**Noel Grima,** *The Malta Independent, 10th May 2009*

***200.000 ewro għall-Viżjoni Eko-Għawdex***
*Minister Giovanna Debono said 40,000euro had been earmarked for strategy, 22,400euro for electric cars, 45,000euro for teachers' resources, 50,000euro for a home education campaign, 25,000 euro for valuation of traditional alternative energy and 12,190euro for educational courses, for a cumulative total of 194,590euro."*

*Rapport,* **The Times**, *7th May 2009.*

## MILL-PARLAMENT

### *Investiment dirett f'Għawdex*

**8016. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm investiment barrani dirett f'Għawdex fl-aħħar tal-2008? *23/04/2009*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant illi skont l-informazzjoni miġbura mill-istħarriġ tagħna, jirriżulta li fl-aħħar tas-sena 2008 kien hemm 6.5 miljun Ewro investiment barrani f'kumpaniji bl-indirizz tagħhom Għawdex. *29/04/2009*

### *Għawdex - Structural and Cohesion Funds*

**6238. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid xi proġetti ġew approvati u allokati għal Għawdex fis-sena 2008 li jikkwalifikaw għal fondi taħt l-i*Structural and Cohesion Funds* tal-Unjoni Ewropea? Tista' tgħid l-ammont ta' fondi approvati għal kull proġett u s-sena meta jsir l-aħħar pagament? *16/02/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li, fis-sena 2008, taħt *il-Fondi Strutturali* tal-Unjoni Ewropea ġew approvati tliet proġetti għal Għawdex li huma *Upgrading of Operating Theatre and Setting up of a Radiology Unit at the Gozo General Hospital;Reconstruction of Part of Xlendi Road and Ta' Pinu Road* u *Upgrading of Villa Rundle Gardens*. L-istima għal dawn il-proġetti, hija ta' 3.26m Ewro; 9.477 m Ewro u 2.477m Ewro rispettivament.

L-aħħar pagamenti tar-*Radiodiology/Operating Theatre* u ta' Xlendi/Ta'Pinu Road huma ppjanati li jsiru fis-sena 2010 filwaqt l-aħħar pagament tal-*Villa Rundle* mistenni li jsir fis-sena 2011. *09/03/2009*

### *Għawdex - Fondi minn barra minn Malta*

**7216. L-Onorevoli ALFRED SANT staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont li Għawdex ħa kull sena mill-1999 'l hawn mill-għajnuna finanzjarja li Malta rċeviet minn pajjiżi, istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet barranin, inklużi l-Unjoni Ewropea u l-EEA/Norway, eċċ? Jista' jgħid mil-liema pajjiż/istituzzjoni/organizzazzjoni/eċċ ġew il-fondi? X'kien is-sors tagħhom? Għal liema skop/proġett intużaw dawn il-fondi? *17/03/2009*

**Tweġiba:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar. Għaldaqstant ir-risposta tingħata f'xi seduta oħra. *25/03/2009*

### *Sptar Ġenerali ta' Għawdex - test għall-i"sleep apnea"*

**6896. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid jekk it-*test* għall-i*Sleep Apnea* jsirx fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex? *09/03/2009*



**Tweġiba:** Ninsab infurmata li testijiet għall-*iSleep Apnea* ma jsirux ġewwa l-isptar t'Għawdex. *16/03/2009*

### *Home Help - anzjani fil-waiting list*

**8208. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid kemm hi l-*waiting list* għall-għoti tal-*home help* għall-anzjani u għall-persuni b'diżabbiltà separatament? *29/04/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata illi fil-preżent hemm persuna waħda bi bżonnijiet speċjali u tnejn u sittin anzjan illi qed jistennew is-servizz ta' *homehelp*. *11/05/2009*

### *Kumitat Reġjonali tal-MCESD - rakkomandazzjonijiet*

**7565. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru):** Jista' l-Prim Ministru jgħid x'deċiżjonijiet ittieħdu u x'rakkomandazzjonijiet saru lill-Gvern mill-Kumitat Reġjonali tal-MCESD għal Għawdex? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-minuti tal-laqgħat tal-istess kumitat? *26/03/2009*

**Tweġiba:** Il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex iltaqa' diversi drabi u ddiskuta numru ta' temi li kollha huma konnessi mill-qrib mas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika attwali ta' Għawdex, il-lista tal-laqgħat li saru s'issa ngħatat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7050.

L-Onorevoli Interpellant bla dubju huwa nfurmat illi kemm il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali kif ukoll il-Kumitati tiegħu (Il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex u l-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili) m'għandhomx funzjoni eżekuttiva u skont il-liġi r-rwol ewlieni tagħhom huwa dak li jressqu pariri u rakkomandazzjonijiet lil Gvern.

Fost ir-rakkomandazzjonijiet li bagħat il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex, hemm proposti relatati ma' bżonn ta' aktar attenzjoni fir-rigward ta' Statistika Reġjonali għal Għawdex, proposti għall-baġit tal-2009, proposti biex proġetti kapitali għal Għawdex jiġu mpoġġija fuq *fast track* u suġġeriment li jsir *feasibility study* biex eventwalment tittieħed deċiżjoni fuq il-bini ta' *airstrip* f'Għawdex u fost oħrajn proposti relatati mar-riforma tat-trasport pubbliku fil-gżira.

Għat-talba biex jitpoġġew il-minuti tal-laqgħat fuq il-mejda tal-kamra, jien infurmat illi l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill u tal-Kumitati huma aċċessibbli biss għall-membri rispettivi. *29/04/2009*

*Kummentarju (2)*

# *Il-"Phone-Ins" fuq ir-Radju fi Programmi Reliġjużi minn Għawdex... "Nisimgħek!" Esperjenza ta' 14-il sena fuq l-RTK*



*kitba ta'* DUN GEORGE BEZZINA

**Nhar il-Ħadd, 24 ta' Mejju 2009, iċċelebrajna It-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej, jum iddedikat lill-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. U jien ma nistax ma niktibx fuq is-siwi kbir ta' dawn il-mezzi li huma bosta, u għalhekk għażilt li nitkellem dwar ir-*radio*. Għal dawn l-aħħar erbatax-il sena ilni nippreżenta l-programm "*Nisimgħek*" fuq l-R.T.K. Nista' ngħid kemm hu ta' ġid li wieħed jitħarreġ tajjeb biex juża dawn il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali li għalija llum nista' ngħid li ħadu post l-ambone fil-knisja.**

Mhux qed immaqdar jew ninjora l-predikazzjoni fil-knejjes tagħna. Dak li qed ngħid hu li fil-waqt li fil-knejjes tilħaq numru limitat ta' nsara, kif ukoll kategoriji limitati, permezz tal-*media* tista' tilħaq udjenza akbar, f'postijiet differenti u f'ħinijiet differenti minn dawk is-servizzi li jsiru fil-knejjes tagħna. Żgur li din ta' l-aħħar ma tissostitwixxix dik ta' l-ewwel, però daqstant ieħor żgur li għandha l-importanza tagħha li mhux ta' min iwarrab minn quddiem għajnejh.

Barra minn hekk il-programm "*Nisimgħek*" mhux biss huwa *live* u allura jitlob sagrifiċċju kbir speċjalment meta tqis il-ħinijiet li fihom jinżamm il-programm, mill-għaxra ta' bil-lejl sa nofsillejl, kull nhar ta' Ħadd; imma huwa programm bit-telefonati mis-semmiegħa, *"Phone-In programme"*. U dan jitlob preparazzjoni u forsi wisq aktar attenzjoni u responsabbiltà ta' dak kollu li jingħad. U għalhekk jien, responsabbli ta' dan il-programm, kull nhar ta' Ħadd norganizza Siegħa Adorazzjoni mis-6.00p.m. sas-7.00 p.m. fil-knisja ta' San Ġakbu, speċifikament għal dan il-programm biex iħalli l-ġid.

Illum għandna ħafna programmi ta' din il-kwalità, però ikolli nistqarr magħkom ma nafx kemm konna mħarrġa biżżejjed għal dan. Kull min jagħmel l-intervent tiegħu irid ikun responsabbli biżżejjed ta' dak li jgħid - u mhux jibda jparla fil-vojt. Irid ikun prudenti fil-kliem li jgħid biex ma jweġġa' is-sentimenti ta' ħadd, kif ukoll li kemm jista' jkun jibqa' marbut mas-suġġett. Min imexxi l-programm irid ikun sod biżżejjed, biex jekk jara li hemm min qed jabbuża mill-ħin u l-intervent tiegħu, ikun irid iwaqqfu fil-ħin. U ngħidilkom il-verità dan mhux faċli, għax għalkemm xi drabi tipprova tagħti ċ-ċans lil dak li jkun, tinduna li qed jipprova jinsinwa xi ħaġa li tnigges u allura mhux dejjem ikun hemm min jaqbel miegħek li twaqqfu. Veru li kull bniedem għandu d-dritt li jistqarr l-opinjoni tiegħu, però rridu ukoll nitgħallmu u niftakru li kull bniedem għandu d-dmir tiegħu li juża sewwa dawn il-mezzi. Wieħed irid joqgħod attent li l-libertà li wieħed għandu biex jeżerċita dan id-dritt jiġifieri li jwassal il-vuċi tiegħu, ma tinbidilx fi kritika insolenti.

Intervent fuq Radju, meta ma tafx min qed jisimgħek u fejn ser jasal il-kumment tiegħek, mhux xi taħdita fuq bank fit-Tokk tar-Raħal bejn ftit ħbieb. Hemm ħafna nies b'ideat differenti, kulturi u twemmin differenti, esperjenzi differenti u dawn kollha jridu jiġu rispettati, fil-waqt li l-bniedem jibqgħalu d-dritt li jesprimi ruħu fuq dak is-suġġett li jkun ta' interess għalih. Però bħal ma dejjem nisħaq, intenni li ma hemmx drittijiet mingħajr dmirijiet. U proprju dan ridt infisser meta għidt li forsi ma tantx konna mħarrġa biżżejjed għal dawn it-tipi ta' programmi. Issib ħafna nies prużuntużi, li xi darba l-interess tagħhom hu li jitkellmu fuq *Radio* bla ma jafu s-suġġett li jkun jiġi diskuss. Mhux darba u tnejn li ssib min jgħidlek, isma' fuq hiex qegħdin titkellmu? Imma hemm l-estrem l-ieħor, li ssib min għandu ħafna x'joffri, u jibqa' lura u ma jagħmilx kuraġġ u jċempel biex jagħmel l-intervent tiegħu. Dan huwa mezz tajjeb biex wieħed jeżerċita d-dover tiegħu, li jxandar il-bxara t-tajba, li permezz tal-valuri li jħaddan ikun jista' bl-intervent tiegħu jdawwal is-soċjetà u l-kultura. U allura jien nixtieq nappella lil kull min ikun jista' joffri dan is-servizz, jagħmel kuraġġ u jagħti l-opinjoni tiegħu; l-importanti hu li wieħed jagħmel dan b'imħabba u joqgħod għal min ikun imexxi l-programm u mhux jieħu il-programm f'idejh.

**Biex nagħmel kuraġġ lil min qed jaqra dan l-artiklu u jħoss li jista joffri dan is-servizz, veru li s-sagrifiċċju huwa kbir, imma daqstant ieħor isir ġid permezz tal-*media*.** Niftakar darba, wieħed kien ser iwettaq suwiċidju, u milqut minn kelma li kont qed ngħid fil-programm "ieqaf ftit u ara kemm tassew Ġesù jħobbok", dan il-bniedem nidem u nbidel u llum għadu mimli ħajja u enerġija. Persuna oħra li kienet ħafna mweġġa' mill-passat u li kienet tbegħdet mill-knisja u mis-saċerdoti, semgħet il-programm u bil-mod ta' kif ippruvajt inġib ruħi jien u mexxejt lis-semmiegħa biex jiftakru li dik il-persuna trid min jifhimha għax



imweġġa', illum il-persuna nbidlet u tmur il-quddies ta' kuljum u titlob ħafna biex ikun hemm aktar programmi bħal dawn. *Phone-in* tista' ssarraf f'konverzjoni.

Int ukoll, ħabib, tista' toffri s-servizz tiegħek u tagħmel bosta ġid bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, imma jiswielek ftit ta' sagrifiċċju mhux ħażin. Ta' kull nhar ta' Ħadd, fuq 14-il sena, marbut b'mod li ma tista' tattendi l-ebda attività oħra jew festa tar-raħal, il-bard u l-kesħa tax-xitwa u s-sħana tas-sajf; toqgħod nieqes mill-ikel, għax wara ikla tajba s-sodda tkun trid u mhux sagħtejn fejn trid tiċċentra l-attenzjoni tiegħek; programm li minn naħa tiegħi dejjem sar mingħajr interessi (*gratis* u l-ebda ħlas); barra minn hekk forsi lanqas tant issib min japprezzak, jekk mhux ukoll min imaqdrek u jikkritikak. **Sakemm tkun kritika kostruttiva hija ħaġa sewwa, imma meta ssir kritika distruttiva forsi mqanqla mill-għira jew xi motivazzjoni oħra, hemmhekk tweġġgħa ħafna. Però programm li fih ukoll is-sodisfazzjon tiegħu. Bnejna familja kbira li kull nhar ta' Ħadd inkunu flimkien permezz tal-programm. Ġieli mmur niċċelebra l-Ewkaristija għal dawn is-semmiegħa u hemmhekk tara s-sbuħija fejn wieħed isir jaf aktar lil xulxin u jsiru rapporti ta' ħbiberija kbira. Barra minn hekk ma nistax ma nsemmix il-ġbir li jsir fil-programm "*Nisimgħek*" matul ir-Randan ta' kull sena skont l-intenzjoni ta' Mons Isqof. Biżżejjed ngħid li kemm ilni nagħmel dan il-ġbir jiġifieri mis-sena 1998 ġbart matul is-snin is-somma ta' Lm65,690 jiġifieri 153,016.53 Ewro.**

Nagħlaq billi nirringrazzja lil kull min jagħtini kelma ta' kuraġġ biex inkompli b'din il-ħidma. Nirringrazzja lil dawk kollha li jsegwu permezz ta' l-internet u li ġieli ċemplu fil-programm mill-Ingilterra, Italja, Awstralja, Kanada, USA u oħrajn. Biżżejjed ngħid li permezz ta' dan il-programm wasalt biex kull nhar ta' Ħadd nagħti l-ispjega tal-Vanġelu fuq *Radio Sydney One* ġewwa l-Awstralja. Imma fuq kollox nirringrazzja lil Mulej Alla li dejjem tani l-qawwa biex nagħmel dan il-programm tant imfittex mis-semmiegħa tagħna. Grazzi ukoll lid-diriġenti tal-R.T.K. li għal fuq minn 14-il sena ħallewni nagħmel dan il-programm. Grazzi lit-tekniku tagħna ġewwa Għawdex lis-Sur Laurence Cauchi jew lis-Sur Victor Attard, kif ukoll lit-tekniku ġewwa Malta s-Sur Laurence Portelli. Grazzi lil dawk is-saċerdoti li ġieli ħadu posti wara l-mikrofonu. Grazzi lis-semmiegħa wkoll.




SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



LUMEN CHRISTI BOOKSHOP
Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7
*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 9.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



OSSERVAZZJONIJIET

# Leħen l-Għawdxin



*Jikkummenta*
ANTON
TABONE

**Ir-rivista *'Il-Ħajja f'Għawdex'* b'mod prominenti fil-qoxra tagħha tistqarr li kull pubblikazzjoni tagħha ġġorr fiha leħen l-Għawdxin u li din ilha tagħmlu għal dawn l-aħħar erbgħa u sittin sena sa mill-bidu nett ta' l-ewwel ħarġa tagħha, fl-10 ta' Ġunju 1945.**

Meta, daqs sena ilu, ġejt mistieden mill-Editur tagħha biex nibda nikkontribwixxi fuq temi dwar x'jikkostitwixxi l-identità tal-gżira Għawdxija, aċċettajt, konxju mill-fatt li sfortunatament huma ftit li xejn il-mezzi tal-komunikazzjoni f'pajjiżna li huma disponibbli biex iwasslu leħen Għawdex u l-Għawdxin fl-arena nazzjonali - jiġifieri leħen li jkun ġej mill-perspettiva Għawdxija ta' kif wieħed għandu jħares lejn *issues* li jolqtu lill-pajjiż kollu kemm hu. Għalhekk ħassejt id-dover li anki jien nista' nipprova ngħin biex jindaħlu ħsibijiet u kunċetti, li għalkemm nemmen li huma korretti, attwali u ta' ġid għal Għawdex, ħafna drabi jibqgħu fil-periferija, mwarrbin u minsijin, għax ma jsibux pjattaforma minn fuq u minn fejn jiġu mwassla għal widna ta' min hu interessat u/jew obbligat jisma'.

Meta bdejt ngħaddi l-kummenti u l-osservazzjonijiet tiegħi f' *"Il-Ħajja f'Għawdex"*, l-Editur kien jintroduċieni bħala bniedem li għamilt iktar minn tnejn u erbgħin sena fil-Parlament, disgħa minnhom bħala l-ewwel Ministru għal Għawdex u għaxra bħala *Speaker*; u li bqajt nimraħ fiżikament u intellettwalment madwar il-gżira, nitkellem man-nies li ta' spiss jipprovokawni b'mistoqsijiet u rimarki minn tagħhom. Nistqarr li dan huwa minnu. Anzi nista' ngħid li r-ritmu pprovokat b'mistoqsijiet u rimarki ma baqax lura. Dan hu xhieda, naħseb jien, tan-neċessità ta' djalogu kontinwat fuq ħwejjeġ l-Għawdxin. Għalhekk ukoll ħassejt l-obbligu li nkompli nesprimi fil-beraħ is-sentimenti tiegħi ta' ċittadin liberu ta' dan il-pajjiż, mill-lenti ta' Għawdex u f'kuntest nazzjonali. U għalhekk ukoll inġib l-indirizz ta' l-*email* tiegħi fit-tarf ta' kull kontribuzzjoni li nagħmel biex inkompli nistieden lil min irid min-naħa tiegħu jwassal fehemtu u r-reazzjonijiet tiegħu għall-osservazzjonijiet li jaqra.



**Nħoss li hija ħasra li Għawdex m'għandux gazzetta rispettata tiegħu u kieku ma kienx għal *'Il-Ħajja f'Għawdex'* ma teżisti l-ebda pubblikazzjoni oħra fis-suq, limitat kemm hu limitat. Nemmen b'qawwa li Għawdex ikun ħafna iktar rispettat kieku kellu ġurnal tiegħu - ġurnal li jista' jgħaqqad is-sentimenti u l-aspirazzjonijiet tal-poplu tiegħu u jesprimihom bla biża' ta' xejn quddiem il-pubbliku in ġenerali biex dan jixtarr, jifhem u japprezza aħjar il-*punto di vista* Għawdxi. B'hekk ukoll ikun qed jgħin jifforma opinjoni fost il-pubbliku li tagħmlu iktar familjari m'Għawdex u tkabbarlu s-sens ta' ħbiberija u solidarjetà miegħu.**

Anzi ninnota li tul l-aħħar snin, il-konswetudni li fil-gazzetti nazzjonali, darba fil-ġimgħa jkun hemm paġna ddedikata lil Għawdex, ma baqgħetx ħaġa regolari, almenu f'gazzetta minnhom. Jirriżultali li l-paġni hekk imsejħa t'Għawdex fuq ġurnali tal-Partiti li joħorġu nhar ta' Ħadd, ilhom li nqatgħu barra, almenu fuq bażi regolari. Tibqa' biss gazzetta ta' nhar ta' Ħadd bl-Ingliż li żammet it-tradizzjoni, filwaqt li eliminat il-paġna 'Għawdxija' li fl-imgħoddi kien ikollha matul il-ġimgħa. Huwa veru li ħafna mill-materjal li kien jidher fil-paġni hawn msemmija kien jikkonsisti f'kitba partiġġjana favur partit u kontra l-ieħor u vice versa; imma almenu b'xi mod Għawdex u il-bżonnijiet tiegħu, kienu jiffiguraw fil-medja tal-pajjiż.

Għalkemm nasal biex nistqarr li meta hawn fuq ktibt fuq il-ħtieġa li Għawdex ikollu l-leħen stampat tiegħu, ma kontx qed nirreferi neċessarjament għall-kwalità ta' paġni t'Għawdex tal-imgħoddi, imma pjuttost għall-paġni ġodda dwar kif il-gżira tagħna tista' tippromwovi l-interessi tagħha quddiem il-pajjiż, quddiem l-Awtoritajiet, kemm lokali u iżjed minn hekk quddiem dawk nazzjonali. Paġni li jippromwovu l-interessi tagħha b'mod serju, maħsub, studjat bil-għan li tikseb l-istatus li jixirqilha bħala gżira - status ta' gżira/reġjun f'nofs il-Mediterran, maġenb Malta, kif iddeskrivija DeSoldanis.




Iridu jkunu paġni li jippromwovu l-interessi tagħha billi jistinkaw bla waqfien biex fl-inqas żmien possibbli l-livelli ta' żvilupp ekonomiku u soċjali tagħha, jibda jlaħħaq ma' dak ta' Malta. L-istatistika attwali turi li l-GDP fi gżiritna hija baxxa iżjed minn kwart tal-medja ġewwa Malta. Jekk hu hekk, din hi sitwazzjoni innaċċettabbli li għandha tiġi indirizzata u segwita sakemm ikun hemm livell wieħed ta' żvilupp ekonomiku u l-istess tenur tal-ħajja fost l-abitanti li jgħixu fi gżira jew fl-oħra ta' l-Arċipelagu. Niddejjaq ninħass bombastiku bil-mod li npinġi s-sitwazzjoni, imma din hi r-realtà.

**Gazzetta Għawdxija kienet tista' tissottolinea l-veri interessi tal-gżira ma' kull ħarġa tagħha għaliex tambar illum u tambar għada, il-verità tal-fatti toħroġ fid-dieher quddiem kulħadd u ma jibqgħux mistura minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni dwarhom. B'hekk jingħata ċ-ċans ta' evalwazzjoni korretta tas-sitwazzjoni ekonomika paragunata mal-bqija tal-pajjiż. B'hekk ukoll kulħadd jitgħallem jagħmel id-diskors politiku meħtieġ għal viżjoni li jaqbel lill-futur tal-gżira. Gazzetta taf tagħmel *lobby* sħiħ u qawwi favur l-interessi t'Għawdex, u mhemmx għalfejn ngħidu, li *lobby* favur huwa dejjem meħtieġ, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi, iżjed u iżjed meta ġeografikament Għawdex jinsab f'qagħda ta' insularità doppja. Sadanittant ir-rivista *'Il-Ħajja f'Għawdex'* tibqa' tperper il-bandiera tal-Għawdxin. U aħna obbligati insellmulha billi nferrxuha bl-abbonamenti fiha u billi nagħtu ħajr lil kull min jaħdem u jistinka biex jippublikaha, minkejja n-nuqqas ta' riżorsi umani.**

### *Ġorġ Pisani*

F'dawn l-aħħar ġimgħat ġew organizzati attivitajiet biex ifakkru l-mitt sena mit-twelid u l-għaxar snin mill-mewt ta' Ġorġ Pisani, Għawdxi qalbieni li mhux biss għamel isem għalih, imma għamlu iżjed f'isem Għawdex u Malta fil-qasam letterarju permezz tal-kitba tiegħu ta' Poeżiji, ta' Drammi, ta' Novelli, ta' Esejs, ta' Rumanzi u ta' Leġġendi. Ġorġ Pisani patrijott għax bil-kitba tiegħu imbotta b'saħħa 'l quddiem l-ilsien tan-Nazzjon. Kien patrijott għax okkupa b'kuraġġ u b'determinazzjoni karigi taż-żmien il-gwerra li kienu sensittivi u li għenu fl-eżitu pożittiv tar-rebħa. Ġorġ Pisani kien ukoll u fuq kollox patrijott Għawdxi li qatt ma tilef ċans wieħed li jippromwovi l-interess Għawdxi permezz tal-kitba kif ukoll tal-kelma. Kien tassew xieraq li fi tmiem waħda mill-attivitajiet li saru f'gieħ il-memorja tiegħu, deher filmat minn fejn Ġorġ Pisani nstama' jilmenta li ħafna mill-gwaj f'Għawdex ġej mill-fatt li l-Għawdxin huma wisq maqsumin u aljenati bil-piki ta' bejniethom u jħeġġeġ li għandhom jingħaqdu għax ħadd ħliefhom ma jista' jġib fuq quddiem il-veri interessi tal-gżira.

*anton.tabone@onvol.net*




A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*Servizz Speċjali Sena Pawlina - 12*

# SAN PAWL FIL-VIŻJONI POLITIKA TAL-KRISTJANEŻMU FL-EWROPA



*rapport ta'* **EUCHAR MIZZI** *fuq taħdita pubblika ta'* **PROF. GIOVANNI DE MENA**

**Kien verament privileġġ kbir għalija, li nattendi għal taħdita pubblika organizzata mill-Iskola Politika "Fortunato Mizzi", hawn f'Għawdex, mogħtiha mill-Professur Taljan, Giovanni De Menna, fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina 2008 / 2009. Hawn ser nagħti xi punti interessanti fil-qosor ta' din it-taħdita li saret nhar is-Sibt, 2 ta' Mejju, fil- Monasteru ta' Sant' Wistin, fir-Rabat Għawdex.**

**L-Isem:** Sawl ta' Tarsu. Dan kien il-veru ismu. Imbagħad ġie *Saulos* fil-Grieg u *Paulus* fil-Latin. Twieled fir-reġjun taċ-Ċiliċja imma trabba l-aktar fil-belt ta' Tarsu, fejn il-familja tiegħu, Galilin, marret toqgħod. Kienet familja tat-tajjeb u xogħolhom kien imsejjes fuq in-nisġa tat-tined tax-xoqqa, fejn kien ikollhom ordnijiet kbar mill-armata Rumana u allura kien iħalli l-qliegħ. In-naħa ta' omm Sawl, Tekla, kienet Fariżajka mir-razza ta' Benjamin. In-naħa ta' missieru kienet ta' nisel Ruman, għax missieru li kien jismu wkoll Pawlu, kien iservi b'xogħolu l-armata ta' Ruma.

Minn issa 'l quddiem Sawl nibdew insejħulu Pawlu, li għex f'ambjent edukattiv doppju. Wieħed kien dak politiku u kulturali (tagħlim Grieg u Ruman); waqt li l-ieħor kien Lhudi li tgħallem minn ċkunitu, jiġifieri dak reliġjuż. Il-formazzjoni reliġjuża u kulturali taż-żagħżugħ Pawlu kienet dejjem tispikka f'żewġ uċuh – dak ta' nisel Lhudi u dak ta' nisel Ruman. Pawlu, il-missier, skont id-deskrizzjoni tal-"Atti Apokrifi ta' Pawlu u Tekla", kien bniedem ingalbat u sabiħ bħal ħaddieħor. Ommu kienet mara ħelwa, intelliġenti u ta' skola. Pawlu mbagħad, twieled raċitiku (rtuba fil-għadam u tagħwiġ tar-riġlejn), bniedem qargħi u b'imnieħer twil. Huwa kien ta' intelliġenza kbira u ta' dehen ta' l-għaġeb; ta' sittax-il sena kien jitkellem erba' lingwi: Aramajk, Lhudi, Latin u Grieg. Ta' ħmistax-il sena ommu bagħtitu Ġerusalemm fl-iskola tat-tempju biex jitgħallem mill-lezzjonijiet tar-Rabbi famuż, Gamaljel.

**Tarsu:** Tarsu kienet belt għanja u reġjun fiċ-Ċiliċja. Kienet fuq ir-riħ ta' fomm ix-xmara Cidno, li kien xatt jew mogħdija tal-art għanja ta' Anatolja. Fiż-żmien Alessandru l-Kbir, ġiet imsemmija Antijokja ta' Cidno. Din id-'dinja' reliġjuża tat sehem mhux żgħir għall-binja kulturali u reliġjuża ta' Pawlu li għaraf jagħżel il-ħafna tiġdid marbut mal-filosofija ġdida li bdiet tiġi mxandra minn Joshua ben Joseph, imsejjaħ Ġesù il-Galilew. Il-filosofija Nisranija għal Pawlu saret tfisser messaġġ ta' mħabba bħal dik li xandar Ġesù. Mhux wieħed ta' niket jew ħlas ta' għemilek, imma ta' twelid spiritwali mill-ġdid f'kull bniedem..

**Stiefnu:** Naqraw fl-Atti ta' l-Appostli: "Kien hemm (fix-xirka ta' l-ewwel segwaċi ta' Ġesù) ġuvni f'saħħtu u ingalbat, li kien jismu Stiefnu, li kien spiritwali ħafna, tant li kellu l-ħila jwettaq mirakli u jagħmel għeġubijiet tas-sema. Kien ta' skola, Lhudi mnissel mill-Greċja u kellu l-ħila jitkellem tajjeb bil-Grieg u bl-Aramajk. Kien mixli quddiem is-Sinedriju li kiser il-liġijiet ta' Mosè u mitfugħ il-ħabs. Ġie pproċessat quddiem is-Saċerdot il-Kbir u kkundannat għall-mewt bit-tħaġġir. Għal dan il-proċess kien hemm ukoll Pawlu bħala lettur u biex iniżżel il-minuti tal-proċess. L-esekuzzjoni tas-sentenza tħalliet għal darba oħra peress li l-għada kien is-Sibt, li kien magħdud bħala Jum Qaddis. Imbagħad Pawlu reġa' għamillu interrogatorju ieħor, kif kien mitlub li jsir ma' nies meqjusa bħala theddida għall-ordni pubblika. Din il-laqgħa ta' Stiefnu ma' Pawlu dawlet mhux ftit lil Pawlu għax dan seta' jfissirlu bl-akbar reqqa l-ħajja u t-tagħlim ta' Ġesù li dwarhom Pawlu kien għadu ferm sajjem.

**Damasku:** Fiż-żjara li Pawlu għamel f'Damasku, l-Iskrittura tgħidilna li Pawlu ġie mnebbaħ minn Kristu u





ħaddan ir-reliġjon Nisranija. Pawlu mar biex isib kull mezz kif jixli l-komunitajiet Insara li kienu jgħammru hemmhekk. Imma fil-fatt fit-triq ta' Damasku wasal għal-għarfien sħiħ ta' bniedem li beda jifhem il-kobor tal-Kelma ta' Ġesù Kristu. Pawlu kien ilu jħammem fuq is-siwi tal-ħajja mill-laqgħa li kellu ma' Stiefnu u allura rawwam fih idea sħiħa ta' l-ewwel moviment filosofiku u reliġjuż, u mbagħad tal-Kristjaniżmu li l-qofol tiegħu kien l-imħabba tal-proxxmu, ir-rispett lejn l-ideat ta' ħaddieħor u l-ħbiberija lejn kull ġens. Mal-konverżjoni tiegħu, Pawlu ta' bidu għax-xandir ċar tat-tagħlim ta' Ġesù, li mhux biss deher bħala rivoluzzjonarju għal-Lhud iżda anke għall-kultura Greco-Rumana. Huwa kien fehem kompletament il-messaġġ ta' Ġesù Kristu. Pawlu kellu l-abbiltà li jikkonvinċi lis-semmiegħa, huma min huma, li Kristu kien riformatur kbir tad-dinja.

**Ġerusalemm:** Belt kożmopolitana, kollha taħwid, ċentru ekonomiku u politiku sew għal-Lhud u anke għar-Rumani. Hawn Pawlu sab is-sodda għal dawn iż-żewġ ideoloġiji Lhudija u Rumana, tant 'il bogħod minn xulxin. Bħala evanġelizzazzjoni huwa fassal fuq it-twemmin tal-"Qawmien mill-Imwiet" li kellha importanza tremenda fuq l-evanġelizzazzjoni tal-pagani u ta' l-istess Lhud. Barra minn dan , din id-domma ta' fidi nisranija daħlet fil-qalba tal-Konċilju ta' Niċea msejjaħ snin wara minn Konstantinu biex jilqa' għall-ereżiji dwar Kristu fil-Knejjes mifruxin fl-Imperu Ruman.

**Vjaġġi:** Insibu erba' vjaġġi konnessi ma' San Pawl, tlieta huma missjunarji u ieħor taħt arrest lejn Ruma. Fil-fatt l-ewwel tlieta huma dwar evanġelizzazzjoni tal-Ġemgħat Insara li kienu mxerrda mad-dinja Greco-Rumana, waqt li r-raba' wieħed kien il-vjaġġ li temm il-ħidma bla serħan ta' Pawlu, bniedem issa għajjien, xiħ u priġunier, fejn kif nafu matul il-vjaġġ seħħ in-nawfraġju f'Malta li dakinhar kienet magħrufa bħala, "il-gżira qaddisa" mill-ġnus qodma tal-Mediterran, fejn bla ħsieb ta' xejn wettaq diversi għeġubijiet, fosthom il-konverżjoni tal-Maltin u l-fejqan ta' missier il-Gvernatur Publiju, li sar l-ewwel Isqof ta' Malta.

**Ittri:** Għajn oħra ta' importanza massima huma l-ittri ta' Pawlu. Nixxiegħa ewlenija ta' twemmin ġdid u attività ta' preġju kulturali kbir kif ukoll fl-amministrazzjoni politika. Pawlu kiteb dawn l-ittri bil-Grieg minkejja li kellu tliet lingwi oħra, ilsien l-għorrief u għaldaqstant seta' jilħaq popli differenti. L-ittri kanoniċi huma erbatax, imma dawk li jidhru taħt ismu huma sebgħa biss. Huwa kiteb lir-Rumani, lill-Korintin, lill-Galatin, lill-Efesin, lill-Filippin, lill-Kolossin, lit-Tessalonkin u fl-aħħar lil ħbieb tiegħu tal-qalb, Timotju, Titu u Filemon. Fihom insibu prinċipji u regoli miktuba għal kulħadd, Lhud, Griegi u Rumani, mingħajr periklu li seta' jiftiehem ħażin, miktuba b'konvinzjoni, reqqa u diplomazija għal ordni universali fis-soċjetà umana mħallta, fl-Ewropa Greco-Rumana. Kien bis-saħħa tal-predikazzjoni u l-ittri tiegħu li Pawlu mexxielu jsejjes il-"*poleis*" Nisranija.

**Kostantinu:** Kostantinu, 300 sena wara, għandu l-mertu storiku li għamel il-fidi Nisranija, ir reliġjon ta' l-Istat u li firixha ma' kullimkien bis-saħħa ta' għażliet politiċi varji, bħal ma huma l-Editt ta' Milan tas-sena 313 u l-aktar bis-saħħa tal-Konċilju ta' Niċea tas-sena 325, fejn bis-saħħa tiegħu din il-ġrajja kienet il-bidu uffiċjali tal-Kattoliċiżmu fl-Ewropa, bl-obbligi morali, ġuridiċi u soċjali anke fl-amministrazzjoni politika.

Il-Konċilju ta' Niċea ħaddan dak li hemm imniżżel fil-Vanġeli Kanoniċi, is-sies tal-Knisja Nisranija. U allura mexa id f'id ma' kodiċi ta' regoli li jaf il-bidu tiegħu lil San Pawl, tliet sekli qabel u allura saħaq fuq il-viżjoni politika tal-Knisja ratifikata bis-saħħa tat-tagħlim ta' Pawlu ta' Tarsu, għal ordni morali u soċjali ġdid.

**Benedittu:** L-opra li niseġ Benedittu ta' Norċia mhi xejn għajr it-tkomplija tax-xogħol mibdi minn Pawlu, għax fil-fatt huwa organizza l-ewwel komunitajiet monastiċi skont ir-regola tant magħrufa ta' *"Ora et Labora"*. Hekk kif Pawlu bena l-Knisja fuq eżiġenzi politiċi ta' żmienu, hekk ukoll l-Ordni Benedittin bena ordni soċjali fuq il-ħtiġijiet li n-nisrani jiltaqa' magħhom minn jum għal jum fi ħdan is-soċjetà umana.

*Konklużjoni*

**Fl-aħħar ta' min isemmi illi dan l-aspett politiku u evanġeliku ta' Pawlu, kien is-sies li fuqu r-Reliġjon Nisranija setgħet tinxtered ma' l-erbat irjieħ tad-dinja u tagħti bidu għal dik li llum insejħulha Demokrazija Kristjana fil-qasam politiku. Il-prinċipji u regoli soċjali fit-tagħlim ta' Pawlu daħlu fit-tmexxija ċivili, legali u politika ta' tant pajjiżi li jħaddnu d-demokrazija nisranija. Għalhekk lil Pawlu ta' Tarsu nistgħu nqisuh bħala "ġgant" mhux biss minn aspett reliġjuż, imma wkoll minn dak politiku u ġuridiku fl-istorja ta' l-umanità, speċjalment fl-Ewropa. Tant hu hekk, li bis-saħħa tat-tagħlim ta' San Pawl, ir-Reliġjon Nisranija saret dak l-istrument li għaqqad flimkien lil tant popli differenti fil-kultura, fit-twemmin, u fil-politika, hekk kif l-Imperu Ruman tal-Punent beda jitmermer.**

**Fir-realtà storika, ir-Reliġjon Nisranija bis-saħħa ta' San Pawl, Kostantinu u San Benedittu, matul in-nisġa politika tas-sekli, saret il-bażi taċ-ċiviltà Ewropea. L-evanġelizzazzjoni ta' Pawlu ta' Tarsu hija marbuta mal-pjan ellenistiku tal-"*poleis*" jiġifieri mal-politika retta u ġusta li fiha jingħaqdu flimkien ir-realtajiet varji tal-ħajja ċivili u soċjali, kulturali u reliġjużi, organizzattivi u ġuridiċi, f'kull territorju li fih tgħix il-komunità umana, ħalli l-armonija fost il-ġnus tkun sħiħa u fil-milja tagħha.**

**Hekk naslu għal dik il-viżjoni pożittiva tal-politika ("*poleis*") illi, skont il-filosofija Pawlina tfisser it-tmexxija u l-ħarsien ġust ta' kull ħaġa pubblika, ċivili u reliġjuża.**

KOTBA ĠODDA

# Ktieb bi Studju dwar Priedki bil-Malti tas-Seklu Tmintax

*Joe Zammit Ciantar, Il-Priedki bil-Malti ta' Ignazio Saverio Mifsud, Malta, 2008, illustrat, pp. xviii + 750 [ISBN: 978-99932-0-666-8], qoxra ħoxna b'dust jacket.*

*Ignazio Saverio Mifsud*

Fost il-manuskritti voluminużi li ħallielna Ignazio Saverio Mifsud – bniedem li kien iffissat fil-qari ta' kotba u ġabbar ta' materjal miktub jew stampat ta' żmienu – hemm wieħed b'ġabra ta' paniġierki u diskorsi morali, uħud bit-Taljan u ħafna bil-Malti, li kiteb u l-biċċa l-kbira minnhom ippreżentahom fi knejjes f'Malta, bejn l-1739 u l-1746.

Mifsud twieled il-Belt Valletta, fil-parroċċa ta' Portu Salvu fl-1722. Kien wild fost ħames aħwa – tlieta minnhom mietu ta' ftit granet. Wara li tilef lil missieru, ommu reġgħet iżżewġet, u hu u ħuh Gaetano marru joqogħdu man-nanna Marija u zijuhom Govanni (għażeb), fil-parroċċa ta' San Pawl Appostlu (illum San Pawl Nawfragu). Hemmhekk trawwem bħala abbati diliġenti u dejjem attent jgħin fil-quddies u fiċ-ċelebrazzjonijiet li kienu jsiru fil-knisja ddedikata lil San Pawl, imma fuq kollox dejjem attent għal kulma kien jiġri madwaru. Għalkemm twieled ftit zopp – difett li ħtija tiegħu kellu problemi biex ġie aċċettat li jibda jistudja għas-Saċerdozju u aktar tard f'ħajtu kellu jinqeda b'żiemel u karozzin personali fil-ħidma tiegħu ta' kuljum – irnexxielu jwettaq xewqtu, isir saċerdot, jistudja l-Liġi Kanonika, u jinħatar Konsultur ta' l-Inkwiżizzjoni. Miet fl-1773.

*Il-priedki*

Kien għad ma kellux 18-il sena meta beda jikkomponi paneġierki u priedki twal – bosta bil-Malti u ftit bit-Taljan li – minbarra ftit minnhom – ippreżentahom fi knejjes fil-Belt Valletta u f'xi rħula, f'Malta, bejn l-1739 u l-1746, ftit saħansitra meta kien għadu kjeriku, qabel sar Djaknu, imma kollha kemm huma qabel ġie ordnat Saċerdot, f'Ġunju 1746, fil-belt qadima ta' Tivoli, barra minn Ruma.

Il-priedki bil-Malti ta' Mifsud huma meqjusa bħala x-xogħol letterarju estensiv bil-Malti l-aktar qadim li nafu bih sal-lum, u huwa ta' rilevanza kbira għall-istudju tal-Malti u tal-istorja tiegħu. Fil-Malti tagħhom wieħed jista' jħoss ir-rwol tal-Knisja – permezz tas-Saċerdoti Maltin – bħala 'majjistra' tgħin fit-twelid tal-Malti bħala lingwa nazzjonali.




*L-istudju tal-Malti tal-priedki*

L-awtur Għawdxi Dr Joe Zammit Ciantar beda jaħdem fuq il-Malti ta' dawn il-priedki fl-1963, meta kien qiegħed jistudja l-Malti f'livell avanzat, waqt is-sentejn ta' taħriġ għall-għalliema, fis-*St Michael's College of Education*, f'Ta' Ġjorni. Dwarhom ippubblika anki żewġ studji – wieħed fir-rivista *Hyphen* dwar priedka f'ġieħ il-Kunċizzjoni, li Mifsud ippreżenta nhar il-festa proprja, it-8 ta' Diċembru 1739, fil-knisja ddedikata lill-Kunċizzjoni, fl-Imsida, u l-ieħor f'suppliment ta' *Il-Mument* dwar priedka tal-Milied li Mifsud ippreżenta fil-knisja tal-Fortizza Ricasoli, waqt il-quddiesa ta' nofsillejl, ta' nhar il-Milied ta' l-1743.

Imma kien il-kors li Zammit Ciantar qabad għal Dottorat fil-Malti li mpenjah biex jittraskrivi l-priedki kollha bil-Malti u tagħhom, minbarra studju kritiku, jippreżenta speċi ta' edizzjoni annotata. F'dan l-istudju, illum ippubblikat, *Il-Priedki bil-Malti ta' Ignazio Saverio Mifsud* – li l-bażi tiegħu kienet sewwa sew it-



teżi ppreżentata mal-Università ta' Malta fl-2005 – Zammit Ciantar jinkludi l-ħajja u l-ħidma ta' Mifsud, b'tagħrif li nstab minnu stess u qegħdin insiru nafu bih għall-ewwel darba. It-test tal-priedki bil-Malti huwa ppreżentat, kull priedka f'kapitlu għaliha, vers vers kif kitibhom Mifsud, bit tiswijiet kollha tiegħu, b'introduzzjoni, b'noti, u b'kummenti dwar il-lingwa, il-frażjoloġija, l-idjomi, il-lingwaġġ figurat, l-istrutturi sintattiċi, ir-riferenzi ekstratestwali, u l-bqija.

### *Żewġ Appendiċijiet u Glossarju*

Barra minn hekk, l-istudju fih żewġ appendiċijiet: wieħed b'tagħrif dwar qaddisin li f'ġieħhom saru l-paneġierki, u qaddisin u persunaġġi kkwotati fil-priedki, u l-ieħor b'tagħrif dwar il-knejjes fejn saru l-priedki.

Zammit Ciantar ikkompila wkoll glossarju b'għażla ta' lessemi Semitiċi arkajċi u kliem ta' ċertu interess lingwistiku, vokabularju Rumanz li ma daħalx fil-Malti, u ieħor li, kif użah Mifsud, jidher li kien għadu ma ġarrabx it-trasformazzjoni sħiħa ta' kif nafuh illum.

Din l-edizzjoni għandha sservi ta' strument utli għal tiftix lingwistiku, storiku, letterarju, u rettoriku tal-Malti kif użat qrib nofs is-seklu tmintax.

### *Silta bil-Malti ta' Mifsud*

Din ta' hawn taħt hija silta mill-paneġierku f'ġieħ San Nikola ta' Bari – bil-Malti oriġinali – li Mifsud ippreżenta fil-knisja tal-Fortizza Ricasoli, iddedikata lil San Nikola ta' Bari, waqt quddiesa sollenni, fid-9.30 ta' filgħodu, nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 1743. Kappillan ta' din il-knisja dak iż-żmien kien il-Malti Fra Gaetano Reboul. Ta' min jinnota kemm kliem (madwar 26) huma ta' oriġini Romanza, filwaqt li l-bqija huma ta' nisel Semitiku (Għarbi). Ta' min josserva wkoll, anzi fuq kollox, il-mod sabiħ li bih Mifsud jirrakkonta l-istorja – stil rettoriku li jgħin joħloq l-interess fil-kongregazzjoni li kellu quddiemu, tisimgħu jippriedka u jgħallem dwar il-qaddis kbir San Nikola ta' Bari.

**1. Mistiden biesc nitħadded fedan il loc, geua dil Chnisia mil Caddis tal hageb min tacom, ò Insaraġ S(an) Nicola il chbir: Isbaħ, ù aħiar mansipsc chif handi nibda, ħlief billi ingib dac il fat illi giara lil certu Pittur illi imsemmi f'senhetu, chien mismum l'aħiar uiħet fost l'oħrain: = : Sauar dana giurnata uaħda biesc iuri herfu Sbula tal camħ, geua quatru tantu natural illi mà conc tista differentiaha min dic li timbet fi raba.**

**Sabiħa fi leun, Sabiħa fil Cocc, chienet tati fil ħaineinġ u tcarrac lil cul min chien iħares leiħa: = : Biesc actar iamila propria sauar imbahat fucha hasfur, illi chien inaccar minnha il Camħ li chien fiha. Ferħan asc l'opra irnescietlu al calbuġ beda iuriħa lil culħat, ù culħat misthageb bdac il gmiel, ù bdich il naturalizza beda ifaħħru phala leuel mhallem fost il Pitturi – Uiħet p(er)ò fost loħrain illi fliha b'actar diligenzaġ uarà li ħares, ù rà il gmiel tà dic l'opra, dauar uicciu lein il mhalle(m) ù callu: – Mhallem, iena ma nistasc ma nfaħħarsc l'opra tihac, hasc vera(men)t imissa, li uiħet ihit il git fiha: Sabiħa isbula, Sabiħ il hasfur: daca però li mà nistasc nifhem, ù li ma idhirlisc seua hua illi pingeit isbula uiecfa, fein biesc tcun naturala, chella tcun imsaura immeila à tocol ta dac il ħasfur li istriħ fuca. = . U Verament mà calsc ħasin: chif chien ista icun li tipca uiecfa sbula tant irchieca bi tocol ta hasfur, illi bis billi imissħa chellu igiahala tintena. Sbula uiecfa, ù imhobbia dana ma istasc igi minnhu, mentri dan il Cas ma istasc igri min hair hageb.**

### *Il-ktieb*

Dan il-ktieb – li l-edizzjoni tiegħu hija limitata – qiegħed jinbiegħ enumerat u ffirmat mill-awtur, u jinsab għall-bejgħ mingħand il-librara ewlenin. Dan il-volum jiswa' 65 Ewro, imma hu dokument imprezzabbli.

***Joseph W. Psaila***


Wedding pictures
by
**Ted Attard**



Please call
Ted on tel: 2156 1878
or mob: 9982 6269

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

*F'għeluq il-150 sena mill-mewt tal-Kurat ta' Ars*

# 2009/2010: SENA SPEĊJALI DEDIKA

*Fis-16 ta' Marzu 2009, fil-Vatikan, il-Papa Benedittu ħabbar dan li ġej:*

**"Preċiżament biex inħeġġeġ lis-saċerdoti ħalli jirsistu għall-perfezzjoni spiritwali li minnha jiddependi, qabel kollox, il-frott tal-ministeru tagħna, jien iddeċidejt li nniedi Sena Speċjali ddedikata bħala**



**"SENA TAS-SAĊERDOZJU"**

**li tibda mid-**
**19 ta' Ġunju 2009**
**u tintemm fid-**
**19 ta' Ġunju 2010."**

**"Fil-fatt din is-sena taħbat il-150 anniversarju mill-mewt tal-Kurat ta' Ars, San Ġwann Maria Vianney, eżempju awtentiku ta' RAGĦAJ fis-servizz tal-merħla ta' Kristu".**

## 1 IR-RWOL U L-MISSJONI TAS-SAĊERDOT

Ikun id-dmir tal-Konsagrazzjoni tal-Kleru, flimkien mal-Isqfijiet Djoċesani u Superjuri tal-Istituti Reliġjużi, li toħolqu u tikkoordinaw il-bosta inizjattiva spiritwali u pastorali li jservu biex il-bnedmin isiru aktar konxji tal-**Importanza, tar-Rwol u tal-Missjoni tas-Saċerdot fil-Knisja u fis-Soċjetà tallum."**

**Xi Attivitajiet**

- *19 ta' Ġunju 2009* ; Nhar il-Ġimgħa, Festa tal-Qalb ta' Ġesù, kienet ġurnata ddedikata għall-Qdusija tas-Saċerdoti. Il-Papa fetaħ din is-sena speċjali billi ppresieda fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Vespri fil-preżenza tar-Relikwija tal-Kurat ta' Ars li nġabet apposta Ruma minn Ars.
- **Matul din is-sena, il-Papa ser jipproklama lil San Ġwann Marija Vianney bħala patrun tas-saċerdoti kollha tad-dinja.**
- Ser ikun ippubblikat Direttorju għall-Konfessuri u Diretturi Spiritwali, flimkien ma' ġabra ta' testi miktubin mill-Papa Benedittu dwar il-ħajja u l-missjoni tas-Saċerdot.
- **Il-Papa Benedittu ser jagħlaq din is-Sena Speċjali fid-19 ta' Ġunju 2010 waqt *meeting* mondjali tas-saċerdoti fi Pjazza San Pietru.**

## 2 PAPA BENEDITTU XVI DWAR IS-SAĊERDOTI

Għeżież ħbieb,

F'din is-siegħa li fiha qed inġeddu l-wegħdiet ta' l-Ordinazzjoni, irridu nitolbu lill-Mulej biex jagħmilna

- **bnedmin tas-sewwa**
- **bnedmin ta' l-imħabba**
- **bnedmin ta' Alla.**

Ejjew nitolbu bil-ħerqa biex jiġbidna mill-ġdid lejh sabiex insiru tassew saċerdoti tal-Patt il-Ġdid.

*(Ħamis ix-Xirka, 9 ta' April 2009)*

Fir-realtà, dak li hu kostitutiv fil-ministeru tagħna mhux frott jew il-prodott tal-kapaċitajiet personali tagħna. Dan jgħodd sew għall-amministrazzjoni tas-Sagramenti u sew għax-Xandir tal-Kelma.

Aħna ġejna **mibgħutin**

- **mhux biex inxandru l-opinjonijiet personali tagħna**
- **iżda biex inxandru l-misteru ta' Kristu.**

*(Papa Benedittu XVI lill-Kleru ta' Ruma, 13 ta' Mejju 2005)*

## 3 DISA' RAKKOMANDAZZJONIJIET

- "Kunu sħaħ fil-Fidi.
- Kunu awtentiċi fil-ħajja u fil-ministeru tagħkom.
- Sammru l-ħarsa tagħkom fuq Kristu u għixu ħajja sempliċi, f'solidarjetà mal-fidili li fosthom intom mibgħutin.
- Aqdu lil kulħadd.
- Kunu disponibbli fil-parroċċi u fil-konfessjunarju.
- Akkumpanjaw il-movimenti ġodda u l-għaqdiet.
- Għinu lill-familji.
- Tinsewx ir-rabta tagħkom maż-żgħażagħ,
- Ftakru fil-foqra u fl-abbandunati.

**Jekk intom tgħixu bil-fidi, l-Ispirtu s-Santu jnebbaħkom**

- **x'għandkom tgħidu**
- **u kif għandkom taqdu."**

*(Papa Benedittu XVI lis-saċerdoti Pollakki, waqt żjara f'Varsavja, 25 ta' Mejju 2006)*

**Dawl għall-Ħajja** *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# TA LIS-SAĊERDOZJU KATTOLIKU



## 4 ID-DEVOZZJONI LEJN IL-QALB TA' ĠESÙ

"Il-laqgħa tagħna qed issir f'dan ix-xahar ta' Ġunju, meta l-poplu nisrani qed juri devozzjoni speċjali lejn il-Qalb ta' Ġesù li hija ħuġġieġa nar li ma jintefa qatt.

- Minn din il-Qalb aħna nieħdu l-**Imħabba** u l-**Ħniena** biex inxerrduhom fost il-membri tal-poplu t'Alla.
- Aħna s-saċerdoti rridu nkunu ta' l-ewwel biex **nixorbu minn din l-għajn** u naqtgħu l-għatx tagħna jekk irridu nkunu kapaċi li nikkomunikaw il-ħniena divina lill-oħrajn..."

*(Papa Benedittu XVI lill-membri tal-Akkademja Ekkleżjastika Pontifiċja, 9 ta' Ġunju 2008)*

## 5 IS-SIGRIET TAS-SUĊĊESS FIL-MINISTERU SAĊERDOTALI

- **"Il-għaqda ma' Ġesù hija s-sigriet tas-suċċess veru fil-ministeru ta' kull saċerdot.**
- Tkun xi tkun il-ħidma tagħkom fil-Knisja, fittxu dejjem li tibqgħu

  **ħbieb veri**
  **ħbieb fidili**

  li ltqajtu ma' Kristu u għamiltu esperjenza miegħu u tgħallimtu tħobbu LILU qabel kollox.
- L-għaqda ma' Kristu li hu

  **l-Imgħallem Divin**
  **u s-Sid tal-Erwieħ**

  tkun garanzija għalikom
  tkun ta' paċi u serenità
  anki fl-iktar waqtiet diffiċli u mwergħa ta' ħajjitkom."

*(Papa Benedittu XVI lis-saċerdoti tal-Akkademja Ekkleżjastika Pontifiċja, 9 ta' Ġunju 2005)*

## 6 IL-ĦOBŻ TA' KULJUM

*"Xandru l-Verità li hu Kristu.*

Jalla

- **it-talb,**
- **il-meditazzjoni,**
- **is-smigħ tal-Kelma t'Alla,**
  **ikunu l-ħobż tagħkom ta' kuljum.**

Jekk l-għaqda tagħkom ma' Kristu tikber fikom,
Jekk intom **tgħixu Bih**
**u mhux biss Għalih**
intom jirnexxielkom ixxerrdu madwarkom l-imħabba u l-glorja Tiegħu."

## 7 IĊ-ĊENTRU TAL-ĠURNATA

Minbarra s-smigħ ta' kuljum tal-Kelma t'Alla, **jalla ċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tkun**

- **il-qalb**
- **iċ-ċentru ta' kull ġurnata ta' ħajjitkom**
  **u tal-ministeru kollu tagħkom.**

Is-saċerdoti, bħal kull mgħammed ieħor, jgħixu

- **il-għaqda Ewkaristika mal-Mulej.**

Jalla l-Ewkaristija tkun **Skola ta' Ħajja** għalikom,
li fiha s-Sagrifiċċju tas-Salib ta' Ġesù jgħallimkom **tingħataw kollkom kemm intom għal ħutkom il-bnedmin.**

*(Papa Benedittu XVI lis-saċerdoti tal-Akkademja Ekkleżjastika Pontifiċja, 9 ta' Ġunju 2008)*

*Solidarjetà Nisranija (1)*



# Xi tfisser is-Solidarjetà?



*kitba ta'*
**MONS. ISQOF EMERITU**
**NIKOL Ġ. CAUCHI**

**Il-kelma "solidarjetà", matul il-kors ta' l-istorja, kellha iktar minn tifsira waħda u għalhekk tirrappreżenta realtà komplessa u b'ħafna aspetti. Skont id-definizzjoni tal-Kardinal Martini ("*Alla fine del Millennio*", paġ.172) solidarjetà tfisser "il-kapaċità u d-disponibbiltà ta' persuna li taqsam ma' l-oħrajn ir-riżorsi meħtieġin biex wieħed ikun jista' jgħix." Fost ir-riżorsi meħtieġin għall-ħajja u li l-bniedem jixraq li jkollu aċċess għalihom, għandhom jitqiesu wkoll l-ikel, id-dar, ix-xogħol, l-edukazzjoni, il-familja, il-libertà li wieħed imur minn post għall-ieħor u t-twettieq tal-libertà reliġjuża (ara "*Laborem Exercens*", n.8).**

Permezz tas-solidarjetà jiġu mwettqin fuq kollox, il-virtujiet tal-ġustizzja u tal-karità fil-ħajja soċjali. Fejn titħares il-ġustizzja, kulħadd igawdi fil-paċi l-jeddijiet tiegħu u jwettaq b'sens ta' responsabbiltà dmirijietu. Jekk ikollna l-karità jirnexxilna nħobbu l-proxxmu bħalna nfusna, għall-imħabba ta' Alla. Jekk tkun karità sinċiera, tkun lesta wkoll tissagrifika ruħha biex tgħin lil min hu fil-bżonn. Ma' dawn iż-żewġ virtujiet, irridu nżidu wkoll il-ħniena li tqanqalna biex nagħrfu l-miżerja u l-ħtiġijiet tal-proxxmu, nagħdruh u nitħajru biex nagħtuh l-għajnuna tagħna, kif għamel is-Samaritan tal-parabbola (*Lq.*10, 25-37).

**Hemm ħafna postijiet u ċirkostanzi li fihom wieħed jista' jitħarreġ fis-solidarjetà. Dan għaliex kull fejn jiltaqgħu jew jgħixu flimkien diversi persuni, hemmhekk ukoll jista' jkun hemm lok għas-solidarjetà.**

Ta min jibda għalhekk mill-familja u wieħed irid jara jekk hemmx vera solidarjetà, anki fost l-aħwa. Imbagħad irridu nidħlu wkoll fl-iskejjel, fl-isptarijiet, fil-postijiet tax-xogħol, u f'ħafna ambjenti oħra. **Motto sabiħ għal min jixtieq jikber fis-solidarjetà huwa "Kull bniedem, ħija."** Filwaqt li bħala programm għat-twettieq tas-solidarjetà, nistgħu nżommu quddiemna l-għemejjel tal-ħniena, temporali u spiritwali, mibnija fuq it-tagħlim ta' Kristu u kif insibhom fit-tradizzjoni nisranija.

### *Solidarjetà fuq livell uman*

Hemm ċerta solidarjetà fost il-ħlejjaq, għaliex ilkoll kemm huma għandhom Ħallieq wieħed u huma ordnati għall-glorja tiegħu. **"Ħallihom ifaħħruk il-ħlejjaq kollha, u l-aktar id-dawl sfiq ta' Oħtna x-Xemx li twelled il-jum ġdid, u bl-isfaq dija turi, Mulej, li ogħla minnek m'hemmx...Mulej, ħa tkun imfaħħar; f'Ħuna l-ilma rżin u safi wisq, meħtieġ qatigħ...U f'Oħtna l-art ħa tkun imfaħħar; aħna nqisuha wkoll b'ommna ħanina la hi minn ħdanha trodd, biex aħna ngħixu, ħxejjex, ilwien ta' ward, u l-frotta bnina...Ejjew infaħħru lill-Mulej u Sidna u nżżuh ħajr għal dejjem inberkuh bla xejn kburija f'qalbna, b'qima kbira ninxteħtu lkoll f'riġlejh sabiex naqduh"** (Il-Kantiku ta' San Franġisk, ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 344).

Peress li għandu bidu komuni, il-ġens uman jifforma unità. Il-bniedem mhux annimal solitarju iżda maħluq sabiex jikkomunika ma' bnedmin oħra u jgħix f'soċjetà magħhom. Minħabba din is-solidarjetà umana, għandna d-dritt ngħidu li l-bnedmin kollha huma verament aħwa. Difatti, skont ix-xhieda tal-kotba tar-Rabta l-Qadima, fil-pjan tal-Ħallieq, il-ġens tal-bnedmin għandhom iġibu ruħhom bħala organiżmu wieħed, komunità waħda, familja waħda.

Il-fatti li jindikaw dan il-pjan unitarju tal-ħolqien huma dawn fost l-oħrajn: Alla ried li l-bnedmin kollha tad-dinja, għad li hemm razez differenti, ikollhom bidu wieħed minn koppja waħda Adam u Eva. San Pawl lin-nies ta' Atene, qallhom li Alla, **"minn bniedem wieħed, għamel il-ġens kollu tal-bnedmin biex jgħammru fuq wiċċ l-art kollha"** (*Atti* 17, 26). Alla ried ukoll li f'kull bniedem ikun hemm ix-xbieha tiegħu. Dan huwa element komuni fil-bnedmin kollha, li jnissel ċertu xebh bejniethom u b'hekk ikunu jistgħu jixxierku flimkien aħjar u jifformaw komunità waħda.

Il-wegħda tal-Messija u r-rebħa tiegħu fuq id-dnub ma kinitx imwegħda biss lil Adam iżda lil nislu kollu. Hekk Alla ried joħloq soċjetà ġdida, sopranaturali biex tieħu l-post tas-soċjetà l-oħra li kienet tħassret minħabba d-dnub tal-bniedem.

### *Il-Poplu t'Alla tar-Rabta l-Qadima*

Il-poplu ta' Iżrael, li għandu lil Alla bħala sultan tiegħu huwa xbieha u tħabbira tas-solidarjetà li tiġbor flimkien il-bnedmin ġusti kollha f'saltna waħda ta' Alla. Din hija wkoll fl-istess ħin "saltna tal-Qaddisin" (*Dan* 7,18). Is-saltna jirċevuha l-qaddisin ta' Alla l-Ogħli, u s-saltna tibqa'

tagħhom għal dejjem u għal dejjem ta' dejjem. Fiha jidhru r-rabtiet mill-qrib, fost dawk kollha li ġew mifdija. Flimkien jieħdu sehem fit-tifħir u l-ħajr li jingħata lil Alla.

**Kemm il-ġid, kif ukoll il-ħsara, meta jiġu, ma jkunux ta' individwu wieħed, iżda tas-soċjetà kollha kemm hi. Sa mill-bidunett tal-Ġenesi, id-dnub ta' Adam u Eva, batew minħabba fih, mhux biss huma t-tnejn, iżda wkoll in-nisel tagħhom. Fost il-membri tal-poplu ta' Alla tar-Rabta l-Qadima, kull wieħed kien iħossu korresponsabbli u jaqsam mhux biss fil-ferħ u x-xorti t-tajba, iżda wkoll fit-telfiet u d-diżastri tan-nazzjon tagħhom.**

Alla jikkastiga l-komunità Lhudija għall-ħtijiet ta' xi wieħed mill-membri tagħha, speċjalment jekk dan ikun minn fost il-mexxejja. Iżda Alla lest li jaħfer u jagħti rebħa lil poplu tiegħu, jekk ikun hemm min jinterċiedi għalih u joffri opri ta' tpattija. Hekk, għall-interċessjoni ta' Abraham, Alla kien lest li jaħfer il-belt ta' Sodoma, kieku kien hemm imqar, għaxar persuni ġusti fiha (*Ġen* 19). Hekk ukoll, għat-talb ta' Mosè, b'idejh 'l fuq, Alla kien irebbaħ lil Iżrael fit-taqbida ma' l-Amaleċiti (*Eż* 17-8-14).

### *Solidarjetà fil-Poplu Nisrani*

**Il-poplu nisrani, jew aħjar il-Knisja, huwa wkoll il-ġisem mistiku ta' Kristu. Fih jeħtieġ li jkun hemm solidarjetà, ħidma id f'id u armonija, kif hemm koordinament bejn il-membri tal-ġisem tal-bniedem.** Jgħidilna San Pawl, "Alla bena l-ġisem b'mod li żejjen b'akbar ġieħ lil dawk li jeħtiġuh l-aktar. B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin; jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jingħata l-ġieħ, jifirħu lkoll miegħu" (*I Kor* 12,24-26).

Kristu huwa r-ras ta' dan il-ġisem jew il-kap ta' l-umanità ġdida, għaliex huwa Adam il-ġdid. Huwa li jsalva l-ġisem peress li huwa feda lill-bnedmin bis-sagrifiċċju tal-Kalvarju u lil Poplu nisrani jagħtih ħajja ġdida permezz ta' l-Ispirtu s-Santu.

**Il-verità tal-ġisem mistiku titlob żewġ għamliet ta' unjoni jew għaqda; l-ewwel waħda dik personali ma' Kristu u dwar din ikellimna ħafna drabi San Ġwann. It-tieni unjoni hija dik li għandu jkun hemm fost l-insara u tagħhom ilkoll flimkien ma' Kristu. San Pawl fl-ittri tiegħu jinsisti ħafna fuq din il-ħtieġa.**

**Il-Knisja mhix biss il-Poplu ta' Alla tal-Liġi l-Ġdida iżda hija wkoll misteru ta' komunjoni. Fiha jiddominaw żewġ liġijiet, waħda tas-solidarjetà, jiġifieri kull wieħed jeħtieġ li jixxierek ma' l-oħrajn u l-liġi tar-riversibbiltà. Din tfisser li l-ġid spiritwali jew il-merti ta' wieħed igawdi minnhom kulħadd, u hekk ukoll, kull dnub huwa ta' ħsara għax-xirka kollha ta' l-insara.**

Hekk il-Konċilju jgħallimna li **"Aħna lkoll, li aħna wlied Alla u nagħmlu familja waħda fi Kristu, meta nkunu maqgħudin fl-imħabba ta' xulxin u fit-tifħir flimkien lit-Trinità Qaddisa, nwieġbu għall-vokazzjoni intima tal-Knisja u nduqu sa minn issa, xi ftit mit-tgawdija tal-liturġija tal-glorja sħiħa fis-sema"** (*Lumen Gentium*, n.51).

### *Kristu, mudell tas-solidarjetà*

Kristu l-Iben t'Alla sar bniedem bħalna, wieħed minna, ħuna l-kbir sabiex jagħtina l-għajnuna li konna neħtieġu. Ħelisna mill-miżerja spiritwali tagħna u mill-jasar tad-dnub, billi miet għalina u fuq is-salib ħallas il-prezz tal-fidwa tagħna bis-sagrifiċċju ta' ħajtu u biċ-ċarċir ta' demmu. Ħenn għalina fil-ħemm tagħna u fejjaqna mill-mard ta' ruħna. Ried jaqsam magħna x-xorti ħażina tagħna u deher għalina quddiem il-Missier tiegħu tas-sema, bħala rappreżentant tal-umanità midinba. Il-ħajja u l-mewt tiegħu, huma eżempju ta' solidarjetà, ta' ħeġġa biex jgħin lill-bnedmin ħutu u jikseb il-hena għalihom.

In-nisrani, ladarba huwa dixxiplu ta' Kristu, għandu jimxi wara Kristu u jixbah lill-Imgħallem Divin tiegħu. Huwa għandu jżomm quddiem għajnejh u jipprova jimita, mhux biss il-virtujiet li Kristu wera fir-relazzjoni tiegħu mal-Missier Alla, iżda anki dawk li wera fir-relazzjoni tiegħu mal-bnedmin ħutu. Kristu dejjem ħabbhom, ħenn għalihom u offrilhom l-għajununa tiegħu, lil ħutu l-bnedmin; fi ftit kliem, wera solidarjetà sinċiera magħhom. Din ukoll għandha tkun l-imġieba tal-insara, fuq l-eżempju ta' Kristu u bil-għajnuna tal-grazzja tiegħu.

**Is-solidarjetà nisranija, mela hija dik l-attitudni jew tendenza li tqarreb il-bnedmin lejn xulxin, biex waqt li jirrispettaw id-dinjità ta' kull wieħed, jikkollaboraw għall-ġid u l-hena ta' kulħadd. Biex tkun tista' tissejjaħ solidarjetà nisranija, jeħtieġ li tkun ispirata mit-tagħlim ta' Kristu u titwettaq għall-motiv sopranaturali, jiġifieri meta wieħed ikompli għemejjel ta' solidarjetà sabiex jikseb il-frott u l-premju li wiegħed Kristu.**

Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.1941) isemmi d-diversi għamliet tas-solidarjetà, fejn jgħid **"Il-problemi, soċjo-ekonomiċi ma jistgħux jinħallu, jekk mhux bl-għajnuna tas-suriet kollha tas-solidarjetà, solidarjetà tal-foqra ma' xulxin, tal-għonja mal-foqra, tal-ħaddiema ma' min iħaddem fl-intrapriżi, solidarjetà bejn in-nazzjonijiet u bejn il-popli. Is-solidarjetà internazzjonali hi ħtieġa ta' l-ordni morali. Minnha, sa ċertu punt, tiddependi l-paċi tad-dinja."**

Dwar il-ħtieġa tas-solidarjetà fis-soċjetà moderna, il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-enċiklika *"Sollicitudo rei Socialis"* (n 26), jgħidilna "Fid-dinja ta' żminijietna, li fiha firdiet u taqlib li ġejjin minn kull għamla ta' konflitti, qegħda tikber il-konvinzjoni ta' interdipendenza radikali, u għalhekk tidher il-ħtieġa ta' solidarjetà li tassumiha u tapplikaha għall-pjan morali. **Illum, forsi aktar milli fl-imgħoddi, il-bnedmin qegħdin jintebħu li huma marbutin b'destin komuni, li għandhom jaħdmu għalih flimkien, jekk iridu jevitaw katastrofi għal kulħadd. Mill-inkwiet profond, mill-biżà u mill-fenomenu ta' l-evażjoni, bħal ma hija d-droga, fenomenu karatteristiku tad-dinja ta' żmienna, bil-mod il-mod, qegħda ssir dejjem iktar ċara l-idea, li l-ġid li lkoll kemm aħna ninġibdu lejh u l-hena li lkoll nixtiequ, ma jistgħux jinkisbu mingħajr l-isforz u l-impenn ta' kulħadd, bla eċċezzjoni u meħtieġa wkoll iċ-ċaħda ta' l-egoiżmu tagħna."**

*(jissokta)*




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Il-Wieħed u Għoxrin Parti )*

## *FRAN U ĦOBŻ (4)*

***Dwar il-ħatab***

Il-**forn tal-ħatab** ismu miegħu - jinħema bil-ħatab. Meta ngħidu **ħatab** nifhmu kull xorta ta' ***zkuk tas-siġar, żraġen, injam, xewk, tiben*** u ***ħuxlief, qasbija*** u dak kollu li jista' jinħaraq. Dari xejn ma kien jintrema.

Dari l-bdiewa kienu jiġbru kull xorta ta' ħatab u jbigħuh lil tal-forn. Sa ftit wara l-aħħar Gwerra Dinjija, il-prezz kien ikun skud il-**ħemel**. Skud kien jiswa xelin u tmien soldi (1s 8d jew 20d) jew tmien ċenteżmi u tlieta (8c3) bil-flus deċimali u 20 ewroċenteżmu bil-flus ta' llum. Kien hemm ukoll irġiel u żgħażagħ li kienu jduru jiġbru kull xorta ta' xewk biex ibigħuh lil tal-forn. Dan kienu jorbtuh f'**qatet** jew **qatt**, igħabbuh fuq il-karrettun u jeħduh għand tal-forn. Il-fran kollha kellhom ukoll kamra kbira jew maħżen fejn jaħżnu dan il-ħatab biex kulmeta l-furnar ikollu bżonn isibu. Niftakar li aħna konna nbigħu tagħbijiet sħaħ ta' zkuk tal-kromb nexfin u żraġen tad-dwieli u neħduhom għand tal-forn. Dan il-ħatab qabel xejn konna nnixxfuh fuq il-ħitan tar-raba'.

Issa l-bdiewa kienu jiffrankaw ukoll il-flus billi, talli jagħġnilhom il-ħobż, minflok ma jħallsu lill-furnar bil-flus, kienu jagħtuh nofs il-ħlas bil-ħatab u n-nofs l-ieħor fi flus *(part payment)*. Ta' erbat itmien dqiq kien jieħu ħemel ħatab jew xewk. **Ħemel** kien ikun fih tmien qattiet.

***Ikel il-Forn***

Il-furnar ta' dari kien isajjar ukoll fil-forn tal-ħatab kull xorta ta' ikel l-aktar nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd. Dari n-nies ma kellhiex il-forn id-dar bħal-lum. Għalhekk kulħadd kien jipprepara l-ikel u mbagħad imur bih għand tal-forn biex isajru hu. Allura tistgħu taħsbu x'varjetajiet kbar ta' ikel kien ikun hemm. Issa kull ikel differenti kien jagħti l-benna tiegħu lill-ikel l-ieħor. Għalhekk, l-ikel imsajjar fil-forn tal-ħatab kien ikun wisq itjeb minn dak li llum insajru fil-forn tad-dar.

Xi fran kienu wkoll isajru kull xorta ta' ***ftajjar, kagħak,*** u ikel ieħor li mbagħad kien jinbiegħ jew mill-forn stess, jew minn xi bejjiegħ li jdur mat-toroq jew minn xi ħwienet tal-lokal.

*(Dan it-tagħrif inkiseb mingħand Toni Calleja mill-Għasri, espert f'dan il-qasam għax kienu bil-forn, b'intervisti separati, kif ukoll mingħand xi nies oħra li jifhmu f'dan is-suġġett).*

### IL-FRAN F'GĦAWDEX

Nistgħu ngħidu li, qabel ma daħlu l-fran il-kbar moderni li jagħmlu kollox bil-magni, Għawdex kien miżgħud bil-fran li kienu jaħdmu bil-ħatab. Kien hemm fran fejn in-nies kienu jmorru jagħġnu huma l-ħobż tagħhom. Kien hemm fran oħrajn fejn kien isir ix-xogħol tal-pastura, jiġifieri x-xogħol kien jagħmlu kollu l-furnar u l-klijenti jħallsuh tal-għaġna li kien jaħmlilhom. Din li ġejja hija lista tal-fran li nafu li kienu jaħdmu f'Għawdex dawn l-aħħar mit sena. Fejn mhux indikat mod ieħor il-fran għalqu u m'għadhomx jaħmu ħobż. Hemm xi fran li jaħmu fihom il-***ħelu***, inkella, ***kagħak***, ***biskuttini***, ***ftajjar***, eċċ. Xi fran oħra lanqas il-bini m'għadu jeżisti.

***Fran ir-Rabat ta' Għawdex, 14-il wieħed u 1 modern***

1. Il-Forn ta' Gerit, ta' Ġorġ Tabone, ta' Gerit, 36 Triq San Ġorġ, kien iħaddmu Ġorġ Tabone, ix-Xiħ, imbagħad ħadu ibnu, Ġorġ Tabone wkoll, u llum qiegħed għand Ġorġ Mario Tabone u jsajjar biss il-kagħak ta' l-Appostli.


*Il-furnar Karmnu Sultana mix-Xagħra*

2. Il-Forn ta' Toni ta' Purtondu, fi Triq il-Librerija.
3. Il-Forn ta' Ċikku Tabone, tar-Rmied, Triq il-Librerija.
4. Il-Forn ta' Dumink Fenech, tal-Baskuttelli, Triq il-Karmnu, il-Mandraġġ.
5. Il-Forn ta' Kelinu Tabone, ta' Marċell, magħruf bħala l-Forn ta' Kieli, Pjazza Savina.
6. Il-Forn ta' Koli Tabone, ta' Marċell, fi Triq Gedrin,
7. Il-Forn ta' Kalanġ Farrugia, ta' Xaqqaq, Pjazza Sant' Wistin.
8. Il-Forn ta' Salvu Farrugia, ta' Xaqqaq, Triq Vajrinġa.
9. Il-Forn ta' Leli Fenech, tal-Baskuttelli, fis-Sqaq ta' Triq Vajrinġa.
10. Il-Forn ta'Ġużeppi Debattista, tal-Kliku, magħruf bħala l-Forn tal-Kliku, Pjazza San Franġisk.
11. Il-Forn ta' Ġużepp Galea, tal-Għaġina, fi Triq Monsinjur Ġużeppi Farrugia.
12. Il-Forn ta' Ġużepp Galea ieħor, tal-Għaġina wkoll, fi Triq Sant' Indrija.
13. Il-Forn ta' Leli Attard ta' Marta, fis-Sqaq ta' Dandalona, fi Triq Monsinjur Ġ. Farrugia; imbagħad għadda għand ibnu magħruf bħala Kampnari, li kien miet b'diżgrazzja tan-nar. Xi żmien ilu dan il-forn kien twaqqa' u reġa' nbena iżjed 'il ġewwa u llum qiegħed f'idejn Ġorġ il-Panzier biex isajjar fih pizez u xi ikel ieħor.
14. Il-Forn ta' Toni Grech, tal-Bobu, fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar; illum dan il-forn għadu jeżisti imma m'għadux jaħdem bil-ħatab u jaħmi l-ħelu ta' Portelli's Bar ta' fejn Savina.

*Fran moderni:*

1. *It-Tower Bakery,* il-Forn ta' Johnny Portelli, tal-Lingi: l-ewwel kien f'maħżen quddiem il-Villa Rundle, imbagħad mar f'bini ġdid quddiem il-Lyceum (Kumpless Ninu Cremona), u issa mar fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija.

***Fran il-Fontana (it-Triq tal-Għajn)***

1. Il-Forn ta' Ċelest, ta' familja Ċini, fi Triq tal-Għajn.
2. Il-Forn tal-Betbut, kien immexxi minn Kalanġ jew Toni, fi Triq tal-Għajn; sidtu kienet Marjanna Buttigieġ li kienet tħaddmu, wara għaddietu wkoll lil ta' Ċopi.

*Forn modern*

3. Il-Forn ta' Ċini, l-istess ta' Ċelest, immodernizzat.

***Fran f'Għajnsielem, (7 Fran).***

*M'għadhomx jaħdmu:*

1. Il-Forn ta' M'Anġlu Zerafa, Triq Għajnsielem.
2. Il-Forn ta' Marozz Attard, Triq il-Ġonna,
3. Il-Forn ta' Vella, tal-Bej, Triq Ħamri.
4. Il-Forn Ta' Ġinizja, it-Tikka, fi Triq Perellos, l-aktar forn qadim.
5. Il-Forn ta' Wenzu Meilak, ix-Xoffa, Triq l-Imġarr.

*Għadhom jaħdmu:*

6. Il-Forn ta' Paul Debono, tal-Felwa, Pjazza tas-Santwarju.
7. Il-Forn ta' Toni Agius, Triq l-Imġarr.

***Għarb, 7 fran.***

1. Il-Forn tal-Willi, Triq Frenċ tal-Għarb (parti minn Triq il-Blata).
2. Il-Forn tan-Naqnaq, Mikelanġ Cremona, Triq Trux.
3. Il-Forn ta' Marċell Tabone, Triq il-Knisja.
4. Il-Forn ta' Ġakkinu, Triq San Pietru.
5. Il-Forn ta' Triq Monġur.
6. Il-Forn ta' Joseph Portelli tan-Namrat, Triq il-Knisja.
7. Il-Forn tal-Fgura.

***Nota:*** *Jingħad li fl-irziezet il-qodma li hemm fil-wied ta' Pinu kien hemm ukoll forn antik.*

*(Jissokta)*

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN

**GREZZJU BONELLO**
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

*Mil-Lenti tat-Telekamera* *Esperjenzi miksuba f'pajjiżi tat-Tielet Dinja*

# PARAIBA, BRAŻIL...
## *Fejn l-arloġġ taż-żmien bħal donnu waqaf...*



*kitba u ritratti ta'* **ALVIN SCICLUNA**



Minn Maceio, fejn konna qed nalloġġjaw, kien vjaġġ pjuttost twil... Ridna noħorġu mill-istat ta' Alagoas sabiex imbagħad naqsmu dak ta' Pernambuco u nidħlu f'Paraiba. Huma stati pjuttost żgħar meta mqabbla ma' bosta missitta u għoxrin li jiffurmaw il-Brażil. Jinsabu f'dik il-parti tal-pajjiż magħruf bħala n-NordEst. Għaddejna minn ġewwa meded kbar ta' kampanja fejn il-wiċċ dominanti huwa l-kannamieli, is-sors ewlieni ta' dħul ta' flus... iżda fl-istess waqt, ir-raġuni għaliex il-bdiewa ta' din ix-xaqliba tal-Brażil iħossuhom trattati bħala ftit aħjar minn ilsiera.

Id-destinazzjoni tagħna kien ir-raħal ta' San Miguel de Taipu u l-għan taż-żjara tagħna kienet biex niltaqgħu massaċerdot missjunarju Għawdxi Dun Ġannmari' Cauchi li huwa mill-Għarb u li sa minn meta ordna fis-sena 1967, ħadem fost dawn il-komunitajiet biex iwasslilhom lil Alla u jgħinhom ukoll fil-bżonnijiet soċjali tagħhom. Bħal bosta rħula agrikoli oħra tal-pajjiż, San Miguel de Taipu għandu l-parti ċentrali, ddominata mill-pjazza bil-knisja parrokkjali. It-toroq tal-madwar huma mimlija b'residenzi, ħwienet u stabbilimenti kummerċjali. Imbagħad, 'l barra minn dan iċ-ċentru mibni, stajna ninnutaw il-*farms* mxerrda f'għelieqi u propjetà mdaqqsa. L-ewwel daqqa t'għajn ma' tantx tindika li f'din il-lokalità jgħixu kważi sebat' elef ruħ. Iżda ħafna mill-abitanti ta' Taipu li huma bdiewa, jgħixu fuq dawn il-*farms*. Hi żona agrikola millaqwa u dehriet tal-kampanja kollha siġar u għelieqi mimlija b'uċuħ differenti tar-raba, jgħaxxqu l-għajn. Fl-opinjoni mgħaġġla tagħna, il-missjoni hawnhekk ma' setgħetx tiċċentra fuq il-faqar materjali tal-komunitajiet għaliex il-Paraiba, bid-diversi xmajjar li jaqsmuh u li jwasslu abbundanza ta' ilmijiet, hu reġjun sinjur f'dik li hi biedja. Wara li tkellimna ma' Dun Ġannmari', sirna nafu li l-problemi kbar huma marbuta mat-tqassim inġust tal-art li fil-maġġor parti tagħha hi propjetà ta' sidien sinjuri li lanqas biss ma jgħixu f'dawn l-inħawi.

Sa minn meta kien is-seminarju t'Għawdex, Dun Ġannmari' Cauchi kien ispirat mill-kuntatti li kellu ma' Dun Ġużepp Galea. Dan is-saċerdot Għawdxi minn Sannat kien l-ewwel missjunarju li mar fin-NordEst tal-Brażil u kien jibgħat ittri li fihom jispjega dak li kien qed jesperjenza. Kien jappella għall-għajnuna u għaldaqstant kien iħajjar seminaristi Għawdxin biex imorru l-Brażil. Dun Ġannmari' telaq minn Għawdex nhar is-7 t'Ottubru 1963 u wasal fin-NordEst fit-22 ta' Novembru tal-istess sena, proprju fil-jum meta kienu qatlu lil Kennedy. Wara li studja t-teoloġija fis-seminarju ta' Recife, hu ġie ordnat saċerdot fl-1967.



Dun Ġannmari' spjegalna fuq fuq id-differenza enormi li teżisti bejn din il-parti tal-Brażil u l-istati tas-sud bħal Paranà. Jistqarr li n-naħa t'isfel tal-Brażil inbidlet minħabba l-influss qawwi ta' immigranti mill-Ewropa ta' Fuq li ġabu magħhom il-kultura ta' xogħol, bżulija u għatx lejn il-progress. Forsi kaġun tal-klima sħuna u umda li taffettwa l-andament tax-xogħol u għixien, ir-reġjuni tan-Nordest ma' ġibdux lejhom dan it-tip ta' immigrant u hawnhekk, il-komunitajiet ta' familji ta' dixxendenza Portugiża baqgħu jipprevalu.

San Miguel hu raħal imdaqqas, fis-sens li fil-madwar tal-pjazza nsibu diversi toroq pavimentati bi djar sbieħ. Il-knisja, mibnija fuq daqsxejn ta' ħotba, hi waħda ta' stil kolonjali u pjuttost kbira anke jekk fuq ġewwa hi knisja umli. Iżda Dun Ġannmari' spjegalna li fil-parroċċa tiegħu hemm ħamsa u għoxrin kappella - ta' spiss kamra sempliċi - li hu jżur almenu darba f'xahar u minn fejn il-katekisti jgħallmu d-duttrina lill-familji li jgħixu fil-qrib. Jistqarr li f'din ix-xaqliba tal-Brażil, in-nies huma nsara prattikanti. Bħal f'kull djoċesi oħra, anke dik li tagħha Dun Ġannmari' jifforma parti, tmexxi programmi ndirizzati lejn iż-żgħażagħ, l-adulti, l-anzjani u l-morda.

Il-problemi soċjali huma kollha marbuta mal-art. L-art tappartjeni lil sidien sinjuri li jkollhom speċi ta' *supervisors* jikkontrollaw lill-bdiewa li jaħdmuha u jgħixu fuqha. Kien hemm żmien meta l-uċuħ tar-raba kienu varji u l-bdiewa kienu jkabbru kull ma' kien ikun hemm bżonn. Imbagħad, ħin bla waqt waslet il-kultura tal-kannamieli fejn is-sidien dehrilhom li jkun jaqblilhom li jikkultivaw il-kannamieli milli jipproduċu wċuħ diversi. Il-kannamieli ma jitkabbarx biss għall-produzzjoni taz-zokkor iżda wkoll sabiex minnu jsir l-*ethanol,* sostitut għall-petrol li ma' jniġġisx l-ambjent. Ħafna mill-ħaddiema tar-raba u bdiewa żgħar spiċċaw bla xogħol u saħansitra tkeċċew mid-djar umli li fihom kienu jgħixu mal-familji tagħhom. Kien għalhekk li l-Knisja dehrilha li għandha titkellem sabiex twassal l-ilmenti ta' dawn il-ħaddiema rurali li ma kellhomx vuċi. Hawnhekk bdiet taqbida ħarxa bejn il-Knisja u s-sidien tar-raba li ma xtaqux jaraw lill-bdiewa jnaqqru mill-artijiet kbar tagħhom. Il-politika tal-gvern kienet u għadha favorevoli li l-bdiewa jakkwistaw biċċiet ta' raba sabiex imantnu l-familji tagħhom u jibqgħu jipproduċu l-uċuħ li tant huma bżonnjużi. Iżda kif jiġri kullimkien, il-liġi bdiet tiġi kkuntestata min-naħat kollha bir-riżultat li l-akkwist tal-art minn-naħa tal-bdiewa mhix xi ħaġa faċli. B'ħidma li ma waqfet qatt, Dun Ġannmari' għen lill-bdiewa tal-lokal sabiex huma jakkwistaw, bil-barka tal-gvern, l-art li fuqha ħadmu għall-ġenerazzjonijiet sħaħ. Sa llum,aktar minn għoxrin familja jafu dan lill-ħabib tagħhom, il-qassis missjunarju minn Għawdex.

Fil-kumpanija tiegħu, żorna x'uħud minn dawn il-*farms* fejn stajna naraw mill-qrib ix-xogħol li jsir u l-apprezzament li dawn in-nies għandhom lejn Dun Ġannmari'. Ix-xogħol jibqa' wieħed iebes bħalma hi kull ħidma marbuta mar-raba. Id-djar huma sempliċi, u nieqsa mill-kumditajiet minn xi daqqiet anke bażiċi. Iżda dawn il-familji huma kuntenti għaliex fuq kollox, l-art issa hi



tagħhom u m'għadhomx l-ilsiera ta' sidien sinjuri u bla skruplu. Il-gvern jgħinhom biex jixtru l-għodod, jirranġaw il-*farms* u anke jibgħatilhom tekniċi biex jgħallmuhom metodi ġodda fit-tkabbir ta' wċuħ tar-raba. Dun Ġannmari' jistqarr li għad baqa' bosta każi simili li għadhom ma' ġewx solvuti. Iżda jkompli jistqarr li b'dan il-mod, il-bdiewa jkunu produttivi u jkunu jistgħu jgħixu ferm aħjar milli kieku jimitaw ħafna oħra li abbandunaw ir-raba biex jgħixu fis-subborgi tal-bliet mingħajr sostenn ta' xejn.

U waqt li konna qed nammiraw is-seħer ta' ambjent mhux mittiefes fejn ir-ritmu tal-ħajja jiżvolġi b'passi bil-mod, Dun ĠannMari' kompla jistqarr magħna li s-sostenituri Maltin u Għawdxin huma missjunarji wkoll! Hu jkun jista' jgħin lil dawn in-nies bl-għajnuna finanzjarja li jirċievi mingħand il-benefatturi tiegħu.

Xtaq jieħu l-okkażjoni biex, flimkien mal-familji u ndividwi li jiftakru fih, jirringrazzja lill-*Mission Fund*, lis-Support Missjunarju f'Għawdex u lil Dun Ġorġ Grima tal-Moviment Ġesù fil-Proxxmu li ta' kull xahar jgħaddilu elf u ħames mitt rijal biex bihom isostni t-tfal fqar li jgħixu fit-tined tal-bdiewa li qed jiġġieldu għall-akkwist tal-art li jaħdmu. U fuq kollox, kompla jgħidilna li anke t-talb hu sostenn importanti biex Alla jagħtih is-saħħa li jkompli jwettaq il-ħidma missjunarja mitluba minnu.

Hekk kif wasalna fil-belt żgħira u ċentru kummerċjali ta' Pilar, ftit għexieren ta' kilometri 'l bogħod minn San Miguel de Itaipu sabiex aħna nkomplu treqitna lejn destinazzjoni oħra, stajna ninnutaw il-wiċċ veru tal-missjunarju... Dun Ġannmari' kien se jħallina biex jerġa' lura lejn daru u niesu, u jpatti xi ftit għall-ħin li aħna konna tellifnieh. Aħna konna sejrin noħorġu minn roqgħa ta' art fejn l-arloġġ tal-ħin bħal donnu jieqaf...konna mill-ġdid se nerġgħu lura lejn id-dinja ċivilizzata li fiha aħna kbirna. U hu, figura solitarja iżda torri ta' saħħa u fiduċja għall-komunità fdata f'idejh, kien se jerġa' lura lejn dik l-art fejn għalih, it-tokki tal-arloġġ qed jgħaġġlu wisq sabiex iħalluh iwettaq il-ħidma tiegħu missjunarja fil-paċi u fis-sliem.

---

*Alvin Scicluna hu l-producer u d-direttur tal-programm "Għawdex Illum" li minn żmien għall-ieħor itella' dokumentarji televiżivi minn artijiet imbiegħda tal-missjoni sabiex iwassal il-messaġġ ta' ħbiebna l-missjunarji lill-poplu ta' Malta u Għawdex.*

Letteratura

# Għawdex f'qalb l-Għaqda Poeti Maltin



kitba ta' **ALFRED MASSA**, President Għ.P.M.

Wieħed mill-għanijiet li għalih twaqqfet l-Għaqda Poeti Maltin fl-1975 kien li xxerred l-imħabba lejn il-Poeżija fost il-popli ta' dawn iż-żewġ gżejjer. Dan barra, naturalment, biex toffri wkoll okkażjoni lil dawk il-poeti, stabbiliti u m'humiex, ħalli joħorġu għad-dawl il-versi tagħhom.

Kien għalhekk ħsieb floku ħafna li sa mit-twelid tagħha, l-Għaqda fost diversi attivitajiet oħra, bdiet torganizza **Lejliet ta' Poeżija**, msejħin **Lejliet ta' Nbid, Pizza u Poeżija** peress li fl-intervall dawk preżenti kienu jingħataw *gratis* biċċa pizza u tazza jew tnejn inbid. Fil-bidu dawn kienu jsiru fil-Belt Valletta; l-ewwel fid-Dar Ċentrali San Ġużepp fi Triq San Pawl u aktar tard f'restorant fi Triq id-Dejqa.

L-attendenza kienet dejjem tajba ħafna kemm min-naħa tal-poeti kif ukoll mill-pubbliku inġenerali. Interessanti l-fatt li l-Ministeru tat-Turiżmu kien talab lill-Għaqda speċi ta' kalendarju ta' dawk il-**Lejliet**. B'hekk bdew jattendu anki xi barranin peress li l-poeżiji (kif għadhom ikunu sa llum) kienu jkunu b'lingwi differenti.

Għax tajjeb ngħidu, li għall-Għaqda Poeti Maltin l-importanti hu li l-poeta jkun ta' ċittadinanza Maltija, imma l-lingwa li juża biex jinseġ vrusu hija libera. Dan wieħed jista' jinnotah kemm fil-konkorsi li torganizza kif ukoll fil-lejliet imsemmija.

### *Barra l-Belt*

Meta fis-sena 2001 l-Għaqda kellha tmexxija ġdida, kien ġie deċiż li l-**Lejliet ta' Poeżija** jibdew isiru anki barra l-Belt. B'hekk, il-poplu seta' jgawdihom aktar. L-Għaqda ma dametx ma bdiet tkun avviċinata minn diversi Kunsilli Lokali u Għaqdiet oħra biex torganizza dawn il-**Lejliet** f'lokalitajiet differenti. Fil-fatt, ftit huma dawk l-ibliet u l-irħula Maltin li ma daqux il-benna tal-poeżija b'riħet l-Għ.P.M.

Biex dawn il-**Lejliet** ikunu aktar attraenti għall-poplu tagħna, l-Għaqda ħadet ħsieb li mal-poeżija tibda tinkludi wkoll il-mużika. Ġie avviċinat il-kant-awtur bravu Walter Micallef li bil-kanzunetti tiegħu kompla ta ħajja l-qari tal-poeżiji. Dan għadu jsir sa llum.

Il-ħidma tal-Għ.P.M. f'dan il-qasam tant kisbet popolarità li l-membri kienu jiġu minn diversi bnadi. Barra minn hekk, kien ta' sodisfazzjon li tara nies komuni sempliċiment jattendu biex jisimgħu. Dan ġie nnutat saħansitra mill-Kunsilli Lokali nfushom u minn Għaqdiet oħra tant li kien hemm min talab lill-Għaqda biex dik l-attività tagħmilha appuntament annwali f'dik il-lokalità.

### *Xewqa li taqsam il-fliegu*

Iżda l-Kumitat ma damx ma beda jaħseb biex jaqsam anki l-fliegu u jorganizza xi **Lejliet ta' Poeżija** anki ġewwa Għawdex. Fil-lista tal-membri ġa kien hemm numru konsiderevoli ta' membri Għawdxin. Barra dan, wieħed mill-ewwel *Membri Onorarji ad vitam* tal-Għaqda kien propju l-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani. Pisani nnifsu meta għalaq l-età veneranda ta' 80 sena kien talab lill-Għaqda tiehu sehem fis-Serata li kienet saritlu. Fil-fatt, id-diskors ewlieni dakinhar kien sar mill-Viċi President (illum il-President) tal-Għ.P.M.

Saru kuntatti mal-Ministeru ta' Għawdex u l-Għaqda tħossha kuntenta li b'sodisfazzjon tista' tistqarr li sabet l-għajnuna kollha meħtieġa u appoġġ sħiħ mill-Onor. Ministru Giovanna Debono. Hawn wieħed ma jistax jeskludi s-sehem tar-rappreżentant tal-Għaqda f'Għawdex, il-poeta Charles Bezzina.

Is-Sibt, 2 ta' Settembru 2006 l-Għ.P.M. organizzat l-ewwel **Lejla ta' Poeżija** fis-Sala tal-Ministeru fi Pjazza San Franġisk taħt il-patroċinju ta' l-Onor. Giovanna Debono. Kien attenda wkoll l-iSpeaker tal-Parlament, l-Onor. Anton Tabone, poeti Għawdxin u attendenza sodisfaċenti ħafna.

Is-suċċess ta' dik il-**Lejla** mela lill-Għaqda bil-kuraġġ. Tant hu hekk, li fit-28 ta' Lulju 2007 mill-Belt Victoria, l-Għ.P.M. marret in-Nadur u flimkien mal-Kunsill Lokali tal-post organizzat **Lejla ta' Poeżija** li fiha ħa sehem ukoll il-kitarrista bravu Joe Engerer. Din kienet saret fil-pjazza li hemm maġenb il-kolleġġjata ta' San Pietru u San Pawl.

Bil-mewt tal-poeta Ġorġ Pisani, l-Għaqda ma kellha ebda Membru Onorarju Għawdxi fil-lista tagħha. Għalhekk, il-Kumitat iddeċieda li jaħtar mhux wieħed imma erbgħa għal dan l-unur. Fil-31 ta' Awwissu 2007 f'ċerimonja li saret fil-Ministeru għal Għawdex, għal darba oħra preseduta mill-Onor. Giovanna Debono, inħatru bħala *Membri Onorarji ad vitam, il*-poeti Marċell Mizzi L.P., Ġanninu Cremona, il-Kan. Joe Mejlak u l-Baruni Kelinu Vella Haber. Kien attenda wkoll l-Onor. Anton Tabone, *Speaker* tal-Parlament.

Is-sena l-oħra mbagħad l-Għ.P.M. ħadet sehem f'żewġ attivitajiet fil-gżira Għawdxija. Fis-6 ta' Ġunju 2008 il-Kunsill Lokali tal-Qala flimkien magħha fakkar il-25 sena mill-mewt tal-poeta Anton Buttigieg f'ċerimonja li saret fil-pjazza tar-raħal quddiem il-monument tal-poeta. Ħmistax-il jum wara, ir-rappreżentant tal-Għaqda f'Għawdex, il-poeta Charles Bezzina ppubblika Ġabra oħra ta' poeżija bl-isem "Meta Siket il-Baħar" u kif kien xieraq ħalla l-oganizzazzjoni taċ-ċerimonja, li saret fi sqaq fil-Belt Victoria, f'idejn l-Għ.P.M.

Issa hemm il-ħsieb li fis-sajf li ġej, l-Għaqda u l-Kunsill tal-Kultura f'Għawdex, jorganizzaw flimkien attività biex jitfakkru ċ-ċentinarju tat-twelid u l-10 snin tal-mewt tal-"Poeta taż-Żgħożija u tal-Istorja", Ġorġ Pisani. 'Il quddiem jiġu organizzati aktar attivitajiet għall-poplu tal-gżira oħtna f'lokalitajiet diversi.

Dan kollu juri kemm Għawdex huwa tabilħaqq għal qalb l-Għaqda Poeti Maltin. Jalla wieħed jara aktar poeti Għawdxin jissieħbu fiha. Jalla l-poplu Għawdxi jifhem il-ħidma ta' din l-Għaqda b'riżq il-poeżija u japprezzaha kif għamel fl-imgħoddi. Ix-xewqa tal-Għ.P.M. finalment hija li f'din il-gżira sabiħa u mimlija storja tixxettell u tikber dejjem aktar l-imħabba lejn din l-arti sublimi: il-Poeżija.

Wirt Artna



# "Wirt Għawdex"



*kitba ta'* **DR. STEPHANIE JEAN COPPINI**, Wirt Għawdex P.R.O.

***X'inhu l-għan ta' l-għaqda* Wirt Għawdex*? Kif bdiet?***
Oriġinarjament imwaqqfa lejn l-aħħar tas-snin sebgħin, *Wirt Għawdex* hija għaqda volontarja u totalment indipendenti mill-Gvern. F'dak iż-żmien kien għad m'hemmx daqshekk apprezzament lejn il-wirt kulturali t'Għawdex, u għaldaqstant, inħass il-bżonn ta' xi għaqda biex propju timla dan il-vojt. Grupp imdaqqas ta' żgħażagħ beda jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fil-kappella ta' San Ġużepp ġewwa ċ-Ċittadella, u dan wassal biex twaqqfet is-soċjetà *Wirt Għawdex*. Ġie mniedi l-Istatut, u ntagħżel kumitat li jmexxi s-soċjetà. Importanti ħafna li wieħed japprezza li *Wirt Għawdex* taħdem esklussivament fuq bażi volontarja, fejn il-membri tal-kumitat jiddedikaw ħafna minn ħinhom f'ħidma impenjattiva li tirrekjedi ammont konsiderevoli ta' xogħol u ħin. Ġie ddeterminat li l-għanijiet prinċipali tas-soċjetà jkunu li tkattar l-għarfien tal-wirt kulturali fost il-livelli kollha tas-soċjetà, filwaqt li tissalvagwardja, bl-aħjar mod possibbli, il-patrimonju naturali, arkeoloġiku, storiku u antropoloġiku tal-gżejjer t'Għawdex u ta' Kemmuna.

***X'tagħmel l-għaqda* Wirt Għawdex*?***
Matul is-snin, *Wirt Għawdex* kienet instrumentali ħafna fit-tkattir t'għarfien dwar restawr ta' siti speċifiċi bħal per eżempju, iċ-Ċittadella, il-Ġgantija, *Xagħra Stone Circle*, it-torri tax-Xlendi, oġġetti t'arti tal-knejjes lokali, l-ewwel magna ta' l-istampar f'Għawdex, u karatteristiċi oħra f'Għawdex. *Wirt Għawdex* tara ukoll li f'Għawdex u Kemmuna jsir żvilupp sostenibbli, u ssemma leħenha mhux biss permezz ta' l-istampa u l-mezzi ta' komunikazzjoni lokali, iżda wkoll, f'każ ta' proġetti kbar ta' żvilupp u xi kultant kontroversjali, billi torganizza laqgħat apposta għall-membri tagħha u l-pubbliku in ġenerali, fejn eventwalment dawk preżenti jesprimu ruħhom permezz ta' vot ħieles, u tittieħed deċiżjoni skont ir-rieda tal-maġġoranza. U dan dejjem wara li *Wirt Għawdex* tkun studjat bir-reqqa kull fażi ta' l-iżvilupp u l-'*Environmental Impact Assessments*'.

Matul is-snin sa llum, xi membri tal-kumitat ta' *Wirt Għawdex* huma wkoll membri fuq diversi bordijiet governattivi mwaqqfa apposta biex iħarsu l-wirt kulturali tal-gżejjer tagħna. *Wirt Għawdex* hija wkoll membru sħiħ fl-Assoċjazzjoni ta' l-Għaqdiet Mhux Governattivi Għawdxin (*Gozo NGOs Association*) u l-Assoċjazzjoni ta' l-Għaqdiet Volontarji (*Voluntary Organisations Association*) li ġiet imwaqqfa riċentament permezz ta' liġi speċifika. Preżentament, *Wirt Għawdex* iżżomm il-laqgħat tagħha fil-loġġa tal-kaċċa tal-Granmastru ġewwa l-wied pittoresk tal-Lunzjata, limiti tar-raħal ta' Kerċem, grazzi wkoll għall-Ministeru għal Għawdex.

Matul is-snin, *Wirt Għawdex* kienet minn dejjem attiva ħafna torganizza '*lectures*' (bla ħlas u miftuħa għall-pubbliku in ġenerali) u seminars annwali fuq aspetti differenti tal-wirt kulturali t'Għawdex, kollha mogħtija mill-esperti kkonċernati f'dak il-qasam partikolari. *Wirt Għawdex* torganizza wkoll '*guided tours*' għall-postijiet ta' interess f'Malta, Għawdex u Kemmuna, u saħansitra anke barra minn Malta. Dawn il-'*lectures*' u '*guided tours*' isiru dejjem bl-Ingliż biex b'hekk ikunu jistgħu jattendu anke nies ta' nazzjonalità barranija. In-numru konsiderevoli ta' barranin li jattendu dawn l-attivitajiet jagħti lil *Wirt Għawdex* sens ta' sodisfazzjon, għaliex l-interess tagħhom fil-wirt kulturali ta' gżiritna qiegħed dejjem jikber. Dan huwa wkoll xhieda li x-xogħol volontarju tal-membri tal-kumitat ta' *Wirt Għawdex* qiegħed dejjem jiġi apprezzat.



Photo by - Giovanni N. Zammit

*Wirt Għawdex* tara wkoll li torganizza attivitajiet soċjo-edukattivi u ta' rikreazzjoni. Xi eżempji mill-passat jinkludu dawra bil-ħelikopter u mawriet bid-dgħajsa madwar Għawdex u Kemmuna, serati mużiċi-letterarji, '*soirée d'opera and gala dinner*', mixjiet fil-kampanja, '*barbeques*' ħdejn il-baħar, u ikliet. Attivitajiet bħal dawn iservu ta' okkażjoni biex Maltin, Għawdxin u barranin isiru jafu lil xulxin aktar u jagħmlu ħbieb ġodda. Konxja ta' l-importanza li uliedna jitrawmu b'għarfien tal-wirt kulturali nazzjonali, *Wirt Għawdex* organizzat ukoll kors ta' l-arti, kitba kreattiva, u fotografija, għat-tfal ta' l-iskola sekondarja, għal matul tlett isjuf konsekuttivi. Dawn kollha kienu ta' suċċess, u ta' dan *Wirt Għawdex* tinsab grata ħafna. Madanakollu, hija x-xewqa ta' *Wirt Għawdex* li tara aktar żgħażagħ u studenti jinteressaw ruħhom fis-soċjetà u fil-wirt kulturali ta' gżiritna.

*Wirt Għawdex* ippubblikat ukoll diversi pubblikazzjonijiet ta' kwalità, fosthom *Ħbiebna fin-Natura* (1998), fuljett b'kuluri vivaċi mmirat lejn it-tfal ta' l-iskola primarja, li jintroduċihom għall-insetti u fjuri tal-gżejjer tagħna; *Voyage Pittoresque des Isles de Sicile, de Malte et de Lipari* (1999), riproduzzjoni ta' sitt inċiżjonijiet fuq Għawdex ta' Jean Houel, b'librett bit-test oriġinali tal-Franċiż u bi traduzzjoni bl-Ingliż; u *Veduta del Porto detto Migiarro nell'isola del Gozo verso levante*, riproduzzjoni ta' 'watercolour' ta' Salvatore Busuttil, b'introduzzjoni fuq is-suġġett mill-esperti. Il-kumpanija *Gozo Channel Company Limited* ippubblikat *The Gozo Boat* (2001), ktejjeb miktub mis-Sur Joseph Muscat, li jagħti informazzjoni fuq id-dgħajsa tal-latini li kienet taqsam bejn Malta u Għawdex fil-passat. Dan l-aħħar ktejjeb huwa in konnessjoni ma' wieħed mill-proġetti ta' restawr f'idejn *Wirt Għawdex* – dak ta' l-unika dgħajsa tal-latini f'Għawdex, li kienet iġġib l-isem *Sacra Famiglia* G32 – proġett li qiegħed jiġi ffinanzjat fl-intier tiegħu mill-*Gozo Channel Company Limited* (is-suċċessur tad-dgħajsa tal-latini) bl-għajnuna tad-donazzjonijiet li jirnexxielha tagħmel *Wirt Għawdex*.

### *Xi proġetti ta' restawr għandha preżentament f'idejha l-għaqda* Wirt Għawdex*?*

Bħalissa, *Wirt Għawdex* hija parti f'diversi '*Management Agreements*' mal-Ministeru għal Għawdex, biex tieħu ħsieb u tamministra siti storiċi partikolari f'Għawdex. Dawn huma l-kappella medjevali ta' Santa Cecilia, f'Għajnsielem; it-torri ta' Mġarr ix-Xini fix-Xewkija; il-maħżen tal-porvli u l-batterija ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella; u d-dgħajsa tal-latini. Ir-restawr ta' Santa Cecilia, l-unika kappella medjevali li għadha teżisti f'Għawdex, kien beda jsir bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex u issa huwa kollu ffinanzjat mill-kumpanija privata *Baron Group*, li kienet ukoll involuta fi proġetti ta' restawr oħrajn f'Għawdex u Kemmuna. Ix-xogħol fuq il-kappella miexi b'ritmu mgħaġġel – din kienet teħtieġ ħafna xogħol minħabba l-istat delipitat li kienet fiha, l-aktar kaġun tal-ħsarat kbar li ġarrbet bl-attakki vandali, inkluż ħruq, u bl-elementi.

It-torri u d-dgħajsa huma kważi lesti – fuq it-torri baqa' biss l-aħħar ftit irtokki u t-tqegħid ta' xi aperturi, u mistenni li jiġi nawgurat uffiċjalment f'Ġunju li ġej, filwaqt li d-dgħajsa jeħtiġielha biss il-passati finali taż-żebgħa. Id-dgħajsa qiegħda tiġi rrestawrata b'għożża kbira mill-aħwa Ġużeppi, Pietru u Karmenu Caruana, ulied id-disinjatur u l-bennej ta' l-istess dgħajsa. Qabel ir-restawr, id-dgħajsa kienet tassew fi stat tal-biki daqs kemm kienet immermra. Eventwalment, id-dgħajsa se tittieħed fiż-Żewwieqa, ix-Xatt, fejn se titqiegħed, b'mod permanenti, fuq bażi apposta għat-tgawdija tal-pubbliku, grazzi wkoll għall-Ministeru għal Għawdex. Huwa mistenni wkoll li din il-fażi tal-proġett tkun inawgurata uffiċjalment fis-sajf li ġej. Fl-aħħar fażi tal-proġett, imbagħad se titqiegħed fuq id-dgħajsa tinda kbira, forma tal-qlugħ tad-dgħajsa tal-latini, għall-protezzjoni mill-elementi. Wieħed jista' jimmaġina x'effett se jkollha fuq min ikun dieħel fil-port ta' l-Imġarr!

Rigward it-torri ta' Mġarr ix-Xini u l-maħżen tal-porvli u l-batterija ta' San Ġwann, *Wirt Għawdex* qiegħda bħalissa tieħu ħsieb biex tipprepara '*Interpretation Panels*' f'diversi lingwi b'informazzjoni storika fuq is-siti, u li jispjegaw lill-viżitaturi l-istorja tas-siti u x'inhuma jaraw. F'kull fażi ta' kull proġett, *Wirt Għawdex* dejjem tieħu ħsieb li tinvolvi l-esperti fil-qasam partikolari, biex ir-restawr isir kif suppost. Bejn il-maħżen tal-porvli u l-batterija ta' San Ġwann hemm ukoll ftit xelters li kienu jintużaw mill-Għawdxin fit-Tieni Gwerra Dinjija. *Wirt Għawdex* diġà armat il-maħżen tal-porvli u bħalissa qiegħda tarma mill-ġdid ix-xelters b'oġġetti ta' dak iż-żmien. Fiż-żmien qarib, il-*Water Services Corporation* se tiftaħ set ta' '*silo pits*' qrib il-maħżen tal-porvli u l-batterija ta' San Ġwann, liema '*silo pits*' ukoll għaddew għand *Wirt Għawdex* dan l-aħħar permezz ta' '*Management Agreement*' ieħor mal-Ministeru għal Għawdex. Dawn ukoll, wara r-restawr neċessarju, se jinfetħu għall-pubbliku.


Photo by - Giovanni N. Zammit

Bla dubju, proġetti bħal dawn jieħdu numru ta' snin biex jitlestew, kemm minħabba l-grad ta' xogħol li jinvolvu kif ukoll minħabba l-ispejjeż konsiderevoli. Il-Ministeru għal Għawdex huwa sors t'għajnuna kbira, l-aktar fejn





għandu x'jaqsam ħaddiema u materjal, li jiġu pprovduti kollha mill-Ministeru. Huwa l-għan aħħari ta' *Wirt Għawdex* li tiftaħ dawn is-siti għall-pubbliku, ladarba l-proġetti jitlestew fil-fażijiet kollha tagħhom.

### *X'messaġġ tixtieq twassal l-għaqda* Wirt Għawdex*?*

Il-membri tal-kumitat ta' *Wirt Għawdex* m'huma qatt nieqsa mill-entużjażmu u l-ideat, u għalhekk il-kumitat jagħmel ħiltu kollha biex ikompli b'din il-linja t'attivitajiet u proġetti, dejjem b'risq il-ġid komuni tal-wirt kulturali t'Għawdex u Kemmuna. Però, biex tagħmel dan kollu, *Wirt Għawdex* tiddependi mill-għajnuna kontinwa tal-membri, *'sponsors'*, fondi mill-Gvern ta' Malta, u mill-pubbliku in ġenerali, u l-għaqda hija grata ħafna lejhom.

*Wirt Għawdex* tappella lill-Maltin-Awstraljani biex meta jkunu Malta, jagħmlu kuntatt magħha ħalli l-membri tal-kumitat jiffissaw data u ħin magħhom biex ikunu jistgħu jiġu jżuru s-siti msemmija.

Jekk int interessat tkun taf aktar fuq *Wirt Għawdex*, u/jew issir membru, idħol fis-sit elettroniku www.wirtghawdex.org, jew ibgħat *e-mail* lil info@wirtghawdex.org. Min isir membru jkun qiegħed jgħin aktar biex *Wirt Għawdex* tilħaq dejjem l-għanijiet tagħha. Il-membri jgawdu wkoll skontijiet speċjali fuq l-attivitajiet tal-*Wirt Għawdex* u jirċievu wkoll in-'*newsletter*' perjodika tas-soċjetà *Gwl*. Indirettament, tkun qiegħed tgħin ukoll jekk ixxerred il-kelma ma' ħbiebek fuq *Wirt Għawdex*.

### *L-Istat tal-Wirt Kulturali f'Għawdex*

Għalkemm f'dawn l-aħħar snin sar progress kbir f'dak li għandu x'jaqsam mal-wirt kulturali f'Għawdex, xorta waħda baqa' ħafna x'isir. Bla dubju ta' xejn, il-wirt kulturali ta' gżiritna huwa uniku, u għalhekk għandna nibżgħu aktar għalih. M'huwiex biss attrazzjoni turistika u sors ta' dħul għall-ekonomija Maltija, iżda wkoll dak li jiddistingwina minn popli oħrajn u li jagħtina l-identità tagħna. Però, importanti li nżommu f'moħħna li l-wirt kulturali ta' pajjiżna jappartjeni wkoll lid-dinja kollha, u minħabba f'hekk għandna nibżgħu għalih aktar, għax fl-istess ħin għandna dritt li ngawduh. Dan kollu joħroġ mill-Att dwar il-Wirt Kulturali (Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta). L-għaqdiet volontarji stess, bħal ma hi *Wirt Għawdex*, jingħataw importanza kbira minn dan l-Att, partikolarment minħabba r-rwol sinifikanti li għandhom.

Fortunatament, dan l-Att kien influwenti ħafna fil-qasam tal-wirt kulturali f'Malta u Għawdex, l-aktar fejn tidħol l-amministrazzjoni u s-sovrintendenza tal-wirt kulturali. Madanakollu, f'Għawdex jinħass b'mod qawwi n-nuqqas ta' rappreżentant mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Kemm-il darba, *Wirt Għawdex* iltaqgħet m'okkażjonijiet fejn sar detriment għall-wirt kulturali f'Għawdex għax ma setax jiġi eżerċitat il-poter mogħti mil-liġi lis-Sovrintendent minħabba l-fatt li ma kienx preżenti f'Għawdex. Hija x-xewqa ta' *Wirt Għawdex* li din il-problema tiġi rrimedjata fl-iqsar żmien possibbli.


**Xerri l-Bukkett**



**Bar**

**Restaurant Pizzeria**

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iż-Żewwieqa Qala

**Tel. 21553500**

Passiġġata Biblika - 47

*"Mela meta għandna qassis il-kbir hekk għoli li daħal fis-smewwiet, Ġesù, Bin Alla, ħa nżommu sħiħ l-istqarrija tal-fidi" (Lhud 4:14).*

# IS-SAGRIFIĊĊJU TA' KRISTU GĦALL-FIDWA TAGĦNA

Ħarsa qasira lejn it-Tagħlim fl-Ittra lil Lhud

**minn Fr. Charles Buttigieg**

***L-Ittra lil-Lhud***

Ilum huwa ċert li l-Ittra lil Lhud ma kitibhiex San Pawl, imma aktarx hija xogħol ta' dixxiplu tal-Appostlu. X'aktarx ġiet miktuba minn Lhudi kkonvertit, u li kien sema' lil San Pawl jippriedka. L-Ittra għandha stil differenti mill-ittri l-oħra kollha ta' San Pawl imma għandha ħafna rabtiet mad-duttrina ta' San Pawl. Fil-fatt tinsab ukoll fl-iktar manuskritt antik tal-ittri ta' San Pawl, il-papiru 46 tal-bidu tat-tielet seklu W.K. Hija ndirizzata lill-insara ta' nisel Lhudi li kkonvertew u li kienu jinsabu l-bogħod mill-kult Lhudi fil-Palestina. L-ittra titkellem dwar il-kobor tas-saċerdozju ta' Kristu u l-karatteristiċi prinċipali tiegħu, fejn naraw lil Kristu bħala l-Qassis il-Kbir tal-Liġi l-Ġdida li offra lilu nnifsu lil Alla bħala Sagrifiċċju ta' tpattija.

Skont Lhud 13:24, l-ittra nkitbet ġewwa Ruma bejn is-snin 62 u 70 W.K u dan għaliex f'Lhud 13:7 tirreferi għall-martirju ta' San Ġakbu li seħħ fis-sena 62 u qabel is-sena 70 W.K., għaliex l-ittra ma ssemmi xejn dwar il-qerda ta' Ġerusalemm li seħħet fis-sena 70 W.K.

***Jum il-Maħfra fir-Rabta l-Qadima***

Il-poplu Lhudi kien obbligat mill-Mulej li darba fis-sena jniedi jum ta' penitenza nazzjonali u ta' tpattija kif naraw f'Levitiku 16, jum l-espjazzjoni jew il-purifikazzjoni tal-poplu, '*yom kippur*' (bil-Grieg '*hemera eksilasmou*' u bil-Latin '*dies propitiationis*' u fit-Talmud insibu '*jom som*', 'jum is-sawm' bħalma huwa msejjaħ fl-Atti 27:9); fejn il-Qassis il-Kbir liebes l-ilbies speċjali tal-penitenza kien jidħol darba fis-sena fil-post il-qaddis (fis-Sanctum Sanctorum) fejn kien hemm l-arka, it-tron ta' Alla. Il-Qassis il-Kbir kien ipatti għal dnubietu kif ukoll għall-ħtijiet tal-poplu. Hu kien jidħol fil-post il-qaddis, u jraxxax id-demm tal-bodbod tas-sagrifiċċju fuq l-għatu tal-arka, il-propizjatorju (il-maqgħad, is-siġġu tal-ħniena ta' Alla, bil-Grieg: '*hilasterion*'). Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss, il-qassis il-kbir jippronunċja l-isem sagru ta' Alla, '*Jahweh*'. Imbagħad joħroġ bil-bqija tad-demm u jroxxu fuq il-poplu niedem minn ħtijietu kollha, sabiex ifakkar fid-demm tal-ħaruf maqtul u mraxxax fuq il-blajjet tal-bibien tagħhom fl-Eġittu li kien ħelishom mill-mewt.



*It-tliet monumenti tal-martirju ta' San Pawl, fil-knisja magħrufa bħala "Tre Fontane", f'Ruma.*



*Il-faċċata tal-knisja tat-"Tre Fontane"*

### *Is-Sagrifiċċju Ġdid ta' Kristu*

L-ewwelnett l-ittra tgħallem il-kobor tal-persuna ta' Ġesù Kristu fuq il-profeti u l-anġli, u fuq Mosè u Aronne kif naraw fl-ewwel tmien kapitli. Tgħallem iżda fuq kollox il-kobor tas-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-sagrifiċċji kollha tal-Antik Testment. Sagrifiċċju li sar bit-tixrid ta' demmu stess u mhux bid-demm tal-bhejjem. Sar darba biss u fuq is-salib għall-maħfra tad-dnubiet: "Imma Kristu, li ġie bħala qassis il-kbir tal-ġid li għandu jiġi u għadda minn tinda aqwa u aktar perfetta li mhix maħduma bl-id, jiġifieri mhix tal-ħolqien, daħal darba għal dejjem fis-santwarju mhux bid-demm tal-bdabad u tal-għoġiela, imma b'demmu, wara li kiseb fidwa għal dejjem" (Lhud 9:9-12). L-Ittra turi lil Kristu li hu l-Qassis il-Kbir li xerred demmu għalina u daħal fis-santwarju tas-sema biex jidħol għalina. Kristu li hu nnifsu jsir il-'*hilasterion*' il-ġdid, l-għuda tas-salib, l-għuda tal-ħniena ta' Alla sabiex permezz tad-demm tiegħu jsalvaw il-bnedmin kollha (ara Lhud 8:1-5).

### *Konklużjoni*

L-insara kollha huma msejħin sabiex jieħdu sehem mis-Saċerdozju ta' Kristu u dan iseħħ permezz tal-magħmudija, kif ukoll għal dawk li l-Mulej isejjaħ għas-saċerdozju. L-Ittra lill-Lhud titkellem dwar Kristu, il-Qassis uniku u għalhekk is-saċerdozju l-ġdid mwaqqaf minnu huwa parteċipazzjoni mis-saċerdozju Tiegħu għaliex Kristu waħdu hu Saċerdot veru, l-oħrajn huma ministri tiegħu. Ejjew inkomplu nitolbu sabiex il-Mulej ikompli jsejjaħ aktar għal warajH u dawk li għandhom il-vokazzjoni għandhom kuljum jitolbu ma' San Pawl Missierna: "Niżżi ħajr lil Kristu Ġesù Sidna li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li deherlu li kienet tisthoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni ministru tiegħu" (1 Tim 1:12).




*Il-qabar ta' San Pawl taħt l-artal maġġur tal-Bażilika ta' "San Paolo Fuori le Mura", f'Ruma.*

### *Biblijografija*

ATTRIDGE, H.W., "How The Scrolls Impacted Scholarship on Hebrews", in J.H. CHARLESWORTH (ed.), *The Bible and the Dead Sea Scrolls. Volume 3: The Scrolls and Christian Origins*, The Second Princeton Symposium on Judaism and Christian Origins, Waco (TX) 2006, 203-230.

BRUCE, F.F., *Paul. Apostle of the Heart set Free*, Grand Rapids (MI) 1977.

BUCKLEY, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

CALVERT-KOYZIS, N., *Paul, Monotheism and the People of God: The Significance of Abraham Traditions for Early Judaism and Christianity*, London 2005.

GHIDELLI, C., *Un Anno con San Paolo*, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo, Torino 2008.

MASON, E., *The Concept of the Priestly Messiah in Hebrews and Second Temple Judaism*, Notre Dame (IN) 2006.

FEE, G.D., *The Pastoral Epistles*, Peabody (MA) 1988.

KNIGHT, G.W., *The Pastoral Epistles*, NIGTC, Grand Rapids (MI) 1992.

MARCHESELLI-CASALE C., *Le Lettere Pastorali*, Bologna 1995.



Irina Xerri
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.

*Magie de Beautè*

☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆

Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

**Għawdex Qabel ir-Ritratti (16)** **minn JOHN CREMONA**

# U fejn huma l-Għawdxin?

Min qed isegwi din is-sensiela ta' artikli dwar Għawdex qabel ir-ritratti, nistħajlu jistaqsi: "U fejn huma l-Għawdxin?" Rajna diversi veduti ta' Għawdex imma n-nies tiegħu ftit li xejn għadhom dehru.

Jiena naf bi tliet inċiżjonijiet biss li jitrattaw speċifikament l-Għawdxin u l-mod ta' kif kienu jilbsu. Il-lum ser nitħaddet dwar l-aktar waħda importanti għax minbarra l-istampa għandna magħha wkoll id-deskrizzjoni ta' l-awtur/artist.

Għal darb'oħra qed inġib inċiżjoni ta' Jean Houel mill-ktieb famuż tiegħu *Voyage Pittoresque des iles de Sicilie, de Malte et de Lipari* stampat fl-1786. Din l-inċiżjoni, Houel jaqsamha f'żewġ partijiet; il-parti ta' fuq turi l-ilbies ta' rġiel u nisa Għawdxin filwaqt li fil-parti t'isfel jidhru pjanti tat-Tempji tal-Ġgantija kif ukoll taċ-Ċirku tax-Xagħra kif kienu jidhru fi żmien iż-żjara ta' Houel f'Għawdex, jiġifieri qabel ma l-Ġgantija ġiet imnaddfa minn John Otto Bayer u qabel ma ċ-Ċirku tax-Xagħra ġie meqrud.

Houel jiddeskrivi l-irġiel u n-nisa Għawdxin b'mod uniku jekk mhux ukoll b'mod għal kollox sorprendenti. *"waħda mill-istampi għandha l-iskop li turi x-xedd tar-ras ta'xi abitanti ta' Għawdex. Fihom nemmen li nista' nirrikonoxxi l-oriġni tat-turban ta' l-Afrika ta' Fuq - huma brieret sempliċi tas-suf li xi rġiel, speċjalment dawk l-aktar anzjani jorbtu b'faxxa żgħira madwar rashom. Dan jagħti ornament lix-xedd li jfakkarni fit-turban u naħseb li jifforma ħolqa bejn ix-xedd tar-ras tagħna ma' dak ta' l-Afrikani, sewwa sew kif il-gżira nnifisha tifforma passaġġ bejn kontinent u ieħor".*

Houel li kien imdorri fl-alta-moda tal-palazzi ta' Pariġi jiddeskrivi bl-akbar dettall l-ilbies tan-nisa Għawdxin partikolarment dawk li ra jimlew l-ilma fuq il-Għajn il-Kbira u dawk li ra ġejjin mill-għalqa wara ġurnata xogħol. *"Fl-stampa l-oħra qed nuri bħala mudell in-nisa li rajt fil-kampanja, b'rashom mgħottija kif tidher biex ma' jibilgħux trab man-nifs....huma jgħattu ħalqhom bl-istess maktur li jdawwar rashom. Nieħu*



*vantaġġ mill-istess figura biex nurikom kif jilbsu xi nisa lokali li rajt; jilbsu korp li jasal sa taħt għonqhom u li huma jorbtu b'mod li jħallu għonqhom kompletament mikxuf; imma huma mbagħad jgħattu kollox b'biċċa filoxx trasparenti....L-effett mhux wieħed li jdejqek".*

Huwa mbagħad jgħaddi biex jiddeskrivi b'mod ġenerali lill-Għawdxin u jgħid li n-nies tal-gżira huma sbieħ ħafna f'surithom; *"In-nisa kollha u t-tfajliet ta' l-inħawi kienu jiġu hawn biex jaħslu l-ħwejjeġ jew biex jimlew l-ilma. Innutajt numru kbir ta' nisa u tfajliet sbieħ li ikkonfermawli l-opinjoni li kont diġà għamilt tas-sbuħija tan-nies ta' Għawdex..."* Dwar id-deskrizzjoni ta' l-Għawdxin minn Houel inkomplu darb'oħra.

L-inċiżjoni hija intitolata *Coeffures et costumes de quelques hommes et femmes de l'Isle du Goze – Plan de deux edifices antiques a et b* u ġġib in-numru CCLI. Hija għandha qisien ta' 380mm x 260mm. L-akwarella oriġinali ta' din l-inċiżjoni bħal oħrajn li jidhru fl-istess ktieb illum tinsab fil-Mużew tal-*Hermitage* f'St Petersburg.

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 174

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2009

# Permess għall-bejgħ tal-maħlut f'Malta

**Id-dokument numru mija u erbgħa u sebgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hija petizzjoni tal-Kanonku Ġużeppi Schembri ta' Għawdex lill-Granmastru tal-Ordni f'April 1709. Tinsab fil-għaxar volum tal-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1708–1709), folju 62r (NAG, UG, *Acta,* 10/1708–1709, f. 62r).**

Din hi t-traskrizzjoni tal-petizzjoni:

***Il Canonico Giuseppe Schembri dell'Isola del Gozzo hum(illissi)mo ser(vito)re e vasallo di V(ostra) A(ltezza) S(erenissima), divotamente l'espone che per servittio di quel pubb(li)co per tutto quest'anno haveva esposto all pub(li)co lvendita una quantità di mischiato cavata dalle sue terre dalla quale gli è rimasta la quantità di salme quaranta;***

***è perchè Ser(enissi)mo Sig(no)re present(ement)e vien quel Isola conservata e i magazini del Università;***

***che avanza di gran lungo il bisogno che vi è per questi due mesi che vi restano per la raccolta e conseguentem(ent)e egli non puole esitare il suo ed essendo in tempo molto avanzati corre pericolo di scapitarne molto in d(ett)o suo mischiato, supplica perciò la somma benignità di V(ostra) A(ltezza) S(erenissima) restar servita, ordinare se gli conceda l'estratte per quest'Isola di Malta di detta quantità di salmi quaranta;***

***e della gra(zia) le resterà eternamente oblig(attissi)mo.***


Ser:mo Sig:re

Il Canonico Giuseppe Schembri dell'Isola del Gozzo hum:mo Ser:re e Vassallo di V.A.S. diuotamente l'espone che per seruittio di quel pub:co per tutto quest'anno haueua esposto alla pub:ca uendita una quantità di Mischiato cauata dalle sue terre dalla quale gli è rimasta la quantita di Salme quaranta è perche Ser:mo Sig:re present:e vien quel Isola conseruata e i Magazini del Università che auanza di gran lungo il bisogno che ui è per questi due mesi che ui restano per la Raccolta e conseguentem:te egli non puole esitare il suo ed essendo in tempo molto auanzato corre pericolo di scapitarne molto in d:o suo mischiato, supplica perciò la somma Benignità di V.A.S. restar seruita ordinare se gli conceda l'estratte per quest'Isola di Malta di detta quantità di Salme quaranta e della gra:a le resterà eternamente oblig:mo

Il-Kanonku Ġużeppi Schembri, Għawdxi, jidher li kien proprjetarju ta' diversi għelieqi u li fihom kien ikabbar, fost ħwejjeġ oħra, qamħ, xgħir, u maħlut. Il-maħlut kien qamħ u xgħir li kienu jkunu miżrugħa flimkien. Kienu jiżirgħuhom hekk biex jekk il-qamħ jintmess bin-nogħra u jinħaraq kien almenu jibqgħalhom ix-xgħir. Il-maħlut kien jintuża kemm bħala ġwież għall-annimali, kif ukoll biex isir dqiq għall-ħobż. Dan kien magħruf min-nies bħala ħobż tal-maħlut u kien ta' kulur samrani, iżda magħruf bħala ħobż iswed.

Lejn il-bidu ta' April 1709, hu ressaq petizzjoni lil Raymond Perellos y Rocaful, Granmastru ta' Malta, dwar dan il-maħlut. Għarrfu li, matul is-sena, kemm-il darba kien biegħ minn dan il-maħlut, iżda minkejja dan, kien baqagħlu xejn inqas minn erbgħin salma maħżuna fl-imħażen tal-Università. Salma, li bil-Malti kienet tingħad modd, kien fiha 16-il tomna; kull tomna kien fiha 0.2909 metri kubi. Dan ifisser li 40 salma kienu jiġu 11.63 metri kubi. L-imħażen u l-fosos tal-Università kienu fiċ-Ċittadella, fl-inħawi tal-Kavalier ta' San Ġwann.

Żied igħidlu li peress li kien baqa' biss xahrejn għall-ħsad tal-wiċċ ta' dik is-sena, hu kien qiegħed jibża' li dan il-maħlut seta' jitlef prezzu. Dan naturalment għax wara l-ħsad kulħadd kien jippreferi l-maħlut ġdid. Talbu għalhekk ħalli jingħata l-permess biex il-maħlut li kien fadal ikun jista' jinbiegħ Malta.

Il-petizzjoni ntbagħtet minn Malta lill-Università ta' Għawdex għall-parir tagħha nhar is-6 ta' April. L-Università ddiskutiet it-talba nhar id-9 ta' April. Mid-diskussjoni joħroġ li fl-imħażen, l-Università kellha 170 salma qamħ u 360 salma maħlut li kienu tagħha. Kellha ukoll 320 salma maħlut oħra ta' terzi persuni. F'kelma waħda l-maħlut tal-Kanonku Schembri seta' jinbiegħ Malta. L-Università għamlet kundizzjoni waħda: it-trasferiment kellu jsir taħt is-sorveljanza ta' wieħed mill-ġurati.

Il-Granmastru laqa' s-supplika tal-kanonku nhar it-13 ta' April. Amministrazzjoni verament effiċjenti. Is-supplika kienet proċessata u milqugħa f'għaxart ijiem.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Mikiel Attard (1933-2004)

## 1. Ħajtu fil-Qosor



Twieled fir-raħal tan-Nadur f'1 ta' Ottubru 1933. L-għada tgħammed mill-Arċipriet tan-Nadur il-Kanoniku Dun Ġużepp Cassar u ġie mogħti dawn l-ismijiet: Mikieli, Ġużepp u Koronatu.

Minħabba li missieru kien kuntrattur, il-familja marret toqgħod il-Ħamrun u hawnhekk Mikieli għadda l-ewwel seba' snin ta' ħajtu. L-ewwel kien imur fl-iskola tas-Sorijiet tal-Ħamrun sakemm beda l-iskola primarja tal-gvern. Iżda, minħabba l-gwerra, fl-1940 il-familja reġgħet ġiet in-Nadur. Hawnhekk Mikieli beda jmur l-iskola primarja tan-Nadur, kif ukoll beda jattendi l-ewwel lezzjonijiet tad-duttrina fil-Museum.

Meta kellu għaxar snin, il-ġenituri tiegħu bagħtuh jistudja fis-Seminarju bħala student estern. Wara kompla bħala intern fl-istess Seminarju. Fis-sajf, flimkien ma' ħuh Leli, kien iħobb imur jisma' t-tagħlim tal-Museum u fl-1945 iż-żewġt aħwa Attard ġew aċċettati biex ikunu kandidati tas-Soċjetà Museumina.

Fis-Seminajru Minuri, kien miżmum bħala student intelliġenti, serju, eżemplari, ta' ħajja devota u attent biex iwettaq dmirijietu. Imbagħad ħass li Alla qiegħed isejjaħlu biex jaqbad it-triq tas-saċerdozju. Il-ħajja tiegħu bħala seminarista kienet ħajja ta' ġabra u ta' talb, iżda kellu wkoll mumenti ta' allegrija, flimkien ma' sħabu, li għalihom kien eżempju mill-aqwa. Is-seminaristi kienu jikkonsultawh fil-problemi li kien ikollhom, tant li Mons. Klement Buttigieg kien isejjaħlu 'Mikieli tal-pariri'. L-Isqof Mons. Ġużeppi Pace ordnah saċerdot fit-tieni Ħadd tal-Għid, fit-12 ta' April 1959.

Il-ministeru pastorali ħadu bis-serjetà ħafna. Kien iħossu profondament saċerdot, jiġifieri bniedem ikkonsagrat lil Alla għall-ġid tal-erwieħ. Għalhekk matul ħajtu kollha wettaq diversi ħidmiet ta' appostolat. Filwaqt li kien jappoġġja l-istrutturi tad-Djoċesi, kien ukoll bniedem ta' ċerta kreattività. Kien kontinwament jirrifletti kif Kristu ser jiġi magħruf u maħbub.

Dun Mikiel kien iħobb ħafna lis-Soċjetà tal-Museum. Fil-ħin liberu kien jattendi għall-Assenjatur, li huwa laqgħa wara t-tagħlim tat-tfal biex is-Soċji jaġġornaw lilhom infushom fil-veritajiet tal-fidi u fl-ispiritwalità nisranija. Fil-Museum ġie li wkoll kien jagħmel xi konferenza. Dan baqa' jagħmlu mqar meta kien Direttur Spiritwali tas-seminaristi. Għalhekk bla dubju ta' xejn kellu ammirazzjoni kbira lejn San Ġorġ Preca, il-Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Fil-Museum kien jara skola ta' spiritwalità nisranija li tista' tagħmel ħafna ġid spiritwali.

Dun Mikiel, għalkemm studja għas-saċerdozju f'mentalità pre-Konċiljari, segwa b'ħerqa kbira l-ħidmiet tal-Konċilju Vatikan II u meta ġew ippubblikati d-dokumenti konċiljari, kiseb kopja tagħhom u qrahom u rrifletta ħafna fuqhom.

Kien jemmen ukoll ħafna fl-istampa t-tajba, tant li bl-inizjattiva tiegħu fl-1966 beda jidher ta' kull xahar il-fuljett "Il-Ħbieb Isejħu" li, barra mit-tagħlim li fih, iservi biex ifakkar fil-laqgħa li ż-żgħażagħ ikollhom fil-Mużew tan-Nadur fl-ewwel Sibt tax-xahar. Is-Soċji tan-Nadur għadhom sa llum joħorġu dan il-fuljett. Barra minn hekk, permezz tal-insistenza tiegħu u bil-koperazzjoni ta' xi saċerdoti oħra u Soċji tal-Museum, ġie stampat ktieb bit-titlu "Tħejjija għall-Ħajja tax-Xogħol". Dan il-ktieb ta' 199 paġna, li ġie stampat fl-1972, sar bil-ħsieb li jservi bħala manwal prattiku ta' kif iż-żgħażagħ għandhom iġibu ruħhom waqt il-ħajja tax-xogħol.

Parti kbira mill-ħidma saċerdotali għaddieha jaħdem b'mod jew b'ieħor ma' l-istudenti tas-Seminarju. F'Settembru tal-1959, Dun Mikiel intgħażel surmast tat-Taljan u tar-Reliġjon fis-Seminarju Minuri u dam iwettaq din il-ħidma tiegħu sal-1968. Bejn l-1962 u 1964 kien prefett tal-kamerata tal-kjeriċi, jiġifieri dawk li kienu qegħdin jistudjaw għas-saċerdozju. Mill-1971 sal-1983 kien direttur spiritwali tas-Seminarju Minuri u mill-1970 sal-1996 kien direttur spiritwali tas-Seminarju Maġġuri.

Il-ħidma ta' Dun Mikiel ma kinitx ristretta biss għad-Djoċesi ta' Għawdex, imma għal pajjiżi oħra tad-dinja. Wara li sar saċerdot, qatta' perijodi minn ħajtu msiefer f'diversi pajjiżi. Iżda dawn ma kinux ikunu ta' divertiment iżda moħħu kien li jgħin lill-proxxmu li jiltaqa' miegħu. Kellu għal qalbu ħafna l-ħidma missjunarja u fit-2 ta' Ottubru 1982 waqqaf il-Grupp Missjunarju Għawdxi. Bejn 1984 sa 1996, bl-għajnuna ta' dan il-grupp, organizza diversi safriet lejn l-Afrika, l-Amerika Latina, u l-Asja.

Ingħaqad mal-Mulej fit-30 ta' Lulju 2004, fl-età ta' 71 sena, wara marda kiefra.

***Angelo Xuereb***

*(Din is-sensiela hi bbażata ħafna minnha fuq il-ktieb 'Dun Mikiel Attard' (Ħjiel fil-qosor dwar Ħajtu 1933-2004) miktub mill-Isqof Emeritu ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi).*

*Għawdex Online (10)*



## *Kappelli Għawdxin Online (4)*

# *Żewġ Kappelli tal-Kunċizzjoni fil-Qala*



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE**, sfp@mail.global.net.mt

**Fl-aħħar artiklu ktibt dwar il-Kappella tal-Karmnu f'Ta' Hamet. Illum ser nikteb dwar iż-żewġ kappelli dedikati lill-Kunċizzjoni fil-Qala. Hemm konnessjoni interessanti. In-naħat tal-lvant ta' Għawdex fiż-żminijiet antiki kienu jibdew mill-limiti Ta' Hamet u kienu jiġbru fihom iż-żewġ irħula tan-Nadur u tal-Qala, kif ukoll Għajnsielem u Kemmuna. In-naħa tal-lvant kien magħruf bħala n-Nadur fl-1688. Il-knisja parrokkjali li serviet lill-poplu sakemm in-Nadur ħareġ bħala parroċċa għalih kienet il-knisja tal-Kunċizzjoni fi Triq Ħondoq ir-Rummien fil-Qala u li dwarha ssib informazzjoni *online* f'dan l-indirizz: *www.kappellimaltin.com/html/kuncizzjoni.html***

It-tagħrif miġbur f'din il-websajt huwa ta' interess storiku kbir. Tissemma' l-possibbiltà li fil-post fejn hemm il-kappella, kien hemm xi tempju pagan u anke li kien hemm post ta' "devozzjoni kbira" fi żmien il-ħakma tal-Għarab bejn is-snin 870-1090. L-ewwel data importanti hija dik ta' meta il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dusina żar din il-kappella fl-1575 u kien sabha fi stat tassew ħażin. X'aktarx minħabba l-atti vandali tat-Torok li kienu jaslu fil-gżira Għawdxija. Allura l-kappella tilfet l-istat ta' post ta' talb u ġiet magħluqa. Kellhom jgħaddu numru ta' snin sakemm b'xogħol ta' dedikazzjoni u b'għotjiet ta' flus, in-nies tal-inħawi kienu determinati li din il-kappella terġa' tinfetaħ, fatt li nafu li seħħ sas-sena 1615. Sa dak iż-żmien il-kappella kienet dedikata lil Marija Assunta u magħrufa bħala dik ta' Santa Marija tal-Qala. L-istat tajjeb li fiha nżammet din il-kappella wasslet lill-Isqof Cagliares li jpoġġi l-kwadru pittura tal-Kunċizzjoni fil-kappella minflok dak titulari. Dan l-Isqof ried ixerred id-devozzjoni lejn il-Madonna b'dan it-titlu u kien ħallas minn butu għall-pittura. L-iskop tal-Isqof Cagliares irnexxa għax **il-kappella taħt il-Patroċinju tal-Kunċizzjoni nbidlet f'Santwarju Marjan imfittex ħafna minn eluf ta' Maltin u Għawdxin, tant li sas-sena 1640 l-erba' ħitan tal-kappella kienu miksija bi kwadri *ex-voto*, b'ringrazzjament ta' xi wegħda maqlugħa jew xi intervent dovut għall-interċessjoni tal-Madonna.**

Id-data li rat din il-kappella ssir il-knisja parrokkjali tal-Qala biss, hija dik tal-1872 meta n-Nadur infired kemm bħala raħal, kif ukoll bħala parroċċa separata. Dan l-istatus inbidel meta nbniet il-knisja parrokkjali preżenti dedikata lil San Ġużepp u lill-Kunċizzjoni li nfetħet fl-1889.

Il-kwadru titulari mpitter mill-artist Taljan Federico Barocci jqiegħed lil Madonna fuq il-lemin tirfes ras is-serp u l-Missier Etern fuq ix-xellug jitgħaxxaq bl-opra li ħoloq Hu, waqt li





*Graffiti fuq il-ħajt antik fuq barra tas-Santwarju, kif indikat fuq*

jitfa' fuqha xita ta' grazzji. **Meta kien iċċelebrat l-ewwel ċentinarju mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Kunċizzjoni, l-Isqof t'Għawdex nhar l-1 ta' Awwissu 1954 inkuruna x-xbieha tal-Madonna f'dan il-kwadru. Ħamsa w għoxrin sena wara, l-Isqof Nikol Cauchi poġġa stellarju prezzjuż madwar ras il-Madonna.** Is-sit tagħti tagħrif dwar il-leġġendi li nibtu matul is-sekli u tiffoka wkoll fuq il-persunaġġ magħruf bħala San Karrew.

**Fil-Qala hemm kappella oħra dedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni u li hi magħrufa bħala tal-Blat. Fil-fatt din il-kappella hija mperrċa fuq il-blat ta' Ħondoq ir-Rummien.** Jingħad li din inbniet fl-1770 u x'aktarx li kellha x'taqsam mas-sajjieda tant li fil-venartal hemm il-figura ta' Sant'Andrija mal-Madonna; il-qaddis huwa l-patrun tas-sajjieda. It-tagħrif dwar din il-kappella jinsab f' *www.kappellimaltin.com/html/kuncizzjoni_tal-blat.html.* Is-sempliċità ta' din il-kappella jikkuntrasta ħafna mar-rikkezza artistika tal-Kappella tal-Kunċizzjoni. **Tagħrif dwar dawn iż-żewġ kappelli jinsab ukoll fil-websajt tal-Kunsill tal-Qala *www.qala.gov.mt*.**

*Tieqa fuq l-Ambjent (10)*

# Siġar u Arbuxelli fit-toroq ta' Għawdex (4)



*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

F'dan ir-raba' u l-aħħar artiklu minn din is-sensiela se nagħti daqqa t'għajn lejn erba' speċi oħra ta' arbuxelli u siġar li jsebbħu t-toroq t'Għawdex u l-inħawi li ngħixu fihom. Waħda minn dawn, l-**Oleandru**, hija komuni u mxerrda sewwa fit-toroq u l-pjazez t'Għawdex. Kieku jkolli nsemmi fejn tinstab tikber, nimla' paġna sħiħa għax kważi tinstab fl-irħula kollha speċjalment fit-toroq li jwassluk sa truf tagħhom.



*Arbuxell ta' l-Oleandru; mijiet minnhom isebbħu t-toroq f'Għawdex*

Il-pajjiżi oriġinali tal-**Oleandru** (l-isem xjentifiku: *Nerium oleander* – bl-Ingliż *Oleander*, *Rosebay* jew *Rose Laurel*) huma l-Ġappun u l-pajjiżi tar-reġjun tal-Mediterran u tal-Afrika. Dan l-arbuxell kbir, li wieħed jista' jiżbru biex maż-żmien jieħu forma ta' siġra, kif hemm fix-Xagħra u fin-Nadur, jgħola minn tlett sa ħames metri. Iħaddar is-sena kollha u jwarrad fis-sajf. Il-weraq li jitwal sa ħmistax-il ċentimetru, huwa aħdar skur u jleqq, bil-vina tan-nofs bajdanija. Il-kulur tal-fjuri jvarja ħafna skont il-varjetà kif imnissla bil-kultivazzjoni. Hemm ta' kulur vjola, roża, safrani jew abjad. Il-fjuri jistgħu jkunu sempliċi u singli jew inkella doppji u folti skont il-varjetà. Meta l-fjuri jinxfu jibqa' l-miżwet żgħir b'ħafna żerriegħa muswafa. L-**Oleandru** jiflaħ ħafna għall-inxufija minħabba l-kwalità ta' weraq kemxejn iebes li għandu. Iżda ta' min iżomm f'moħħu li kemm iz-zokk, kif ukoll il-weraq u l-fjuri huma velenużi ħafna.



*Il-fjuri ta' l-Oleandru*

Jekk wieħed jgħaddi mit-triq f'Tal-Barmil, quddiem iċ-ċimiterji tax-Xewkija u tar-Rabat, jara sensiela ta' arbuxelli żgħar ħodor fis-*centre strip* matul it-triq. Għall-aħħar ta' Mejju u f'Ġunju dawn il-pjanti jibdew ikabbru zkuk ftit itwal u fit-tarf tagħhom toħroġ fjura qisha xewka vjola. Din ix-xitla hija **Widnet il-Baħar**, li fl-1971 ġiet stabbilita bħala l-pjanta nazzjonali ta' Malta. Din hija pjanta endemika tal-Gżejjer Maltin u fis-selvaġġ ma tikber imkien iżjed fid-dinja, għalkemm tinstab ikkultivata f'diversi ġonna botaniċi f'ħafna pajjiżi. Ħaġa kurjuża huwa l-fatt li dan l-arbuxell żgħir jikber biss fil-Gżejjer Maltin fl-inħawi tan-nofsinhar, fix-xfar tas-sisien għolja li jgħatu għal fuq il-baħar. F'Għawdex fis-selvaġġ tikber fl-inħawi f'Ta' Ċenċ.



*Il-fjuri u l-weraq ta' Widnet il-Baħar*

L-ewwel isem xjentifiku li kellha kien *Centaurea spathulata*. Kien semmieha hekk Stefano Zerafa, mill-Għargħur, meta ddeskriviha l-ewwel darba fl-1827. Zerafa kien tabib xjenzat, awtur prolifiku, u professur tal-Mediċina, tal-Patoloġija, ta' l-Istorja Naturali u tal-Fiżjoloġija fl-Università ta' Malta. Minn dakinhar sallum il-botanisti li jistudjaw is-sistematika u r-regolamenti tal-klassifikazzjoni ta' l-ispeċi, bidlula isimha talinqas tlett darbiet. Fl-1975 tpoġġiet f'ġeneru ġdid *Palaeocyanus* li ċ-Ċek Josef Dostal, ħoloq partikolarment għal din l-ispeċi, u iżjed tard, fl-1999 tpoġġiet fil-ġeneru *Cheirolophus* mill-Ispanjol Alfonso Susanna, wara li għamel studju molekulari dwarha. Illum magħrufa bl-isem xjentifiku *Cheirolophus crassifolius*. L-isem bl-Ingliż huwa *Maltese Rock-centaury* għax fis-selvaġġ tikber biss



*Widnet il-Baħar fit-triq quddiem iċ-Ċimiterji tax-Xewkija u r-Rabat*

fil-blat fil-Gżejjer Maltin. Hija arbuxell perenni, jiġifieri jgħix għal numru ta' snin, b' weraq imlaħħmin u sempliċi, u rjus ta' fjuri vjola ċar.

**Is-Siġra Taċ-Ċipress** għandha konnessjoni maċ-ċimiterji għax fl-imgħoddi kienet l-iżjed siġra preferuta li titħawwel fihom, speċjalment dik il-varjetà li tgħola u ma tieħux ħafna wisa'. Minbarra hekk ma kienx hawn apprezzament għas-siġar li ma jagħmlux frott li jittiekel, u s-siġar ornamentali, ħlief f'xi ftit toroq prinċipali, kienu jitħawlu biss fil-ġonna pubbliċi u f'xi ċimiterji.



*Siġar taċ-Ċipress f'Tal-Barmil, limiti tax-Xewkija. Tax-xellug varjetà piramidali u tal-lemin varjetà orizzontali*

Hemm diversi speċi ta' **Siġar taċ-Ċipress**. Dik li tinstab fit-toroq t'Għawdex hija dik li xjentifikament jisimha *Cupressus sempervirens* (bl-Ingliż magħrufa l-iżjed bl-ismijiet *Mediterranean Cypress* jew *Common Cypress*). Din għandha żewġ varjetajiet; waħda tikber dritta, twila u folta (varjetà *horizontalis*) u l-oħra li tikber bil-friegħi miftuħin b'forma ta' piramida (varjetà *pyramidalis*). Mhux magħruf sewwa minn fejn is-Siġra taċ-Ċipress oriġinat, imma x'aktarx mir-reġjun Mediterranju Ewropew u/jew mill-Asja. Hija siġra li tħaddar is-sena kollha, b'zokk li għandu qoxra rqiqa griża u b'weraq li qishom qxur ħodor skuri. Il-frott tagħha (il-koni nisa) jinstabu fis-siġra matul is-sena kollha. Il-frotta tkun qisha boċċa griża fil-kannella b'minn għaxra sa tnax il-taqsima, li ġieli jinfetħu biex taqa' ż-żerriegħa u ġieli ma jinfetħu qatt. Is-Siġra taċ-Ċipress hija siġra ornamentali popolari ħafna u tinstab imxerrda fid-dinja kollha, iżda fl-Amerka t'Isfel, fl-Afrika u fi New Zealand titkabbar ħafna fi msaġar kbar għall-produzzjoni tal-injam. Titħawwel ukoll f'diversi pajjiżi, anke Malta, biex isservi ta' lqugħ u kenn mir-riħ għall-imsaġar tas-siġar tal-frott.



*Il-frott (koni) u l-weraq tas-Siġra taċ-Ċipress*

Siġra oħra li tħawlet f'diversi toroq u anke f'xi widien hija il-**Każwarina** (isem xjentifiku: *Casuarina equisetifolia*; bl-Ingliż: *Australian Beefwood* u *Australian-pine*, fost oħrajn). Ħafna nies jaħsbuha siġra tal-Prinjol, għax il-weraq għandu l-istess forma, qisu labar twil u rqiq. Tgħola ħafna anke sa 30 metru, u għandha friegħi twal u kemxejn irqaq, bit-truf milwija l-isfel. Tħaddar is-sena kollha imma l-kulur tal-weraq skur ħafna u jagħti fil-griż. Tiflaħ ħafna għall-inxufija u anke għall-imluħa, u tikber ukoll f'ħamrija fqira. Il-weraq tagħha fih kimika li ma tħallix speċi oħra jikbru u meta tistabbilixxi ruħha sewwa il-weraq li jaqa fl-art kważi jisterelizza l-ħamrija u ma jħalli xejn jikber.



*Siġar tal-Każwarina qabel tidħol ir-Rabat mit-triq tax-Xagħra u n-Nadur*

Din is-sensiela ta' erba' artikli tirreferi għal ftit mill-ħafna speċi ta' arbuxelli u siġar li jsebbħu t-toroq t'Għawdex. Kieku wieħed kellu jsemmi u jikteb dwar l-ispeċi kollha li nsibu jżejnu t-toroq u l-pjazez, kif ukoll il-faċċati tad-djar, kieku din is-sensiela ma kienet tispiċċa qatt. Il-ħsieb warajha kien li wieħed jibda jinnota l-varjetà kbira ta' siġar u arbuxelli dekorattivi, li l-biċċa l-kbira minnhom joriġinaw minn kull rokna tad-dinja. Ta' min isemmi li mhux l-ispeċi kollha huma addattati għall-klima u l-ħamrija ta' pajjiżna, u x'uħud minnhom, wara ftit żmien, ma jibqax fihom sura, bħal ngħidu aħna l-ispeċi tas-siġar tal-**Akaċja**, tal-**Ewkaliptus** u tal-**Każwarina**. Tajjeb għalhekk li kemm l-awtoritajiet inkarigati minn dan il-qasam biex isebbħu t-toroq u l-pjazez t'Għawdex, kif ukoll dawk l-individwi li jsebbħu b'arbuxelli u siġar quddiem id-djar, jagħżlu speċi l-aktar li huma addattati għall-pajjiżna. Barra minn dan wieħed m'għandux iwarrab għal kollox siġar u arbuxelli li huma indiġeni u/jew endemiċi f'pajjiżna. Anzi tkun ħaġa tajba jekk inkattru x'uħud minn dawn biex mhux biss iżejnu l-kampanja t'Għawdex iżda wkoll it-toroq tagħna.

Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

*Irqaqat mill-Imgħoddi*



# Il-Kungress Ewkaristiku 1929, Tmenin Sena ilu

*kitba ta'* Fr JOE BEZZINA

Nhar il-Erbgħa, 1 ta' Ġunju, 1904, lejlet il-festa tal-Korpus, bdiet l-adorazzjoni perpetwa fil-knisja ta' Savina fil-qalba tal-Belt Victoria. Dan sar bit-tħabbrik ta' Monsinjur Dun Alwiġ Vella li fis-sentejn ta' qabel kien irnexxielu jibni l-knisja mill-ġdid.

Kienet qorbot is-sena 1929, għeluq il-25 sena minn dan l-anniversarju. Monsinjur Vella ma xtaqx li jħallih għaddej mingħajr tifkira u beda jaħseb biex jagħmel tifkira kif jixraq sa minn sena qabel. Iżda l-bniedem jipproponi, u Alla jiddisponi. Mons. Vella miet fis-17 ta' Lulju, 1928, u t-tmexxija tal-knisja għaddiet f'idejn Monsinjur Pawlu Cauchi. Dan dlonk kellem lill-Mikiel Gonzi, l-isqof ta' Għawdex, dwar il-pjan ta' Dun Alwiġ. Wara diskussjonijiet fit-tul, kien deċiż li mhux biss issir tifkira, iżda jsir Kungress Ewkaristiku Djoċesan.

Inħoloq kumitat apposta mmexxi mill-istess isqof u l-Kungress kien maħsub għal Ġunju 1929. Dan tħabbar f'Pastorali tal-25 ta' Jannar, 1929. Għal Kungress saret tħejjija spiritwali, materjali, u kulturali. In-nies, mit-tfal sax-xjuħ kienu mistiedna jitolbu ta' kuljum għas-suċċess tal-Kungress. Twaqqfu diversi kumitati biex jieħdu ħsieb it-tiżjin u kull ċerimonja kbira li kienet sejra ssir. Inżammu diversi konferenzi għall-kategoriji differenti tan-nies dwar l-Ewkaristija.

**Il-Kungress fetaħ il-Ħamis, 13 ta' Ġunju, 1929, lejlet il-festa tal-Qalb ta' Ġesù, b'purċissjoni imponenti mill-Palazz tal-Isqof u mill-knisja ta' Savina lejn il-Katidral fejn saret iċ-ċerimonja tal-ftuħ. Il-Ġimgħa kien Jum it-Tfal . It-tfal kollha ta' Għawdex għamlu sfilata mill-knisja ta' Savina sa pjazza San Franġisk fejn saret ċerimonja u quddiesa. Is-Sibt, dikjarat festa pubblika mill-Gvern, sar it-tberik tal-baħar l-Imġarr, Għawdex, li għalih assistew numru kbir ta' Maltin.**

Tant ġew nies minn Malta għall-għeluq tal-Kungress li kellhom jitħaddmu erba' vapuri – *Odin, Golly, Wembly,* u *Lubiana* – b'servizz *shuttle* biex iġibu l-Maltin li riedu jiġu lejn Għawdex. Jekk tneħħi lejlet Santa Marija, meta Għawdex kien ukoll ikun miżgħud mill-Maltin, din kienet l-iktar festa li qatt ġibdet nies lejn Għawdex.

**Il-lejl bejn is-Sibt u l-Ħadd, 16 ta' Ġunju, kienet ukoll l-ewwel *Notte Gozitana* fl-istorja. Eluf ta' Maltin ħonqu r-Rabat matul il-lejl u attendew għall-quddies fil-Katidral li beda kull siegħa min-nofsillejl 'il quddiem. Fid-9.00 am, l-Isqof Gonzi mexxa Pontifikal. Il-miġemgħa kienet immexxija minn Sir Gerald Strickland, Prim Ministru ta' Malta.**

**Il-Ħadd fil-għaxija saret il-funzjoni tal-għeluq b'purċissjoni kbira, forsi l-ikbar waħda li qatt ra Għawdex. Ħarġet mill-Katidral u daret mar-Rabat. F'salib it-tiġrija, Corso Fortunato Mizzi, kienet armata tribuna enormi u minn fuqha ngħatat il-Barka Sagramentali. Dehra imponenti ta' Għawdex bi ħġaru u numru kbir ta' Maltin magħquda flimkien taw xhieda sabiħa tal-fidi tagħhom.**



*Letteratura* — *Esej*

# Marsalforn!!!



*kitba ta'* **J. J. CAMILLERI**

L-irġiel jiltaqgħu l-każin, jgħidu kelma, ipoġġu mal-*bar* jieħdu żewġ fliexken birra u ma jarawx il-ħin għaddej.

"Manwel baqa' ma deherx, mhux soltu tiegħu," qal wieħed mill-irġiel. "Fejn seta' mar għodu, għodu?'

"Mar sal-forn, bagħtitu l-mara."

"Marsalforn f'temp bħal dan, bix-xita tqattar u daqs din kesħa?!"

Ġorġ infaqa' jidħak f'wiċċu.

"Bagħtitu jixtrilha l-ħobż, il-mara qamet xejn ma tiflaħ. Kos tassew, taf li qatt ma tajt kas ta' dan. Manwel ma marx Marsalforn, imma mar sal-forn biex jixtri l-ħobż għall-mara," issokta mifqugħ bid-daħk.

"Mela bilfors li xi darba kien hemm il-fran f'Marsalforn la semmewh hekk," qabeż qal ġuvnott li nzerta fil-qrib .

"Hemm qatt ma kien hemm fran! Lanqas ħadd ma kien jersaq 'l hemm, aħseb u ara joqogħdu hemm għal kollox. Ma ilux ħafna li n-nies sabuh, hawn ritratti tal-post bla bini xejn."

"Mela għax semmewh hekk?"

"Smajt storja interessanti fuq hekk; leġġenda jgħidulha mingħalija."

Meta l-irġiel inħakmu bil-kurżità, Ġorġ ma setax ma jgħidilhomx. Ħassu importanti mdawwar kif kien kulħadd kurjuż jistennih itenni l-leġġenda.

"Fl-imgħoddi Marsalforn tallum kien naħa ta' ftit sajjieda biss. Ma kien joqgħod ħadd għal kollox hemm matul is-sena, forsi, forsi ftit. Kienu jżommu l-biċċiet tal-baħar max-xatt ix-xatt, fix-xitwa meta jkun il-maltemp itellgħuhom fuq il-blat, ma kienx għad hemm menqa dak iż-żmien.

"Il-leġġenda tgħid li darba fost l-oħrajn xini tat-Torok daħal fil-bajja, il-furbani waddbu l-mażżri l-baħar u niżlu l-art. Meta n-nies li nzertaw kienu fil-bajja rawhom resqin lejn l-art, ħarbu u telqu mill-post. Meta t-Torok raw id-duħħan ħiereġ miċ-ċumnija tal-forn u xammew ir-riħa tal-ħobż imbaskat, inħakmu mill-kurżità u resqu lejn il-forn. Meta l-irġiel intebħu bihom u rawhom resqin lejn il-forn, ħarbu jiġru għax stennew l-agħar. Xħin il-furbani waslu u ttawlu ġewwa, kien baqa' biss in-nisa. Dawn għal kuntrarju xejn ma beżgħu, anzi għamlu ħilithom biex ikeċċuhom. Il-leġġenda tissokta tgħid li n-nisa urew kuraġġ u sfidawhom. Hekk kif il-furbani ttawlu ġewwa bdew igarawlhom biċċiet tal-faħam u kull ma sabu; ċarrtu xkejjer u għamewhom bl-għabra tad-dqiq. B'kull ma sabu għamlu għalihom u saħansitra bid-daqqiet tas-skieken. Il-leġġenda tintemm bit-Torok, li qatt ma stennew dan l-affront, jaħarbu minn hemm."

Ġorġ issokta, mbagħad, jgħidilhom kif dik il-bajja ħadet isimha sewwa sew ta' Marsalforn...

"... Post ta' kenn għall-biċċiet tal-baħar kien jissejjaħ 'marsa', kelma ta' nisel Għarbi li fil-Malti tfisser daħla kennija ta' baħar, bħal kif sewwa sew jindikaw Marsalforn, Marsaxlokk, Marsaskala u l-Marsa. Imbagħad fil-każ ta' Marsalforn, il-kelma 'forn' m'għandha xejn x'taqsam mal-forn fejn jinħema l-ħobż. Il-kelma 'forn' hi ta' nisel mill-kelma Ebrajka 'foron' li tfisser il-post tat-tluq, minn fejn jitilqu l-biċċiet tal-baħar. Il-kelma 'forn' miżjuda ma' 'marsa' saret il-kelma 'marsalforn'.

"Marsalforn hekk ħa ismu għax hu l-'marsa', port kenni, u 'foron' għax il-post minn fejn id-dgħajjes u l-biċċiet tal-baħar kienu jitilqu..."

"Interessanti, din ma konniex nafuha, qatt ma smajnieha," qalulu.

"Ftit jafuha, hemm qawl li mingħalija jgħid xi ħaġa hekk: Min ma jafx ġrajjiet pajjiżu, x'jaf, ġrajjiet qaddisu?"

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

## TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

*Ħajr lil Emmanuel Ellis*

***Mindudin***

1. Is-Sagrament li jżommna f'saħħitna matul il-vjaġġ lejn id-Dar tal-Missier (7)
7. L-Appostlu li ma emminx ix-xhieda ta' sħabu (5)
8. Tawh it-tagħlim u l-valuri meħtiġin għall-ħajja (7)
9. Kapaċi u tas-sengħa (6)
11. Iddispjaċih (5)
13. Minnu tidher il-fjamma fil-lampa (4)
14. Ħruxija tal-bniedem mal-bniedem (7)
15. Biha timla żaqqek (4)
16. Hekk għamlu fix-xopping (5)
17. Hawnhekk id-dixxipli għarfu lill-Mulej fil-qsim tal-ħobż (6)
21. Kontra tax-xellug (7)
22. Tajt in-nar (5)
23. Ir-raġel tal-bar (7)

***Weqfin***

2. Il-kontra ta' wara tagħkom (10)
3. Talba formali (8)
4. Tfisser "għawweġ" fl-imperattiv (4)
5. L-Appostlu li falla (4)
6. Vapuri Taljani jew ġnub ta' knisja (4)
9. Fih jistrieħ il-bniedem qabel il-qabar (5)
10. Persuna favur it-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fis-soċjetà (10)
12. Meta s-sugu huwa qawwi (5)
13. Bħal dawk li ssibhom il-pjanu u l-kitarra (8)
18. Biex trażżnu aħjar il-prevenzjoni milli l-kura (4)
19. Aqwa mħawda (4)
20. Fejn hemm dan, hemm il-ħajja (4)



**TISLIBA - Ġunju-Lulju 2009**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________

*Post Code* __________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Lulju 2009. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba April 2009 hi**
**Josephine Sammut, 103 "St. Joseph" St. John Str. Nadur NDR 9049.**


# RAYMOND CEFAI

## TAL-KELBA LTD.

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE &**
  **GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

**MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX** *minn* **Joe Bajada**



# Kampjonat Melita I Diviżjoni: Sannat Lions F.C. Champions Għawdxin għad-9 darba

*Sannat Lions* immexxija mill-ex-players tagħhom il-President Teddy Bajada u l-coach Diato Spiteri, finalment ġew inkurunati bħala *Champions* il-ġodda tal-futbol Għawdxi meta fl-aħħar logħba li għalqet is-separju ta' dan is-60 l-għola Kampjonat Għawdxi, huma rnexxielhom jgħelbu lil *SK Victoria Wanderers* b'gowl f'kull taqsima tal-veteran Sabri Rais biex aċċertaw mill-ewwel post li assenjalhom it-titlu. Sannat minn dan l-aħħar konfront riedu almenu punt biex jirritornaw it-tazzi fil-vetrini tagħhom wara sawma ta' mhux inqas minn 19 il-sena. Veru li matul dan il-perjodu kollu huma resqu diversi drabi viċin fejn kienu kważi fl-istess pożizzjoni bħal ta' dan il-kampjonat fejn spiċċaw tliet darbiet fil-pożiżjoni ta' *runners-up*. Wara li kienu bdew il-kampjonat b'telfa u *draw*, Sannat bdew jirpiljaw u sensiela ta' 9 riżultati pożittivi poġġewhom fuq quddiem fost il-favoriti għat-tiġrija finali. Matul il-kampjonat huma sabu diversi sfidanti fosthom liż-żewġ timijiet Rabtin ta' *Victoria Hotspurs* u *SK Victoria Wanderers* li matul il-kors tal-kampjonat bdew jinqatgħu lura u lejn l-aħħar fażi sabu lil Għajnsielem li daħlu kważi magħhom għall-i*sprint* finali. Hawn Sannat daħlet fihom il-biża li setgħu jergħgħu jfallu u kemm huma, kif ukoll is-segwaċi tagħhom kellhom jgħaddu simbolikament fuq il-passi tal-Patruna tagħhom Margerita li biex hija akkwistat il-palma tal-premju kellha tgħaddi minn martirju, u hekk huma biex ħadu dan it-titlu kellhom jgħaddu minn tant qtiegħ il-qalb, maħkuma minn inċertezzi u anke biżà. Madankollu huma taw risposta lil kulħadd li bl-għaqda li rrenjat fil-klabb tagħhom, it-Tazza taċ-*Champions* waslet għadhom u dan biex tkompli ssebbaħ anke id-dehra il-ġdida li qed jagħtu lil grawnd tagħhom. Kien suċċess meritat fejn minkejja xi żelqiet li ħadu, huma wrew karattru u baqgħu realistiċi jirkupraw immedjatament fejn emmnu fihom infushom biex kienet xierqa ċ-ċelebrazzjoni tagħhom fl-okkażjoni tad-disa' kampjonat. Issa l-*Lions* jinsabu titlu wieħed biss inqas minn *Victoria Hotspurs* u *Nadur Youngsters* li t-tnejn riċentament poġġew l-istilla tal-għaxar kampjonat tagħhom.

Il-fatt li kellhom wieħed mill-aħjar attakki u l-aħjar difiża tal-kampjonat, jikkonferma kemm kien meritat meta kienu huma li refgħu t-tazzi minn idejn Alvin Grech il-President u Joe Bajada s-Segretarju Ġenerali tal-GFA fi tmiem l-aħħar partita. Sannat sa mill-bidu ssetiljaw il-formazzjoni tagħhom u dan kien ta' vantaġġ fuq timijiet oħra. Huma kellhom l-aqwa difiża fejn bejn il-lasti alternaw Demis Bajada u mbagħad rritorna Paul Galea. Quddiemhom kolonna tal-azzar f'Mario Azzopardi, mgħejjun ħdejh fid-difiża minn Justin Agius u Andrew Debono. Fin-nofs magna kontinwa bil-*captian* Mark Muscat, Mark Formosa, Benneth Njoku u Sandro Brazilino ma jaqgħtu xejn fid-distribuzzjoni tal-ballun. Fl-attakk kienu wkoll effettivi fejn Fernando de Andrade, John Camilleri u Sabri Rais kienu ta' terrur għal kull difiża. Anke *players* oħra li daħlu fejn issostitwewhom f'każijiet ta' *injuries* u sospensjonijiet, dawn qdew dmirhom tajjeb u fost dawn kien hemm Eman Bugeja, Frank Debono, Kevin Loughborough, Nicholas Micallef, Reuben Farrugia, Chris Mercieca u Nathaniel Gatt. Magħhom jistgħu jingħaqdu ż-żewġ uffiċjali l-oħra Daniel Camilleri u Ġiovann Buttigieg, Segretarju u Teżorier rispettivament tagħhom li dejjem kienu jkunu fuq il-bank tas-sostituti jinċitaw lil benjamini tagħhom. Finalment tajjeb li anke nsemmu lil partitarji Sannatin għax kienu huma t-tnax il-plajer fil-grawnd.

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Sannat Lions FC* | 18 | 11 | 3 | 4 | 32 | 16 | 36 |
| *Għajnsielem FC* | 18 | 9 | 6 | 3 | 34 | 26 | 33 |
| *Victoria Hotspurs FC* | 18 | 9 | 2 | 7 | 34 | 28 | 29 |
| *SK Victoria Wanderers* | 18 | 6 | 6 | 6 | 21 | 17 | 24 |
| *Nadur Youngsters FC* | 18 | 5 | 6 | 7 | 20 | 21 | 21 |
| *Kerċem Ajax FC* | 18 | 4 | 7 | 7 | 29 | 35 | 19 |
| *Qala St Joseph FC* | 18 | 1 | 6 | 11 | 14 | 41 | 9 |

**Sannat L Champions**
**Qala St Joseph Relegati**

## *Kampjonat Melita II Diviżjoni: Xewkija Tigers F.C. Champions u Promossi*

*Xewkija Tigers* immexxija mill-*coach* Mario Bonello u assistit minn fuq il-bank mill-President l-ex-plajer Jeffrey Farrugia, rnexxielhom jirbħu *c-championship decider* li kellha tintlagħab biex jiġi deċiż ir-rebbieħ ta' dan il-ħamsin kampjonat tat-Tieni Diviżjoni wara li ż-żewġ naħat kienu spiċċaw indaqs fl-ewwel post bi 38 punt. Dawn iż-żewġ naħat reġgħu offrew logħba mill-isbaħ li għal darb'oħra reġgħet ġibdet folla ferm tajba lejn il-*Gozo Stadium*. Kienet *decider* bir-riżultat jalterna fejn kollox baqa' nċert sat-tisfira finali li sabet lit-*Tigers* jgawdu vantaġġ minimu li wasal lejn tmiem il-partita. Kienet logħba eċitanti li ssodisfat ħafna fejn ir-rebħa setgħet marret fuq kull naħa. *Xewkija Tigers* rebħu dan il-kampjonat għas-seba' darba fl-istorja tagħhom u għalhekk ser jirritornaw għall-għola diviżjoni wara nuqqas ta' żewġ staġuni. Fil-fatt l-istaġun l-ieħor marru tant viċin li jitilgħu mal-kbar iżda kienu tilfu *d-decider* kontra Kercem Ajax. Din id-darba x-xorti daħqet lilhom għax anke kontra Xagħra kienet il-lasta li fl-aħħar minuta evitat il-ħin barrani. *Xewkija Tigers* sabu sfida qawwija minn *Xagħra United* li minn naħa tagħhom spiċċaw *runners-up* u tilfu l-possibbiltà li jilgħabu fl-għola diviżjoni staġun ieħor wara li sfaw megħluba minnm *Kerċem Ajax* 1-4 fil-*Promotion/Relegation Decider.*

Matul il-kors tal-Kampjonat *Xewkija Tigers* għelbu darbtejn lil *Xagħra United*, bil-logħba l-oħra tintemm fi *draw*. Mbagħad kif ġa għidna, huma rebħulhom fid-*decider*. It-*Tigers* kellhom l-aħjar difiża tal-Kampjonat, filwaqt li skurjaw wieħed biss inqas minn Xagħra United. Bejn il-lasti huma kellhom jalternaw lil Joseph Grima u Darren Pace. Fid-difiża kienu sodi, b'Josmar Vella, Josef Xerri u John Vella jkunu mgħejjuna minn fuq il-ġnub minn Josmar Azzopardi u Charlon Tabone. Fin-nofs kienu wkoll tajbin fejn alternaw bil-*captian* Joseph Cefai, Shaun Mizzi, Michael Pace, Joseph Azzopardi, Paul Rapa u Andreas Fotso. Fl-attakk imbagħad kellhom żewġ pedini importanti bi Christian Bugeja u Rodney Buttigieg fejn tal-ewwel reġa spiċċa l-aqwa skorer tal-Kampjonat fejn skorja 17-il *goal*. Plajers oħra li taw il-parti tagħhom f'dan is-suċċess kienu Andrew Said, Dominic Cilia, Joseph Hili, David Xerri u Jason Attard.

Fi tmiem id-*decider*, wara li l-plajers u l-uffiċjali kollha ta' *Xewkija Tigers* kienu ppreżentati bil-midalji, l-*captian* tagħhom Joseph Cefai kien ippreżentat bit-tazza taċ-*Champions* minn Alvin Grech, President tal-GFA li kienu assistiti minn Joe Bajada u George Cini, Segretarju Ġenerali u Teżorier rispettivament tal-istess GFA.

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Xewkija Tigers* | 18 | 11 | 5 | 2 | 40 | 14 | 38 |
| *Xagħra United* | 18 | 11 | 5 | 2 | 41 | 17 | 38 |
| *St Lawrence Spurs* | 18 | 8 | 3 | 7 | 29 | 24 | 26 |
| *Għarb Rangers* | 18 | 6 | 8 | 4 | 29 | 32 | 26 |
| *Munxar Falcons* | 18 | 3 | 7 | 8 | 22 | 28 | 16 |
| *Żebbug Rovers* | 18 | 4 | 3 | 11 | 22 | 41 | 15 |
| *Oratory Youths* | 18 | 2 | 5 | 11 | 14 | 41 | 11 |

**Xewkija T Champions wara li rebħu 3-2 id-decider kontra Xagħra U**

# Għawdex max-Xhur

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti b'ħajr lil Joseph J.P. Zammit*

## 6. ĠUNJU

*Ġunju jġib il-jiem dawlija
lejl jiqsar u l-jum itul
bil-kemm kemm tinħass iż-żiffa
jsir il-ħawħ, jinqata' ż-żbul.*

*Ġunju x-xahar tal-Qalb Imqaddsa
kollha mħabba ta' Ġesù
lilha b'qima b'ħajr inroddu
biex timliena bil-virtù.*

*Kien f'dax-xahar bosta snin ilu
sewwasew fis-seba' jum
li l-barrani spara fuqna
għaliex ġensna kien se jqum.*

*Fil-Fontana raħal ċkejken
mnejn iġelbnu l-ilmijiet,
ulied Triq il-Għajn jifirħu
b'Sid il-art u s-smewwiet.*

*Tax-Xewkija in-nies tal-festa
fi tmiem jiemek – ferħanin
ad unur il-kbir għammiedi
jagħmlu b'ħeġġa, ħerqanin.*

*F'Ġunju wkoll tal-Verġni Mbierka
dewa il-leħen fl-Għarb 'il ġew'
meta f'widnejn Karmni Grima
kliem omm Alla b'qawwa dwew.*







## 7. LULJU

*Lulju x-xahar tal-għomma u telqa
ismu isem il-ġrajjiet,
isem jaf ta' Ruma l-glorja
tal-imperu iż-żminijiet.*

*Tal-Karmelu l-Verġni Mbierka
lil San Xmun il-labtu tat,
u fuq l-għolja fl-Art Imqaddsa
imħabbitha rrivelat.*

*F'Lulju l-festi t'Għawdex tagħna
jaqbdu r-ritmu tul il-Ħdud
marċi, nar u ġiġġifogu
bnadar w arbli fuq il-bjut.*

*Fil-punent tal-gżira qima
lil Sant'Anna trodd l-Għawdxin
għaliex l-omm ta' l-omm ta' Kristu
jixirqilha li n-nies tqim.*

*F'Lulju l-baħar niesna tfittex
biex mis-sħana dderri ftit
iġri jgħaddu, jħaffu jiemek,
dak il-għaraq ħadd ma jrid!*

*Madankollu, festi u baħar
huma l-għaxqa tal-Għawdxin,
Għawdex tagħna miftuħ beraħ
għat-turisti u għall-Maltin!*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Lynda Caton Roseblade

# KIF SER NGĦADDI DAN IS-SAJF?









is-7 edizzjoni

2009

# għoqda tbissima



MARATONA
TA' 60 SIEGĦA XANDIR
fuq Education 22,
One TV u Net TV

fid-Dar ta' San Ġużepp, Santa Venera

**10-11-12 ta' Lulju**

€7 - 5004 9853
€14 - 5004 9855
€23 - 5004 9850
sms: 5061 8099 - €4.66

Tgħin
> il-missjonijiet MSSP fil-Perù, Pakistan u Filippini
> lid-Dar ta' San Ġużepp, Santa Venera
> proġetti fix-Xandir tal-Kelma